# Materjal Pedagoġiku Differenzjat għat-Tagħlim tan-Nom

Shana Tabone

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta

għall-Grad ta' Masters in Teaching and Learning fil-Malti

Ġunju 2023

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# Dedika

*Lil dawk l-istudenti*

*li f'xi ħin jew ieħor iħossuhom*

*li mhumiex tajbin biżżejjed fil-klassi.*

*Ftakru li intom kapaċi!*

L-Università ta' Malta

**FAKULTÀ/ISTITUT/ĊENTRU/SKOLA** Il-Fakultà tal-Edukazzjoni

**DIKJARAZZJONI TA' STUDENTI POSTGRADWATI**

**(a) L-Awtentiċità tad-Dissertazzjoni**

Niddikjara li jien l-awtur/l-awtriċi leġittimu/a ta' din id-Dissertazzjoni u li hija x-xogħol oriġinali tiegħi. Il-kodiċi tal-formula tal-Etika fir-Riċerka u l-Ħarsien tad-Data EDUC-2022-00116.

L-ebda parti minn dan ix-xogħol ma tressqet bħala sostenn ta' xi applikazzjoni għal grad jew kwalifika oħra f'din l-università jew kwalunkwe università jew istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla oħra.

Inżomm lill-Università ta' Malta mingħajr ħtija f'każ ta' talbiet minn terzi persuni b'rabta mal-ksur taddritt tal-awtur, ksur tal-kunfidenzjalità, malafama jew kull ksur ieħor tad-drittijiet tat-terzi persuni.

**(b) Il-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka**

Niddikjara li mxejt mal-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka tal-Università.

Bħala student/a tal-Master, skont ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad , naqbel li jekk id-dissertazzjoni tiegħi tikseb il-Grad A, tkun aċċessibbli pubblikament fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

02.2023

# Radd ta' Ħajr

Din id-dissertazzjoni hija l-prodott tal-isforzi personali tiegħi, iżda ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna siewja ta' bosta individwi:

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lit-tutur tiegħi, Prof. Antoinette Camilleri Grima, B.Ed. (hons), M.Sc. (Edin.), Ph.D. (Edin.) li mill-ewwel darba li ltqajna emmnet fija u fl-ideat tiegħi. Nirringrazzjaha tal-għajnuna imprezzabbli waqt il-ħidma ta' dan l-istudju, tal-ħin tagħha anki meta kellha impenji oħra, tal-interess li wriet f'xogħli u tas-suġġerimenti li tatni u li servew bħala għajnuna għat-titjib ta' dan il-proġett. Il-preżenza tagħha kienet kruċjali fil-kitba ta' dan l-istudju. Nirringrazzja wkoll lil Mr. Paul Gatt tal-pariri siewja li tani għall-proġett. Ħajr ukoll lil membri kollha tal-Fakultà tal-Edukazzjoni li sa mill-ewwel ġurnata kienu hemm għalina l-istudenti-għalliema.

Ma nistax ma nroddx ħajr ukoll lill-ġenituri tiegħi Victoria u Brian, li mingħajr l-imħabba infinita tagħhom ma kontx nasal s'hawn, kif ukoll lin-nanniet tiegħi Joe, Maria u John li lkoll għenu bil-mod tagħhom. Nirringrazzja wkoll lill-għarus tiegħi Lydon talli dejjem għamilli kuraġġ u kien ta' spalla f'mumenti diffiċli. Ringrazzjament ieħor imur lil sħabi kollha tal-kors, speċjalment tal-grupp tal-Malti, li magħhom qattajt dawn il-ħames snin fl-Università. Niżżi ħajr ukoll lil Lynn Cassar tal-għajnuna tagħha fid-diżinn tal-qoxra tal-kotba tat-taħriġ.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lill-għalliema u letturi kollha tal-Malti li kabbru fija l-imħabba lejn il-lingwa Maltija u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna biex ippreżentajt dan l-istudju.

# Sinteżi

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa l-iżvilupp ta' materjal pedagoġiku b'mod differenzjat għat-tagħlim tan-nom fil-Malti. Il-materjal ippreżentat huwa mmirat għal studenti li huma kelliema nattivi tal-Malti u li jinsabu fil-livell sekondarju. In-noti u t-taħriġiet maħluqa permezz ta' dan l-istudju huma ppreżentati skont tliet rotot differenti fi tliet kotba tat-taħriġ. L-ewwel ktieb tat-taħriġ huwa mmirat għall-istudenti ta' Rotta 1, it-tieni ktieb tat-taħriġ huwa maħsub għall-istudenti ta' Rotta 2 u t-tielet ktieb għall-istudenti ta' Rotta 3. It-tliet rotot, li jissejħu livelli fiċ-ĊES, huma inklużi fis-sillabu uffiċjali tad-dipartiment tal-edukazzjoni, kif ukoll f'*Is-Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025). It-tagħlim b'mod differenzjat jimmira sabiex jilħaq lill-istudenti kollha, irrispettivament mil-livell tal-kisbiet u mill-abbilitajiet varji tagħhom. B'dan il-mod kull student se jkollu l-opportunità jesperjenza t-tagħlim tan-nom skont il-ħtiġijiet personali tiegħu.

Għan prinċipali ieħor huwa li l-kotba tat-taħriġ jintużaw kemm fl-iskejjel tal-istat kif ukoll fl-iskejjel tal-knisja u fl-iskejjel indipendenti. Dan il-proġett se jservi ta' għodda pedagoġika għal dawk l-għalliema li jixtiequ jimplimentaw id-differenzjar fil-klassijiet tagħhom. Iżda mhux biss, il-kotba tat-taħriġ huma ta' għajnuna wkoll għal dawk l-istudenti li jħobbu jitgħallmu b'metodi differenti li jmorru lil hinn mill-metodu tradizzjonali. Kull kapitlu f'din id-dissertazzjoni qed iwassal bosta studji li permezz tagħhom dan il-proġett seta' jkun possibbli.

**Il-Kliem Muftieħ**

| | | |
|---|---|---|
| grammatika | tagħlim tan-nom | lingwa nattiva |
| kotba tat-taħriġ | differenzjar | noti u taħriġiet |

# Werrej


Dedika ... i

Radd ta’ Ħajr ... iii

Sinteżi ... iv

Werrej ... v

1. L-Introduzzjoni ... 1

   1.1. Daħla ... 1

   1.2. L-għanijiet ta’ dan l-istudju ... 2

   1.3. It-taqsimijiet ta’ din id-dissertazzjoni ... 3

2. It-Tagħlim tal-Grammatika tal-Lingwa Nattiva ... 5

   2.1. X’inhi l-grammatika? ... 5

   2.2. It-tagħlim tal-grammatika lil studenti nattivi ... 6

   2.3. Metodi li bihom ngħallmu l-grammatika tal-lingwa nattiva ... 7

   2.4. Il-ħtieġa tat-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva ... 9

   2.5. L-għeluq ... 10

3. In-Nom fil-Grammatika Maltija ... 12

   3.1. Definizzjoni ta’ nom ... 12

   3.2. Studji li saru dwar in-nom fil-Malti ... 14

   3.3. L-għeluq ... 18

4. Id-Differenzjar fit-Tagħlim ... 20

   4.1. It-tagħlim differenzjat x’inhu? ... 20

4.2. Id-differenzjar fit-tagħlim tal-grammatika pedagoġika ............................................ 21

4.3. Strateġiji għat-tagħlim tal-grammatika b'mod differenzjat ...................................... 22

4.4. Xi ostakli relatati mad-differenzjar .......................................................................... 25

4.5. Id-differenzjar fil-kotba tat-taħriġ ............................................................................ 26

4.5.1. Il-kriterji differenti li fuqhom inħolqu l-eżerċizzji u l-logħob ............................. 27

4.6. L-għeluq .................................................................................................................. 39

5. Il-Ktieb tat-Taħriġ bħala Għodda għat-Tagħlim ............................................................... 40

5.1. Il-ħtieġa tal-ktieb tat-taħriġ fis-sistema edukattiva .................................................. 40

5.2. Il-ktieb tat-taħriġ kif jgħin lill-għalliema, lill-istudenti u lill-ġenituri jew lill-kustodji tagħhom?................................................................................................................ 42

5.3. Tipi differenti ta' kotba tat-taħriġ ............................................................................ 46

5.4. Karatteristiċi li għandu jkollu l-ktieb tat-taħriġ ......................................................... 47

5.5. L-għeluq .................................................................................................................. 52

6. Il-Metodoloġija u d-Disinn tal-Proġett ............................................................................ 53

6.1. L-għażla tal-punti grammatikali tan-nom fil-kotba tat-taħriġ ................................... 53

6.1.1. Fiex jikkonsisti kull punt grammatikali tan-nom?.............................................. 54

6.2. Ir-riżorsi f'rabta mad-dokumenti relevanti għat-tagħlim tal-Malti ............................ 55

6.2.1. Il-passi li għandhom jittieħdu sabiex il-kisbiet jiġu magħżula b'mod għaqli ....... 55

6.2.2. Limitazzjonijiet li joffru d-dokumenti b'rabta mat-tagħlim tal-Malti ................. 56

6.3. It-tħejjija għall-ħolqien tar-riżorsi ............................................................................ 57

6.3.1. Il-kriterji għall-ħolqien tar-riżorsi ....................................................................... 57

6.3.2. It-tħejjija tan-nota u l-eżerċizzji li ntużaw għall-proċess tat-tinqija ................... 61

6.3.3. It-tħejjija tat-taħriġiet ... 62

6.3.4. Il-metodu differenzjat fil-ħolqien tar-riżorsi ... 64

6.4. It-tħejjija għall-produzzjoni tal-kotba tat-taħriġ ... 65

6.5. Sezzjonijiet importanti oħra fil-kotba tat-taħriġ ... 69

6.6. L-għeluq ... 71

7. Il-Konklużjoni ... 72

7.1. Limitazzjonijiet ta' din ir-riċerka ... 72

7.2. Suġġerimenti għal riċerka fil-ġejjieni ... 73

7.3. L-għeluq ... 73

Lista ta' Referenzi ... 74

Il-Ktieb tat-Taħriġ ta' Rotta 1 ... 85

Il-Ktieb tat-Taħriġ ta' Rotta 2 ... 129

Il-Ktieb tat-Taħriġta' Rotta 3 ... 175

# 1. L-Introduzzjoni

## 1.1. Daħla

Probabbilment ħafna minn dawk li ġejjin mill-qasam edukattiv xi darba jew oħra f'ħajjithom esperjenzaw klassi mħallta li fiha spikkaw id-differenzi fl-abbilitajiet tal-istudenti tagħhom. Xi wħud jista' jkun li esperjenzaw klassijiet maqsuma b'sistema ta' tliet rotot differenti jew kif qegħdin jissejħu f'*Is-Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025) livell 1 sa 2 u livell 2 sa 3. Fortunatament, kelli x-xorti li dawn is-sistemi differenti nesperjenzahom it-tnejn.

Waqt l-ewwel taħriġ prattiku f'Marzu tal-2022 fi skola tal-knisja bi studenti ta' abbilitajiet imħallta fi klassi tas-seba' u tat-tmien sena, esperjenzajt element ta' diversità fl-istudenti. Fit-tieni taħriġ prattiku fi Frar tal-2023 fi skola tal-istat fid-disa' u fl-għaxar sena esperjenzat sistema edukattiva oħra fejn kelli tliet gruppi ta' erba' klassijiet differenti (l-ammont ta' klassijiet jiddependi mill-kobor tal-iskola) li jaħdmu fl-istess ħin. L-istudenti f'dawn il-klassijiet ikunu mqassma skont ir-rotta li ġew ikklassifikati fiha. L-istudenti jiġu mqassma fir-rotot abbażi ta' kif ikunu marru fl-eżami annwali fis-sena ta' qabel. L-istudenti f'kull grupp jinġabru f'Rotta 1 li hi l-abbilità l-bażika, Rotta 2 l-abbilità l-medja jew Rotta 3 li hi l-abbilità l-għolja. Il-fatt li l-klassijiet differenti jaħdmu fl-istess ħin jippermetti mobilità bejn livell u ieħor. Għaldaqstant, jekk l-għalliema jaraw li l-marka tal-eżami ma tirriflettix l-abbilità vera tal-istudenti jbiddlulhom ir-rotta li jkunu qegħdin fiha.

Dawn l-esperjenzi edukattivi servew ta' motivazzjoni u ħeġġewni biex inħejji din ir-riċerka fejn l-iskop huwa li jinħolqu tliet kotba tat-taħriġ imqassma skont tliet rotot differenti, b'noti u taħriġiet għall-istudenti li huma kelliema nattivi tal-Malti.

Hall (2002) tirrikonoxxi li l-istudenti jvarjaw fl-għarfien, fil-preparazzjoni, fil-lingwa, fil-preferenzi għall-modi tat-tagħlim, fl-interessi tagħhom u fil-mod kif jirreaġixxu. L-istruzzjoni differenzjata hi proċess li twassal għat-tagħlim tal-istudenti b'kapaċijiet differenti. Id-differenzazzjoni, ikompli Hall, tgħolli r-rata ta' suċċess individwali ta' kull student billi tgħinu fil-proċess tat-tagħlim.

### 1.2. L-għanijiet ta' dan l-istudju

L-għan prinċipali ta' dan il-proġett huwa l-ħolqien ta' tliet kotba tat-taħriġ ippreżentati skont tliet rotot differenti u mmirati għall-istudenti li huma kelliema nattivi tal-Malti. Għan ieħor hu li l-kotba tat-taħriġ jintużaw kemm fl-iskejjel tal-istat li jużaw is-sistema tar-rotot kif ukoll fl-iskejjel tal-knisja u l-iskejjel indipendenti li jużaw sistema ta' klassijiet bi studenti ta'abbilitajiet imħallta. Sa fejn kien possibbli, fl-eżerċizzji u fl-attivitajiet ippruvajt inżomm l-istess qafas sabiex l-għalliema jkunu jistgħu faċilment jużaw il-kotba tat-taħriġ meta għandhom klassi bi studenti t'abbilitajiet imħallta, b'hekk ma jaqtgħux qalbhom u jimplimentaw id-differenzjar fil-klassi. Minkejja dan, kelli nibdel il-qafas ta' xi wħud mill-attivitajiet għaliex ma kinux se joffru sfida lill-istudenti ta' Rotta 3. Madankollu, dawk l-eżerċizzji li huma differenti minn tar-rotot l-oħra xorta waħda jistgħu jintużaw fil-klassi, iżda minflok jikkoreġuhom flimkien mal-għalliema minħabba li jeħtieġu tweġibiet differenti, l-għalliema jistgħu jitolbuhom imorru fuq is-sezzjoni tat-tweġibiet lejn l-aħħar tal-kotba tat-taħriġ u jikkoreġu t-tweġibiet tagħhom stess. B'hekk ikunu qed jipprattikaw l-awtonomija f'xogħolhom.

## 1.3. It-taqsimijiet ta' din id-dissertazzjoni

Ix-xewqa tiegħi bħala għalliema tal-futur hija li permezz ta' dan l-istudju n-nies kollha involuti fil-qasam edukattiv isiru konxji aktar minn qatt qabel li fil-klassi m'hemm l-ebda individwu li jħobb jitgħallem bl-istess mod, jiġifieri li għandu l-istess preferenzi u gosti ta' kif jitgħallem u li fuq kollox għandu l-istess abbilità fit-tagħlim. Kull kapitlu li jinsab f'din id-dissertazzjoni qed iwassal riċerka dwar is-suġġett li jitratta dan l-istudju. Riċerka li mingħajrha l-proġett ma kienx se jkun dak li hu.

Din id-dissertazzjoni hi maqsuma f'seba' kapitli:

F'dan il-kapitlu nagħti ħarsa ġenerali fuq is-suġġett ta' dan l-istudju kif ukoll fuq l-għan prinċipali ta' din id-dissertazzjoni.

It-tieni kapitlu jitratta t-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva u fih nistħarreġ x'inhi l-grammatika, il-metodi varji li bihom ngħallmu l-grammatika tal-lingwa nattiva u l-importanza tal-grammatika tal-lingwa nattiva.

It-tielet kapitlu jiffoka fuq bosta studji li saru fuq in-nom fil-grammatika Maltija. F'dan il-kapitlu tingħata definizzjoni ta' nom u jiġi mistħarreġ il-proċess tat-tinqija li tipproponi Camilleri Grima (2020).

Fir-raba' kapitlu nitkellem fuq id-differenzjar fit-tagħlim tal-grammatika pedagoġika. Fih nistħarreġ numru ta' strateġiji differenti li permezz tagħhom isir id-differenzjar. F'dan il-kapitlu tingħata ħarsa lejn it-tagħlim differenzjat fil-qasam edukattiv f'Malta u jissemmew diversi metodi u programmi ta' kif l-għalliema jistgħu jiddifferenzjaw il-materjal tagħhom.

Iddeċidejt li ninkludi wkoll numru ta’ ostakli marbuta mal-applikazzjoni tad-differenzjar li l-għalliema jaffaċjaw kontinwament fil-klassi. Finalment, f’dan il-kapitlu nispjega l-kriterji differenti li permezz tagħhom qassamt it-taħriġiet skont it-tliet rotot u nsaħħaħhom permezz ta’ stampi meħudin mill-proġett.

Il-ħames kapitlu jagħti ħarsa lejn il-ktieb tat-taħriġ bħala għodda għat-tagħlim u hawnhekk nitkellem fuq l-importanza li għandu l-ktieb tat-taħriġ fis-sistema edukattiva, kif jgħin lill-għalliema, lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom, it-tipi differenti ta’ kotba tat-taħriġ li jeżistu u nistħarreġ numru ta’ karatteristiċi li għandu jkollu ktieb tat-taħriġ.

Fis-sitt kapitlu, dak tal-metodoloġija, tingħata ħarsa dettaljata lejn l-għażliet kollha li kelli nieħu, kif ukoll il-passi differenti li mxejt magħhom sabiex nikkrea l-proġett. Tkellimt ukoll fuq ir-rabta li għandhom il-kotba tat-taħriġ li ġew ikkreati mad-dokumenti relevanti għat-tagħlim tal-Malti u fuq il-limitazzjoniiet li joffru dawn id-dokumenti.

L-aħħar kapitlu jinkludi l-għanijiet ta’ din id-dissertazzjoni, il-limitazzjonijiet li sibt waqt din ir-riċerka, numru ta’ suġġerimenti għall-futur u dak li tgħallimt waqt dan l-istudju. Fl-aħħar, tkellimt fuq l-aspirazzjoni tiegħi sabiex dan il-proġett jiġi utilizzat fis-sistema edukattiva Maltija.

Il-kotba tat-taħriġ li ħloqt jinsabu fl-aħħar nett ta’ dan id-dokument biex ikunu jistgħu jintlaħqu faċilment mill-qarrej.

# 2. It-Tagħlim tal-Grammatika tal-Lingwa Nattiva

## 2.1. X'inhi l-grammatika?

Meta nkunu qed nitħaddtu inkonxjament inkunu qed nagħmlu użu mis-sistema grammatikali (Micallef, 1995). Camilleri Grima (2020) tisħaq li ġeneralment il-grammatika tikkonsisti mis-sintassi u mill-morfoloġija. Hi tenfasizza l-importanza li niddistingwu bejn, pereżempju, il-grammatika u aspetti tal-kitba bħall-ortografija u l-punteġġjatura. Għalhekk, bħala għalliema tal-Malti l-ewwel ħaġa li għandna ngħallmu lill-istudenti tagħna hija l-ħila li jiddifferenzjaw bejn dawn iż-żewġ oqsma distinti.

Il-qasam tal-grammatika minn dejjem kien wieħed mill-aktar oqsma importanti fit-tagħlim tal-lingwa. Matul iż-żminijiet kien hemm ċertu tibdil fil-mod kif wieħed iħares lejn it-tagħlim tal-grammatika tal-ewwel lingwa. Kien hemm kunflitt bejn il-grammatika tradizzjonali u l-lingwistika moderna (Ungaro, 2007). Sa madwar il-ħamsinijiet intlaħaq qbil fuq il-fatt li l-metodu tradizzjonali ma kienx l-aħjar mod li bih l-istudenti jiġu mgħallma fil-klassi. It-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva reġa' beda jieħu r-ruħ sa nofs it-tmeninijiet (Ungaro, 2007). Maż-żmien bdew jiġu introdotti kunċetti ġodda, fosthom dik introdotta minn Hawkins (1984), il-kuxjentizzazzjoni tal-lingwa. Dan il-kunċett jirreferi għall-proċess lingwistiku-edukattiv li jgħin lill-individwu jsir aktar konxju tal-istruttura tal-lingwa li jkun qed jutilizza, u jsir aktar sensittiv lejn il-lingwa u l-irwol ewlieni tagħha fil-ħajja. Ħafna mix-xogħol fit-tagħlim tal-grammatika tal-ilsien nattiv jinvolvi dan il-fenomenu li fl-enċiklopedija tat-tagħlim tal-lingwa (2013) huwa ddefinit bħala "explicit knowledge about language and conscious perception and sensitivity in language learning, language teaching and language use" (p.383). Camilleri Grima (2020) tistqarr li t-tagħlim tal-grammatika tal-

ewwel lingwa jiġi definit b'dan il-mod mill-pedagoġija moderna tal-grammatika, "Raising to the level of consciousness the unconscious native speaker knowledge" (p.27). Studjużi bħal Camilleri Grima u Portelli (2002) isostnu li l-iskejjel għandhom dejjem jimmiraw lejn din it-tip ta' kuxjentizzazzjoni.

**2.2. It-tagħlim tal-grammatika lil studenti nattivi**

Fl-istudju li ħejjiet Micallef (1995), studenti tat-tielet sena sekondarja stqarru li jqisu l-grammatika bħala xi ħaġa "tad-dwejjaq, fiha qabda regoli, u li fiha ma nifhmu xejn. Kollox trid tistudja bl-amment għall-eżami" (p.1). Għalkemm, mill-istudju li wettqet Micallef għaddew sebgħa u għoxrin sena, hija evidenti li bosta studenti għadhom bl-istess fehma dwar il-grammatika. Dan deher pjuttost ovvju minn kwestjonarju li qassamt waqt it-taħriġ prattiku fis-sebgħa ta' Marzu 2022 lil studenti fl-età ta' ħdax u tnax-il sena fi skola tal-knisja fejn ġew mitluba jimmarkaw l-inqas suġġett li jippreferu fit-tagħlim tal-Malti. Bi qbil għal dak li sabet Micallef il-maġġoranza tal-istudenti wieġbu li s-suġġett li jippreferu l-inqas huwa l-grammatika. Fl-istudju tagħha Ungaro (2007) sabet li, "skond l-għalliema l-istudenti Maltin isibu l-grammatika bħala suġġett tedjanti b'ħafna tagħlim ta' regoli." (p.22). Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li sal-lum il-ġurnata l-maġġoranza tal-istudenti għad għandhom attitudni negattiva lejn l-istudju tal-grammatika.

Din il-perċezzjoni negattiva fuq il-grammatika tista' tingħeleb jekk qabelxejn l-għalliema jifhmu li l-grammatika tipprovdi sistema sħiħa koeżiva li tikkonċerna l-formazzjoni u t-trażmissjoni tal-lingwa sabiex imbagħad jgħaddu din l-informazzjoni lill-istudenti tagħhom (Dykes, 2007). Xi ħaġa oħra saljenti li l-għalliema għandhom jagħmlu waqt il-lezzjonijiet tal-grammatika hija li jinvolvu lill-istudenti tagħhom b'mod attiv billi jippjanaw u

jorganizzaw attivitajiet li permezz tagħhom il-grammatika tkun tagħmel parti mir-realtà tagħhom. L-attivitajiet li l-għalliema jistgħu jimplimentaw waqt il-lezzjoni tal-grammatika tagħhom jistgħu jkunu diversi u jieħdu bosta għamliet, fosthom: mimi, reċtar u logħob interattiv jew użu ta' board games. It-tagħlim tal-grammatika permezz tal-mima u r-reċtar jagħti l-opportunità lill-istudenti biex iserrħu moħħhom għal ftit minuti u fl-istess waqt jitgħallmu affarijiet ġodda. Il-logħob fil-forom varji tiegħu huwa mezz ieħor ta' kif inżommu lill-istudenti stimulati waqt il-lezzjoni tal-grammatika. Dawn l-attivitajiet imsemmija jagħtu ħajja lil-lezzjoni u ma jagħmluhiex monotona. Jagħmel tajjeb ukoll li l-għalliema darba kultant jagħmlu użu mit-tagħlim koperattiv billi jqassmu lill-istudenti fi gruppi differenti u bi ħsieb waqt l-attivitajiet li jiġu mħejjija waqt il-lezzjoni.

Dan kollu jista' jitwettaq diment li l-attivitajiet iwasslu sabiex jintlaħqu l-għanijiet relatati mal-lezzjoni tal-grammatika inkwistjoni. Sabiex dan kollu jkun possibbli l-għalliema jridu jkunu esperti tal-kontenut pedagoġiku sabiex imbagħad ikunu jistgħu jiżviluppawhom f'passi waqt il-lezzjoni tagħhom (Camilleri Grima u Portelli, 2017).

## 2.3. Metodi li bihom ngħallmu l-grammatika tal-lingwa nattiva

Bħal kull qasam ieħor il-grammatika għandha l-modi tagħha ta' kif tista' tiġi mmanipulata sabiex titwassal lill-istudenti bl-aktar mod effettiv u toffrilhom esperjenza edukattiva ħolistika. Insibu żewġ metodi li l-għalliema tal-Malti jistgħu jaddottaw waqt il-lezzjoni tal-grammatika tagħhom: il-metodu deduttiv u l-metodu induttiv. Dawn huma żewġ metodi differenti u opposti minn xulxin li ġew applikati għat-tagħlim tal-grammatika. It-tnejn li huma għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom u liema approċċ jiġi magħżul jiddependi mill-preferenzi tal-għalliema u tal-istudenti tagħhom. Minkejja dan, dalwaqt se

naraw li ġeneralment l-aktar metodu ppreferut fil-klassi tal-grammatika tal-ewwel lingwa huwa dak induttiv.

Permezz tal-metodu deduttiv magħruf bħala tradizzjonali, l-għalliema jkunu fiċ-ċentru tal-lezzjoni. Portelli (2020) jispjegalna li, "Dan il-metodu jistrieħ fuq l-għarfien, u l-ħila espożitorja u oratorja tal-għalliema (teacher-centred/teacher-directed instruction); jiġifieri, kemm huma jafu jispjegaw kontenut ġdid u jiggwidaw b'mod loġiku u strutturat lill-istudenti-semmiegħa f'dan il-proċess" (p.4). Erlam (2003) kkwotat minn Sammut u Ellul (2015) sab li l-metodu deduttiv iwassal biex ħafna studenti jitilfu l-interess waqt il-lezzjoni, ma jimxux ma' prinċipji edukattivi u jmorru kontra l-prinċipju lingwistiku. Madankollu, ma jfissirx li ma joħroġ xejn tajjeb minn dan il-metodu għaliex kif jistqarru Abdukarimova u Zubaydova (2021), il-proċess deduttiv jiffranka l-ħin u ħafna regoli jistgħu jiġu spjegati bl-aktar mod sempliċi u effiċjenti. Għalhekk jifdal aktar ħin għall-prattika u għall-applikar tal-għarfien tal-istudenti.

Min-naħa l-oħra l-metodu induttiv ipoġġi lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim u kif isejħilhom Portelli (2020) huma meqjusa "aġenti attivi jew bennejja kreattivi, esploraturi bejniethom u mal-għalliema, fit-tiftixa jew fil-kostruzzjoni tal-għerf mifhum bħala binja kollaborattiva kumplessa." (p.4). Għalhekk l-istudenti f'dan il-proċess ta' tagħlim mhumiex semmiegħa passivi u dan iwassal għal aktar attenzjoni, motivazzjoni u parteċipazzjoni min-naħa tal-istudenti. Skont Abdukarimova u Zubaydova (2021), f'dan il-proċess l-istudenti jistabilixxu r-regoli huma nfushom u jiskopru kif għandhom iħaddmuhom. Camilleri Grima (2020) tgħid li Halliday (1971) introduċa l-idea li oriġinarjament kien semma Jespersen (1904) qabel, li l-istudju tal-grammatika fil-klassi għandu jkun forma ta' esplorazzjoni li ssir

mill-istudent innifsu u mhux xi lista ta' regoli preskrittivi li jagħti l-għalliem kif jiġri fil-proċess deduttiv jew tradizzjonali.

Camilleri Grima u Portelli (2002) jissuġerixxu li l-metodu induttiv huwa dak li l-għalliema għandhom jaddottaw fil-klassi tagħhom minħabba li jpoġġi lill-istudenti fil-qalba tat-tagħlim billi jaslu għat-tagħlim tal-grammatika permezz ta' kuntesti li jiġu ppreżentati bihom fil-klassi mill-għalliema tagħhom. Barra minn hekk, l-approċċ induttiv huwa dak il-metodu li jagħmel it-tagħlim pjaċevoli u jaħrab il-monotonija li tista' taħkem lill-istudenti waqt lezzjoni b'istruzzjoni induttiva. Filwaqt li hemm vantaġġi u żvantaġġi għaż-żewġ approċċi, nikkonkludi li fl-aħħar mill-aħħar l-approċċ induttiv huwa metodu aktar effiċjenti li l-għalliema għandhom jisfruttaw fil-klassi.

**2.4. Il-ħtieġa tat-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva**

Il-lingwi huma forom naturali ta' komunikazzjoni. Bl-użu tal-lingwa nattiva tagħhom it-tfal malajr jitgħallmu jikkomunikaw u jitgħallmu r-regoli ewlenin waħidhom. Rossiter (2021) jispjega li mingħajr ma jintebħu hekk kif jitgħallmu l-lingwa materna, it-tfal jiksbu fehim intuwittiv tal-grammatika. L-għan tat-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva hu li ngħinu lill-individwu jsir konxju ta' dak li jinsab fis-subkonxju tiegħu (Micallef, 1995).

Il-grammatika hija essenzjali fit-tagħlim tal-Malti għaliex permezz tagħha l-istudenti jitgħallmu jikkomunikaw b'mod effettiv. Madankollu, biex il-komunikazzjoni tkun waħda effettiva teħtieġ mill-inqas xi tip ta' fehim tal-prinċipji essenzjali tal-grammatika jew tas-sintassi (Rossiter, 2021). Richards u Renadya (2002) jisħqu li l-istudenti għandu jkollhom livell għoli ta' grammatika sabiex jiġu aċċetati mill-oħrajn. Ħafna drabi meta xi ħadd jitkellem

b'mod li mhux strutturat jitqies bħala persuna li mhijiex edukata jew li hija stupida u b'konsegwenza t'hekk il-persuna tista' tiġi eskluża. Fl-istudju li wettqet, Schembri (2019) tistqarr li dak li l-istudenti jakkwistaw mil-lezzjoni tal-grammatika ikun ta' għajnuna għalihom biex jorganizzaw il-kliem u l-messaġġi tagħhom sabiex jinftehmu aħjar mill-oħrajn.

It-taħriġ tal-grammatika jgħin fl-iżvilupp metakonjittiv li jinkludi diversi abbilitajiet li l-istudenti jingħataw l-opportunità biex jippratikaw fil-klassi u li 'l quddiem iservu ta' għajnuna wkoll fil-ħajja barra mill-iskola (Camilleri Grima, 2020). Camilleri Grima (2020) tkompli li t-tagħlim espliċitu tal-grammatika jgħin fl-iżvilipp lingwistiku u intelletwali tal-istudenti. Raġuni oħra li tagħti Camilleri Grima hija li l-grammatika tgħinna napprezzaw l-identità Maltja. Hi ssostni li, "L-ewwel lingwa tiegħek tintgħaġen miegħek. Hi parti sostanzjali minn dak li jagħmlek int, jiġifieri aspett elementari tal-identità personali u nazzjonali." (p.31).

Finalment, ir-raġuni li tagħti Weaver (1996) għall-importanza tal-istudju tal-grammatika hija li l-lingwa hija kisba umana suprema li jistħoqqilha li tiġi studjata. Il-grammatika hi wieħed mill-aktar oqsma importanti fl-istudju ta' kull lingwa. B'hekk jixraqilha li tingħata importanza kbira fil-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (2012) u meta jinħass il-bżonn għandu jkun hemm aġġornamenti xierqa u addatti.

**2.5. L-għeluq**

L-idea li t-tagħlim tal-grammatika għandu jsir b'tali mod li jqajjem interess fl-istudenti sabiex ixerred aspettattiva pożittiva lejn it-tagħlim u l-użu tal-lingwa hija fundamentali. Minkejja li l-istudenti nfushom u l-ġenituri tagħhom ukoll jilagħbu rwol kruċjali, l-għalliema huma l-aġenti ewlenin li jridu jwasslu din it-tip ta' attitudni pożittiva fl-

istudenti tagħhom. Iżda, l-ewwel u qabel kollox jeħtieġ li l-għalliema u l-istudenti jsiru konxji tal-proċess kruċjali tal-kuxjentizzazzjoni li sseħħ fit-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva. Il-kuxjentizzazzjoni, tgħidilna Camilleri Grima (2020) għandha dimensjoni konjittiva importanti ferm għaliex fl-istudenti tqajjem sensittività akbar għall-komunikazzjoni u għat-tagħlim ta' lingwi oħra bbażata fuq l-esperjenza tagħhom tal-lingwa. Mill-istudju li wettqu Sammut u Ellul (2015) spikkat din il-kwotazzjoni li fil-fehma tiegħi hija l-qofol ta' kollox, "It-tagħlim tal-lingwa u tal-oqsma tiegħu, inkluża l-grammatika, għandu jkun proċess attiv skont l-għanijiet, l-interessi, l-esperjenzi u l-ħtiġijiet ta' kull student." (p.20). Li kieku kull għalliem jimxi b'dan il-mod l-ebda student ma jibqa' jħares lejn il-grammatika bħala suġġett li fih inissel sentimenti ta' niket, biża' jew ta' ansjetà. Dokument li għandu jingħata importanza fil-qasam edukattiv hu l-*Iskaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja* ta' Camilleri Grima (2001). Fir-riċerka tiegħu Aquilina (1998) ifakkarna fuq l-importanza tal-iskaluni tal-grammatika li jgħinu lill-istudenti jsiru konxji tas-sistema grammatikali. Għalhekk, sabiex it-tagħlim li qed iwassal l-għalliem ikun effettiv irid ikun bbażżat fuq l-iskaluni sabiex b'hekk jintlaħaq l-għan mistenni.

# 3. In-Nom fil-Grammatika Maltija

Il-fatt li s-sura ta' din ir-riċerka se tieħu forma ta' proġett billi jiġu kkreati tliet kotba differenti b'noti u taħriġiet fuq il-punti grammatikali li jaqgħu taħt il-kategorija grammatikali tan-nom, jeħtieġ li qabelxejn jingħata sfond fuq in-nom fil-grammatika Maltija. L-għan prinċipali ta' dan il-kapitlu huwa li jservi ta' għajnuna fit-tħejjija ta' dan il-proġett. Barra minn hekk, permezz ta' dan il-kapitlu l-qarrejja se jifhmu aħjar x'inhu nom u x'inhi l-funzjoni tiegħu. Nibdew billi nħarsu lejn numru ta' strateġiji li ssuġġeriet Barbara Dykes (2007) għat-tagħlim tan-nom fil-klassi. Se nistħarrġu wkoll il-proċess tat-tinqija fit-tagħlim tal-grammatika li pproponiet Camilleri Grima (2020). Fit-tielet sezzjoni ta' dan il-kapitlu l-qarrejja se jkunu jistgħu jieħdu idea ta' dak li ntqal s'issa fuq in-nom minn studjużi Maltin. Fl-aħħar kapitlu wieħed jista' jsib it-tipi differenti ta' nomi li ntgħażlu sabiex fuqhom jitfassal dan il-proġett li se jkun magħmul min-noti u taħriġiet differenti maqsuma skont it-tliet rotot differenti li jeżistu fl-iskejjel statali b'mod kreattiv u innovattiv.

### 3.1. Definizzjoni ta' nom

Se nitfgħu ħarsitna fuq numru ta' definizzjonijiet li ħarġu bihom diversi studjużi fuq in-nom. F'dan il-kapitlu se nħarsu wkoll lejn numru ta' strateġiji li l-għalliema għandhom iħaddmu waqt il-lezzjoni tagħhom fuq in-nom.

Fl-iskola sekondarja wieħed mis-suġġetti li l-għalliema jgħallmu waqt il-lezzjoni tal-grammatika lill-istudenti nattivi tagħhom huwa n-nom. Hekk kif l-edukaturi jidħlu fil-klassi jistgħu faċilment jassumu li l-istudenti tal-iskola sekondarja diġà jafu x'inhu nom. Iżda meta l-istudenti jibdew javvanzaw fl-edukazzjoni tagħhom u bħall-pedament jibnu fuq dak li diġà

jafu, pereżempju, biex jinvestigaw il-frażi nominali u l-irwol tagħha fis-sentenza, jirrealizzaw li l-pedament li jridu jibnu fuqu jaf ma jkunx daqstant sod daqskemm ħasbu fil-bidu (Dykes, 2007). Sabiex jevitaw li jiġri dan u b'konsegwenza jaqgħu lura fit-tagħlim tagħhom, Dykes (2007) tipproponi li l-għalliema m'għandhomx jiħduha b'enfatt li l-istudenti tagħhom diġà jafu x'inhu nom. Għalhekk, għandhom jgħinu lill-istudenti tagħhom sabiex permezz tal-proċess tat-tinqija jaslu għal definizzjoni waħidhom. Wara li jsir hekk, l-għalliema għandhom jagħtu numru ta' attivitajiet u eżerċizzji addatti sabiex iservu ta' prattika u jiżvelaw il-livell tal-fehim tal-istudenti tagħhom. L-eżerċizzji kollha li se jingħataw għandhom isegwu l-passi tal-proċess tat-tinqija li ġie introdott għall-ewwel darba minn Camilleri Grima (1988). Fil-ktieb ta' Camilleri Grima (2020) wieħed għandu jsib mudell tal-proċess tat-tinqija li jinvolvi ħames taqsimiet prinċipali li huma: il-kuntest, it-tinqija, l-analiżi, il-formulazzjoni tal-ipotesi u l-verifika tal-ipotesi (pp.41-43). Dawn it-taqsimiet ipoġġu lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim (Camilleri Grima, 2020).

Fit-tieni kapitlu tad-dissertazzjoni tagħha Ungaro (2007) tagħti d-definizzjoni nozzjonali tan-nom li tinsab fil-ktieb *Grammatika Maltija* ta' Brother Henry tal-1967, jiġifieri li n-nom hu isem ta' persuna, oġġett jew annimal. Iżda Ungaro (2007) targumenta li din mhijiex definizzjoni korretta tan-nom għaliex hemm numru ta' aspetti li qed jitħallew barra. Ungaro (2007) tagħti r-raġunijiet tagħha u tistqarr li: "B'definizzjoni nozzjonali biss inkunu qed neskludu kategorija kbira ta' kliem li wkoll huma nomi." (p.84). Uħud mill-eżempji li tagħti Ungaro ta' dan it-tip ta' kliem huwa "imħabba", "Settembru"u "ġirja" u hi tenfasizza li dawn xorta waħda huma nomi minkejja li mhumiex ikklassifikati bħala isem ta' persuna, oġġett jew annimal (p.84). Madankollu, Ungaro (2007) tgħid li permezz tad-definizzjonijiet sintattiċi u morfoloġiċi l-istudenti jista' jkollhom stampa aktar ċara sabiex jagħżlu n-nom

minn partijiet oħra tad-diskors. L-istudjuża Dykes (2007) tagħti definizzjoni xierqa għall-kelma ‘nom’ għaliex biha tolqot ukoll il-kliem meqjus astratt,

> “The word ‘noun’ comes from Latin nomen meaning ‘name’. A noun is the name of a thing. Everything that exists has a name, whether you can see it or not. A blind person cannot see something, but that does not mean that it isn’t there! It may only exist in our minds, like hope, beauty or calories.” (p.22).

Bi qbil ma’ Dykes, Scicluna et. al (2018) jgħidu li “In-nom huwa dik il-parti tad-diskors li tidentifika persuna, animal, post, oġġett jew kunċett, bħal raġel, kelb, dar, ġebla, imħabba jew kesħa.” (p.176).

### 3.2. Studji li saru dwar in-nom fil-Malti

Artiklu importanti ħafna li nsemmu huwa dak ta’ Ungaro (2015) fejn tiddiskuti l-ħolqien ta’ grammatika pedagoġika għat-tagħlim tal-Malti lill-kelliema nattivi Maltin fl-iskola sekondarja. Dan l-istudju jixhed xi wħud mill-kwistjonijiet li jinqalgħu waqt il-proċess tal-ħolqien tas-sillabu billi jiffoka fuq in-nom. Ungaro tibda billi tieħu approċċ kritiku lejn is-sillabu u l-kotba tal-Malti u tirrevedi l-letteratura li titratta lin-nom bħala parti mid-diskors. Dan l-istudju jesplora kif it-tagħlim tan-nom jista’ jsir relevanti għall-istudenti f’livell sekondarju. Ungaro tipproponi sillabu spirall għan-nom għall-ewwel erba’ snin tal-edukazzjoni fil-livell sekondarju. Dan l-istudju jista’ jservi bħala gwida għal dawk l-għalliema li jixtiequ jippjanaw lezzjonijiet billi jqisu kriterji lingwistiċi li huma xjentifikament sodi. Ungaro sabet li żviluppi fl-oqsma tal-pedagoġija u l-metodoloġija tat-tagħlim tal-lingwi li normalment jitressqu minn riċerkaturi, mhux dejjem jiġu riflessi fl-iskejjel. Ungaro tistqarr li

l-klassi tal-Malti mhijiex eċċezzjoni għal dan. Dan għaliex it-tagħlim fil-klassijiet tal-Malti jiddependi ħafna fuq is-sillabu u l-kotba tat-taħriġ li jibqgħu jintużaw għal ammont stabbilit ta' żmien. Sfortunatament, issostni Ungaro, rari ħafna li jiġu aġġornati jew varjati. Barra minn hekk, hija xi ħaġa frustranti ħafna għal dawk l-għalliema li jiġu mgħallma l-lingwistika moderna u l-analiżi grammatikali aġġornata ġewwa l-Università qabel ma jibdew jgħallmu, u mbagħad meta jidħlu fid-dinja tax-xogħol jirrealizzaw li dak kollu li tgħallmu ma jistax jintuża fl-iskejjel minħabba l-forma u l-kontenut tal-iskejjel, kif ukoll is-sillabi tal-eżami u l-kotba stabbiliti. Permezz tar-riċerka tagħha, Ungaro tagħti bosta eżempji ta' dawn il-kwistjonijiet u titratta n-nom sabiex tidentifika xi wħud min-nuqqasijiet tas-sillabu nazzjonali. Hi mbagħad tippreżenta alternattiva għal disinn ta' sillabu aħjar.

Studju li sar fuq it-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva b'mod differenzjat kien dak ta' Sammut u Ellul (2015). L-għan ta' din id-dissertazzjoni kien li jippreżentaw metodi u riżorsi differenzjati mmirati għat-tieni sena sekondarja fil-qasam tal-grammatika. Bħala għodda użaw mezzi interattivi u kreattivi sabiex jistimulaw lill-istudenti tagħhom. Fil-ħames kapitlu tagħhom wieħed isib tliet riżorsi differenzjati bil-pjan tal-lezzjoni u logħob differenzjat. Ir-riżorsi ġew imqassma skont tliet abbilitajiet differenti fosthom: l-abbilità għolja, l-abbilità medja u l-abbilità bażika. Ir-riċerkaturi għamlu hekk sabiex kull individwu jkun jista' jipparteċipa matul il-lezzjoni tal-grammatika.

Sar studju ieħor iżda din id-darba jiffoka fuq il-kontenut u mhux fuq il-pedagoġija. Id-dissertazzjoni mressqa minn Francesca Żammit (2022) tiffoka fuq in-nom tal-aġent u n-nom tal-għodda fil-Malti. Permezz ta' dan l-istudju r-riċerkatriċi ħolqot ġabra ta' nomi tal-aġent u nomi tal-għodda fil-Malti kemm introflessivi kif ukoll konkatenattivi. Żammit analizzat l-

forom u s-suffissi tan-nomi tal-aġent, sabiex tara kif jintrabtu man-nomi tal-għodda u xi kategoriji grammatikali oħra. Sabiex jgħinha fir-riċerka tagħha Żammit użat iż-żewġ volumi tad-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina billi f'tabella niżżlet kull nom tal-aġent u nom tal-għodda li jaħdem bis-sistema introflessiva u konkatenattiva. Għan ieħor tad-dissertazzjoni Żammit tilħqu billi teżamina n-nomi tal-aġent li huma miġburin fit-tabelli u tara liema forma u suffiss jieħdu, liema huma dawk li jintużaw l-iżjed, kif ukoll liema minnhom għadhom produttivi fil-Malti.

Elaine Żammit (2012) wettqet l-istudju tagħha billi rriċerkat fuq in-nom mimmat fil-Malti li huwa kategorija ta' nomi fil-Malti ta' oriġini Semitika. Fl-ewwel kapitlu Żammit tat ħarsa lejn l-għeruq tan-nom Mimmat b'mod partikolari lejn diversi lingwi Semitiċi li skontha llum il-ġurnata huma estinti bħall-Għarbi Klassiku, l-Għarbi Standard Modern u xi djaletti Għarab. Fit-tieni kapitlu tagħha Żammit tistħarreġ xi nkiteb qabilha kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta fuq in-nom Mimmat. Fit-tielet u fl-aħħar kapitlu tad-dissertazzjoni ta' Zammit insibu l-analiżi personali tagħha bbażata fuq in-nomi Mimmati kollha li nsibu fil-lingwa Maltija. Elaine Żammit (2012) l-istess bħal Francesca Żammit (2022) ġabret lista sħiħa ta' nomi mimmati. Din il-lista kienet ta' għajnuna fit-tħejjija għal dan il-proġett għaliex minnha ntgħażlu l-aħjar eżempji ta' nomi mimmati sabiex permezz tagħhom inbnew in-noti u t-taħriġiet fuq in-nom mimmat.

Riċerka li saret fuq il-kategoriji grammatikali tan-nom, tal-verb, l-aġġettiv u l-parteċipju fil-Malti hi d-dissertazzjoni ta' Mark Amaira (2014). B'ħarsa partikolari lejn in-nom, f'dan l-istudju Amaira ma stħarriġx xi tip ta' nom partikolari kif għamlu Żammit (2022) u Żammit (2012) fl-istudji tagħhom, iżda inkluda tipi ta' nomi differenti. Fil-kapitlu ddedikat

għan-nomi Amaira nissel numru ta' karatteristiċi li jiddistingwu nom minn ieħor. Fil-ħames kapitlu janalizza x-xebh u d-differenzi bejn il-kategoriji grammatikali. Amaira jagħmel hekk sabiex jidentifika jekk fil-Malti hemmx linja ċara li tifridhom. Hu sab li n-nomi, l-aġġettivi u l-verbi jixxiebhu fil-kompożizzjoni tagħhom.

Cutajar (2019) fl-artiklu tagħha tistħarreġ forom introflessivi u konkatenattivi tad-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti. Bis-saħħa tal-istudju tagħha r-riċerkatriċi ġabret elf forma mid-dizzjunarju ta' Aquilina kif ukoll mill-għarfien li għandha fil-lingwa Maltija. Cutajar tibda billi tagħti xi definizzjonijiet tad-diminuttiv u l-akkrexxittiv u tagħti wkoll eżempji ta' dawn minn lingwi differenti b'mod partikolari dawk il-lingwi li l-Malti għandu konnessjoni magħhom. Ir-riċerkatriċi sabet li l-forom diminuttivi introflessivi m'għadhomx produttivi u għalhekk m'għadux jiġi maħluq kliem ġdid li jitqies diminuttiv introflessiv. Cutajar tisħaq li l-forom ġodda qed jinbnew biss bil-konkatenazzjoni. Cutajar sabet li l-forma tal-akkrexxitiv taħdem ma' numru kbir ta' nomi verbali tal-unità. Bil-kontra tad-diminuttiv, l-akkrexxittiv jinħadem bil-konkatenazzjoni biss. Cutajar (2019) tistqarr li rari ssib forom Semitiċi fl-akkrexxittiv minħabba li l-lingwa Għarbija hija limitata f'dawn it-tipi ta' nomi. Cutajar tagħti xi eżempji b'listi ta' suffissi u prefissi li rnexxielha tgħaqqad. Xi ħaġa interessanti li rnexxielha ssib Cutajar hi li jeżistu xi suffissi diminuttivi bħal '-ott', '-a', u '-u' li jintużaw ukoll għall-akkrexxittiv, pereżempju, ir-riċerkatriċi tagħti eżempju ta' dan permezz tal-kelma "pastizzott" li tfisser pastizz kbir għal xi nies u pastizz żgħir għal oħrajn (p.18). Madankollu, Cutajar tisħaq li hawnhekk tinħoloq ambigwità għaliex issir diffiċli biex tagħraf jekk il-lessema hijiex diminuttiva jew akkrexxittiva. Barra minn hekk, it-tifsira tal-kelma tkun tvarja wkoll.

Dissertazzjoni li saret fuq in-nom verbali fil-Malti hija dik ta' Leanne Ellul (2015) li l-għan ewlieni tagħha huwa li tagħti deskrizzjoni sinkronika tan-nomi verbali fil-Malti. Ellul tibda billi tiftaħ fuq l-ideat ewlenin marbuta man-nomi u tippreżenta kunċetti ewlenin dwar in-nom verbali f'lingwa differenti. Fit-tieni kapitlu tagħha Ellul tħares lejn in-nom verbali fil-Malti u l-mod kif iddiskutewh f'xogħlijiet differenti li saru. It-tielet kapitlu jitratta l-metodoloġija tal-ġabra tan-nomi verbali u l-kategoriji differenti. Fir-raba' kapitlu nsibu l-analiżi tan-nomi verbali nfushom. Fil-ħames kapitlu r-riċerkatriċi tiffoka fuq in-nomi verbali abbażi tad-distinzjoni "proċess-riżultat", b'hekk tasal biex tikkategorizza n-nomi verbali fil-Malti. Fl-aħħar kapitlu tippreżenta xi osservazzjonijiet fuq dak li kitbet qabel.

Kif rajna lokalment saru diversi studji li jagħtu informazzjoni dettaljata fuq il-kategorija grammatikali tan-nom. Minkejja dan, għadha ma saritx riċerka pedagoġika bil-Malti fuq il-mod ta' kif jistgħu jiġu mgħallma il-punti grammatikali tan-nomi li se jiġu mistħarrġa f'dan il-proġett b'mod differenzjat u li jmur lil hinn mill-metodu tradizzjonali. Għalhekk, l-istudju li twettaq se jservi ta' għajnuna għal dawk l-għalliema li jħossuhom mitlufa meta jiġu biex jippjanaw lezzjoni fuq in-nomi fil-livell sekondarju. Il-kotba tat-taħriġ ikkreati se jservu ta' ħidma prattika għal dawk l-istudenti li jippreferu jitgħallmu bil-mod partikolari tagħhom.

**3.3. L-għeluq**

Ħafna mill-kliem tal-lingwa jgħaddi minn bidliet fil-forma morfoloġika tiegħu. B'mod ġenerali, biex nitgħallem lingwa għandi bżonn inkun naf il-kliem tal-lingwa u xi jfisser, u r-regoli kif iġibu ruħhom flimkien. Il-morfoloġija, jiġifieri dik il-fergħa fil-lingwistika li tistudja l-binja tal-kliem tinqasam fi tnejn: il-morfoloġija inflettiva u l-morfoloġija derivattiva (Spagnol,

2021). F’dan il-proġett nitratta nomi li jaqgħu taħt il-kappa tal-morfoloġija derivattiva li skont Spagnol (2021) il-funzjoni tagħha hi li “tibni lessema ġdida b’sens distint, li għandha mnejn tagħmel ma’ parti tad-diskors differenti” (p.13). B’hekk il-morfoloġija derivattiva tinvolvi iżjed għażliet lessikali. It-tipi ta’ nomi li jaqgħu taħt din il-klassifikazzjoni u li se nitratta f’dan il-proġett huma: in-nomi li jitnisslu minn xi nom, verb jew aġġettiv: id-diminuttiv, l-akkrexxittiv, in-nom mimmat u n-nom astratt. In-noti u t-taħriġiet li se jiġu żviluppati f’dan il-proġett se jkunu qed jitrattaw dawn it-tipi ta’ nomi li ġew magħżula bir-reqqa bl-għajnuna tas-sillabu spirall li jinsab fl-istudju li għamlet Ungaro (2007) (pp.124) kif ukoll bis-saħħa tas-*Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025) (p.189).

# 4. Id-Differenzjar fit-Tagħlim

## 4.1. It-tagħlim differenzjat x'inhu?

Id-differenzjar qiegħed hemm biex jilħaq il-bżonnijiet individwali tal-istudenti. Riċerkaturi bħal Tapper u Horsley (2017) fl-artiklu tagħhom isostnu li d-differenzjar jibbenifika lill-istudenti tul il-proċess tat-tagħlim tagħhom, inkluż dawk l-istudenti li huma kapaċi ħafna, li għandhom talent u li huma msejħa 'gifted'. Fl-istudju tagħha Tomlinson (2001) tisħaq fuq l-importanza tat-tagħlim differenzjat u tgħid li fi klassi differenzjata l-karatteristiċi komuni ta' bejn l-istudenti għandhom jiġu rikonoxxuti u l-għalliem għandu jkompli jibni fuqhom. Hi tenfasizza li anke d-differenzi ta' bejn l-istudenti għandhom isiru elementi importanti fit-tagħlim.

Skont l-istudju ta' Morgan (2014) l-istruzzjoni differenzjata hija bbażata fuq il-kunċett taż-żona prossimali ta' Lev Vygotsky li huwa ta' benefiċċju għal dawk l-istudenti b'abbilitajiet differenti. Dan għaliex huma jingħataw materjal apposta mill-għalliema sabiex jaħdmu skont il-livell addattat għalihom. Dawk l-istudenti li huma akkademikament ogħla mil-livell tal-bqija tal-istudenti tal-istess klassi jibbenifikaw mill-istruzzjoni differenzjata għaliex l-istruzzjoni tagħhom għandha tkun adattata mill-għalliema sabiex iservi ta' sfida għalihom. B'riżultat ta' hekk, tkompli Morgan, dawn l-istudenti dejjem se jkunu f'livell xieraq għalihom.

Huwa d-dmir tal-għalliema biex isiru jafu lill-istudenti tagħhom mill-qrib u jadattaw il-lezzjonijiet tagħhom skont il-bżonnijiet tal-istudenti. Dan jirrikjedi ħafna ħsieb u preparazzjoni min-naħa tal-għalliema u mingħajr għarfien siewi ma jkunx possibbli. Permezz

tat-tagħlim differenzjat kull student se jingħata l-opportunità jesperjenza t-tagħlim tal-grammatika bil-mod u bl-istil tat-tagħlim adattat għalih.

### 4.2. Id-differenzjar fit-tagħlim tal-grammatika pedagoġika

Meta jkunu għadhom żgħar id-differenzi individwali ta' bejn it-tfal fit-tagħlim huma inqas importanti minn meta jikbru (Tickle, 2004). Skont Tickle dan għaliex aktar ma jkunu żgħar it-tfal aktar ikunu dipendenti fuq il-mekkaniżmu tat-tagħlim impliċitu. Hekk kif jikbru, t-tfal jibdew jaqilbu mill-ħila bikrija li jassorbu l-lingwa b'mod naturali għal tagħlim espliċitu. Kif jiġri hekk jibda jinħass il-bżonn li jiġu żviluppati strateġiji speċifici għal kull student. Hawn jidħol il-fenomenu tal-istruzzjoni differenzjata.

Ħafna drabi l-għalliema jinsew li l-istudenti tal-klassi tagħhom huma lkoll differenti fil-mod kif jippreferu jitgħallmu, jaħsbu, jagħżlu, jagħtu t-tweġibiet tagħhom u b'liema metodu jipparteċipaw l-aktar b'mod attiv. It-tagħlim differenzjat jibbaża fuq it-teorija ta' Howard Gardner (1993), fost oħrajn bħal Calleja u Johnston (eds.) (2015) u Carol Ann Tomlinson (1999) li kienu tal-fehma li l-istudenti għandhom jiġu mgħallma b'modi differenti minħabba li kull student għandu dawk il-karatteristiċi li jiddistingwuh mill-oħrajn. Jeżistu diversi modi ta' kif l-għalliem jista' jippjana l-istess lezzjoni għal studenti b'abbilitajiet varji kemm jekk ikunu fl-istess klassi kif ukoll jekk ikunu mqassmin fi klassijiet skont l-abbilità tagħhom (Camilleri Grima, 2020). Tomlinson (1999) tgħidilna li fi klassi differenzjata l-għalliema jiżguraw li l-istudent jikkompeti miegħu nnifsu għaliex b'hekk jiżviluppa aktar milli kieku jikkompeti kontra studenti oħra.

Fir-riċerka li wettqu Sammut u Ellul (2015) insibu diversi eżempji li l-għalliema jistgħu jutilizzaw meta jkunu qed jippjanaw li jaddottaw it-tagħlim differenzjat fit-tagħlim tal-grammatika. L-istruzzjoni li l-għalliema jagħtu lill-istudenti tagħhom hija mod wieħed ta' kif il-lezzjoni tal-grammatika tista' titwassal lill-istudenti b'mod kreattiv u ta' gost. Permezz t' hekk l-istudenti jkunu qed jitgħallmu kollha bil-mod individwali tagħhom, iżda mhux biss, għaliex ikunu qed jieħdu gost waqt il-lezzjonijiet ukoll.

**4.3. Strateġiji għat-tagħlim tal-grammatika b'mod differenzjat**

Dawk l-edukaturi li jużaw metodu wieħed biss biex jgħallmu mhumiex qed jakkomodaw għal modi differenti li bihom l-istudenti tagħhom jitgħallmu. L-istess kunċett jgħodd għal dawk l-għalliema li jassumu li kull student għandu l-istess għarfien (Hileman, 2009). Skont Fenech Adami (2004) hemm tmien strateġiji differenti li l-għalliema jistgħu jużaw biex jaddottaw id-differenzjar waqt it-tagħlim tal-grammatika, dawn huma:

*Differenzjar fil-kontenut*

Dan it-tip ta' differenzjar jfisser li l-għalliema jagħżlu l-kontenut partikolari għal studenti speċifiċi fi ħdan l-istess suġġett skont il-ħtiġijiet tat-tagħlim tagħhom (Lewis, 1992 u Jakupcak, 1998).

*Differenzjar skont il-livell u l-pass*

It-tieni tip ta' differenzjar isseħħ meta l-istudenti jaħdmu f'attivitajiet simili iżda f'livelli differenti ta' toqol u b'passi differenti skont il-ħtiġijiet tagħhom.

*Differenzjar skont l-interess tal-istudenti*

Skont Lewis (1992) u Weston (1992), dan it-tip ta' differenzjar tiżgura li l-attivitajiet huma relevanti għall-esperjenzi tal-istudenti stess. Hawnhekk l-għalliema tagħmel użu mill-interessi tal-istudenti sabiex timmotivahom waqt it-tagħlim.

*Differenzjar skont l-aċċess*

Dan it-tip ta' differenzjar jitlob modi differenti ta' kif għandu jiġi ppreżentat il-materjal għat-tagħlim (Lewis, 1992). Fenech Adami (2004) tirreferi għall-*Qafas tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali* (1999) meta tgħid, "'... different students learn differently what is being taught.... Teachers should be aware of these differences and their pedagogical implications so that they can engage in a more effective pedagogical approach based on the provision of different learning experiences'" (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, p. 31). Fenech Adami tisħaq li minkejja li l-għanijiet tat-tagħlim huma l-istess, minħabba d-differenzi li jinsabu fl-istudenti, l-istimoli, l-assessjar, l-approċċ tat-tagħlim u l-metodi pprovduti mill-għalliema għandhom ivarjaw.

*Differenzjar skont ir-rispons tal-istudent*

Il-ħames tip ta' differenzjar jirrikonoxxi, jirrispetta u japprezza l-fatt li l-istudenti jistgħu jirrispondu b'diversi modi għal attività partikolari.

*Differenzjar skont l-istruttura*

Dan it-tip ta' differenzjar jista' jiġi interpretat bħala dawk l-għalliema li jagħmlu użu mill-kurrikulu bbażat fuq l-assessjar sabiex jistabilixxu għanijiet individwalizzati fl-istess kurrikulu (Spillman, 1991).

*Differenzjar skont il-ħin tal-għalliema*

Fenech Adami (2004) tistqarr li, id-differenzjar tal-ħin tal-għalliema jseħħ meta l-għalliema jassistu lill-istudenti individwalment. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-kapaċità ta' għalliem li jipprovdi strateġija bħal din jiddependi min-natura tal-ħtiġijiet ta' tagħlim tal-klassi kollha.

*Differenzjar skont il-ħidma fi gruppi*

Bosta riċerkaturi jenfasizzaw il-benefiċċji miksuba mill-istudenti li jaħdmu fi gruppi (Babbage, Byers u Redding, 1999; Dunne u Bennett, 1994; Fawthrop, 1996; Hopkins u Harris, 2000). Meta l-istudenti jitgħallmu fi gruppi jkunu qed jitgħallmu kif irawmu r-responsabilità mhux biss għax-xogħol tagħhom iżda wkoll għall-grupp. B'hekk ikunu qed jiżviluppaw interdipendenza pożittiva (Johnson, Johnson & Holubec, 1994).

Fenech Adami (2004), mir-riċerka li għamlet, sabet li filwaqt li ċertu għalliema verament qed jiddifferenzjaw fil-lezzjonijiet tagħhom u qed jagħmlu użu minn dawn l-istrateġiji differenti, oħrajn għad iridu jsiru konxji tal-modi varji ta' kif wieħed jikkorrispondi għall-bżonnijiet tal-istudenti tiegħu. Għalhekk, ċertu korsijiet se joffru dan l-għarfien meħtieġ għaliex kull student huwa differenti u b'hekk it-tagħlim kollu jeħtieġ li jkun differenzjat (Fenech Adami, 2004).

F'din is-sezzjoni ġew mistħarrġa numru ta' metodi ta' kif l-għalliema jistgħu jimplimentaw id-differenzjar fil-klassijiet tagħhom. L-għalliema għandhom jaħdmu flimkien sabiex joħolqu riżorsi interattivi u jaqsmu r-riżorsi tagħhom bejniethom. Sammut u Ellul (2015) jipproponu li għandhom jiġu introdotti siti fejn l-għalliema jkunu jistgħu jaqsmu l-materjal differenzjat tagħhom. Dawn ir-riċerkaturi huma tal-idea li dan ikun stimulanti għall-

istudenti fil-qasam grammatikali u jservi ta' motivazzjoni għalihom sabiex ma jibqgħux jipperċepixxu t-tagħlim tal-grammatika bħala xi ħaġa monotona.

**4.4. Xi ostakli relatati mad-differenzjar**

Ir-riċerka turi biċ-ċar li hemm xi sfidi marbutin mal-applikazzjoni tad-differenzjar fil-klassi li jaffaċjaw l-għalliema ta' sikwit u li b'konsegwenza jistgħu jwasslu sabiex ma jagħmlux użu mid-differenzjar waqt il-lezzjonijiet.

Mill-istudju li għamel Hootstein (1998) ħareġ li, diversi għalliema joqogħdu lura milli japplikaw id-differenzjar waqt il-lezzjonijiet tagħhom. Dan għaliex jemmnu li m'għandhomx ħin biex japplikawh, riżorsi biex jgħinuhom fl-applikar tad-differenzjar u jemmnu wkoll li m'hemmx biżżejjed appoġġ min-naħa tal-amministrazzjoni. Bi qbil għal dak li qal Hootstein, fl-artiklu tagħhom Mills et. al (2014) ikkonkludu li d-differenzjar huwa kunċett kumpless li mhuwiex faċli biex minn kuntest ta' politika teqilbu għal kuntest ta' klassi u jeħtieġ spjegazzjoni aktar bir-reqqa u aktar appoġġ sabiex l-għalliema japplikawh fil-klassi tagħhom.

Klassi li fiha t-tagħlim huwa mfassal għall-bżonnijiet individwali tal-istudenti tidher differenti ferm minn klassi li mhijiex mfassla għal studenti b'abbilitajiet varji. Carolan u Guinn (1998) jgħidu li, ħafna drabi d-differenzi fl-istudenti jqumu permezz tal-interessi personali tagħhom, kif ukoll permezz tal-kapaċità konjittiva tagħhom. Mir-riċerka ta' Westwood (2009) ħareġ li, ċerti għalliema huma tal-fehma li meta jkollhom klassijiet kbar ta' studenti dan isir diffiċli għalihom biex jakkomodaw lill-istudenti kollha u japplikaw id-differenzjar fit-tagħlim tagħhom. Skont l-istudju li ħejja Tared Aldossari (2018), l-isfidi ewlenin li kienu enfassizzati mill-parteċipanti li ħadu sehem fir-riċerka tiegħu, kienu relatati

mal-istudenti, iżda dawk l-isfidi li kellhom x'jaqsmu mal-iskola u n-natura tal-istruzzjoni differenzjata wkoll ingħataw importanza.

Sabiex jiġu mnaqqsa dawn l-isfidi għandhom jittieħdu numru ta' inizjattivi. Tared Aldossari (2018) jagħti numru ta' suġġerimenti sabiex jitnaqqsu dawn l-isfidi fosthom: li għandhom jiġu organizzati korsijiet apposta fejn l-għalliema u kull min hu kkonċernat jiġi mħarreġ dwar kif għandu jiġi implimentat d-differenzjar fil-klassi. Mod ieħor huwa billi jiġu pprovduti l-mezzi kollha bħala appoġġ u inkorraġiment lill-għalliema li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni sabiex jużaw strateġiji ġodda ta' tagħlim bħall-istruzzjoni differenzjata. It-tielet mod li jsemmi Tared Aldossari (2018) huwa li nedukaw lill-prinċipali u lis-superviżuri tal-qasam edukattiv dwar il-ħtieġa li l-għalliema jiġu mħeġġa biex jużaw strateġiji moderni ta' tagħlim. Fl-aħħar, b'mod ġenerali għandu jsir aktar studju dwar l-istruzzjoni differenzjata u l-applikazzjoni tagħha fil-klassi.

### 4.5. Id-differenzjar fil-kotba tat-taħriġ

F'din it-taqsima nispjega liema kriterji użajt biex qassamt it-taħriġiet skont it-tliet rotot. F'kull kriterju nistħarreġ numru ta' għażliet li ttieħdu kif ukoll għadd ta' stampi ta' eżerċizzji u logħob li ġew ikkreati fil-proġett u li jirriflettu dawn l-għażliet. L-istampi se jitqiegħdu ħdejn xulxin sabiex jiġi enfasizzat l-aspett ta' differenzjar bejn it-tliet kotba tat-taħriġ. Bailey u Williams-Black (2008) jistqarru li,

"The process is differentiated not only by how the teacher decides to teach (lecture for auditory learners; centers for tactile learners; small group and whole group), but by the strategies the teacher has the students use to help them explore the content that is being taught." (p.136)

### *4.5.1.Il-kriterji differenti li fuqhom inħolqu l-eżerċizzji u l-logħob*

*Il-Kontenut*

Il-kontenut ġie addattat skont ir-rotta u għamilt hekk billi ħadt numru ta' deċiżjonijiet. L-ewwel għażla li għamilt hija li fil-kotba tat-taħriġ ta' Rotta 1 u 2 provdejt it-tweġiba bħala eżempju għall-ewwel domanda ta' kull taħriġ, filwaqt li fil-ktieb ta' Rotta 3 l-eżempju tħalla barra sabiex l-eżerċizzji joffru sfida akbar lill-istudenti. Għamilt hekk sabiex l-istudenti ta' Rotta 1 u 2 ikollhom mudell fuqiex jimxu u ma jaqtgħux qalbhom mal-ewwel daqqa t'għajn li jagħtu lit-taħriġiet. Min-naħa l-oħra, fil-ktieb ta' Rotta 3 ridt nenfasizza li l-eżerċizzji jeħtieġu aktar ħsieb konjittiv fil-konfront tal-istudenti, għalhekk l-eżempju ġie evitat. Ara l-istampi t'hawn taħt meħudin mit-tielet kapitlu fuq in-nom astratt, eżerċizzju 5 bħala eżempji:



Kap 3. In-Nom Astratt eż.5 (Rotta 1) p.29



Kap 3. In-Nom Astratt eż.5 (Rotta 2) p.30



Kap 3. In-Nom Astratt eż.5 (Rotta 3) p.32

Għażla oħra li ħadt u li applikajt f'diversi eżerċizzji hija li pprovdejt numru ta' għajnuniet fil-mistoqsijiet, fosthom li jnisslu t-tweġiba mill-kliem fil-parentesi u li tajthom parti mit-tweġiba bħala għajnuna. Dawn l-għajnuniet ġew applikati fil-kotba tat-taħriġ ta' Rotta 1 u 2. Għall-kuntrarju fil-kotba tat-taħriġ ta' Rotta 3 l-għajnuniet tħallew barra. Ara l-istampi t'hawn taħt bħala eżempji:



Kap 2. In-Nom Mimmat eż.3 (Rotta 1) p.19



Kap 2. In-Nom Mimmat eż.3 (Rotta 2) p.19



Kap 2. In-Nom Mimmat eż.3 (Rotta 3) p.19

Xi ħaġa oħra li għamilt sabiex niddifferenzja l-kontenut ippreżentat hija li fil-ktieb tat-taħriġ ta' Rotta 1 użajt l-inqas kliem possibbli fl-istruzzjoni ta' kull eżerċizzju, filwaqt li għall-kotba tat-taħriġ ta' Rotta 2 u 3 żidt l-kliem fl-istruzzjonijiet tal-eżerċizzji. Għamilt hekk għaliex ridt li l-istruzzjonijiet ikunu fi kliem sempliċi, konċiżi u dritt għall-punt għall-istudenti ta' Rotta 1. Naturalment, minħabba li l-eżerċizzji li jinsabu fil-kotba tat-taħriġ ta' Rotta 2 u 3 jirrikjedu aktar ħsieb u ħidma l-istruzzjonijiet kellhom ikunu aktar dettaljati u twal. Barra minn hekk, rajt li fil-ktieb tat-taħriġ ta' Rotta 1 il-paġni jkunu inqas mimlija b'kontenut minn tal-kotba l-oħra. L-element viżiv jilgħab irwol kruċjali għax jimmotiva lill-istudenti biex jaħdmu. Ara l-istampi t'hawn taħt bħala eżempji:




Kap 2. In-Nom Mimmat eż.1 (Rotta 1) p.7




Kap 2. In-Nom Mimmat eż.1 (Rotta 2) p.7




Kap 2. In-Nom Mimmat eż.1 (Rotta 3) p.7

Fil-ktieb tat-taħriġ ta’ Rotta 1 naqqast l-ammont ta’ mistoqsijiet, filwaqt li żidthom fil-kotba tat-taħriġ l-oħra. Barra l-ammont ta’ mistoqsijiet, f’xi wħud mill-eżerċizzji biddilt ukoll it-tip ta’ eżerċizzju u l-qafas tiegħu sabiex jiġi parallel mal-abbilità tal-istudenti, pereżempju, fil-ktieb ta’ Rotta 3 bdilt il-qafas ta’ xi eżerċizzji teknoloġiċi minħabba li tar-rotot l-oħra beda jinħass wisq sempliċi u faċli. Dan narawh fl-eżerċizzju teknoloġiku f’kapitlu 1a tad-diminuttiv fejn il-qafas u t-tip ta’ eżerċizzju ta’ Rotta 1 u 2 inżammu l-istess b’xi tibdiliet żgħar fejn jidħlu l-għajnuniet, filwaqt li ta’ Rotta 3 biddiltu totalment. Kif jidher fl-istampi li ġejjin, fl-eżerċizzji teknoloġiċi mmirati għal Rotta 1 u 2 tlabthom biex iqabblu l-istampi mal-kliem fid-diminuttiv li jixirqulhom, filwaqt li fit-taħriġ ta’ Rotta 3 tlabthom jaqraw is-silta li kkreajt u jimlew il-vojt bid-diminuttiv.




Kap 1a. Id-Diminuttiv eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 1) p.10




Kap 1a. Id-Diminuttiv eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 2) p.10




Kap 1a. Id-Diminuttiv eżerċizzju teknoloġiċi (Rotta 3) p.10

Eżempju ieħor ta' dan il-kriterju użat għad-differenzjar insibuh fl-eżerċizzju fuq l-akkrexxittiv f'kapitlu 1b. Fil-ktieb ta' Rotta 1 iddeċidejt li noħloq kwiżż interattiv sempliċi fejn l-istudenti kellhom jagħżlu r-risposta t-tajba minn tliet għażliet differenti, fil-ktieb ta' Rotta 2 l-istudenti jridu jqiegħdu l-kelma fl-akkrexxitiv mas-sentenza li toqgħodilha, filwaqt li fil-ktieb tat-taħriġ ta' Rotta 3 l-istudenti ġew mitluba jdawru r-rota u jwieġbu d-domanda li titfaċċa. Hija pjuttost ovvja li l-qafas użat fil-ktieb tat-taħriġ ta' Rotta 1 hu mmirat għall-istudenti ta' din ir-rotta, fil-fatt ftit li xejn hemm kliem fuq kull faċċata u l-użu tal-awdjo

wkoll jgħin biex jiġbed l-attenzjoni tal-istudenti. Min-naħa l-oħra, aktar kemm jogħla l-livell aktar jiżdiedu l-kliem u l-qafas li ntgħażel hu aktar sofistikat.




Kap 1b. L-Akkrexxittiv eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 1) p.15




Kap 1b. L-Akkrexxittiv eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 2) p.15




Kap 1b. L-Akkrexxittiv eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 3) p.15

Xi ħaġa oħra li għamilt fil-ktieb tat-taħriġ ta' Rotta 3 u li m'għamiltx fil-kotba tat-taħriġ l-oħra hija li kkreajt numru ta' siltiet fejn l-istudenti ġew mistoqsa jaqraw u jnaqqu l-informazzjoni mitluba minnhom, pereżempju, f'Kapitlu 1a eżerċizzju 5 tlabt lill-istudenti jimmarkaw l-ismijiet ta' djar Maltin li huma diminuttivi u f'kapitlu 3 eżerċizzju 3 tlabthom jidentifikaw il-verbi, joħorġu n-nomi astratti minnhom u jiktbu sentenza bihom. Ta' min jinnota li f'dawn it-tip ta' eżerċizzji barra l-ħila tal-kitba ġiet inkorporata wkoll il-ħila tal-qari. Minflok siltiet fil-ktieb ta' Rotta 2 tlabthom jiktbu kelma fid-diminuttiv u fil-ktieb ta' Rotta 1 tlabthom jimmarkaw il-kliem fid-diminuttiv. Ara l-eżempji li ġejjin:



5 Sib l-ismijiet tad-djar Maltin li huma nomi diminuttivi u agħmel sinjal (✓) fuqhom.



9

Kap 1a. Id-Diminuttiv eż.5 (Rotta 1) p.9



5 Nissel nom diminuttiv mill-kliem mogħti lilek sabiex ikollok lista ta' djar Maltin.

a) Sardin → Sardinella
b) Dar → ________
ċ) Ġużeppa → ________
d) Kamra → ________
e) Ċelest → ________

9

Kap 1a. Id-Diminuttiv eż.5 (Rotta 2) p.9



5 Aqra s-silta ta' taħt u mmarka l-ismijiet ta' djar Maltin li huma diminuttivi minnha. Wara agħżel ħamsa minnhom u iktibhom taħt id-djar sabiex tagħtihom isem.

a) ________
b) ________
ċ) ________
d) ________
e) ________

**Ismijiet ta' Djar Tipiċi Maltin**

F'numru ta' lokalitajiet madwar il-gżejjer ta' Malta ssib għadd ta' djar tipiċi Maltin. Ħafna minn dawn id-djar huma msemmija għas-sidien tagħhom bħal ngħidu aħna, 'Ġużeppina', 'Marija', 'Charlina', 'Ġanni', u 'Ċelestina'. Issib djar oħra li jingħatulhom ismijiet bħal, 'Warda', 'Madonnina', 'Musbieħ', 'Kampanella', 'Bejta', 'Ġawra' ,'Dwejra', 'Perla', 'Sardinella' u ħafna iktar. Dawn id-djar isebħu l-gżejjer Maltin u jagħtuhom il-kulur. Għalhekk, għandna nibżgħu għalihom u fejn hemm bżonn nirristawrawhom.

9

Kap 1a. Id-Diminuttiv eż.5 (Rotta 3) p.9



3 Ikteb in-nom astratt li jitnissel mill-verbi li hemm fil-parentesi.

a) Spjegazzjoni (mill-verb spjega)
b) ________ (mill-verb iddiskuta)
ċ) ________ (mill-verb immaġina)
d) ________ (mill-verb ikkoreġa)

4 Segwi l-istruzzjonijiet sabiex tilgħab il-logħba Charades fuq in-nomi astratti.

ISTRUZZJONIJIET GĦAL-LOGĦBA CHARADES BIN-NOMI ASTRATTI!

1) L-għalliema tagħżel student u tagħtih nom astratt milli jissemma f'dan il-kapitlu.
2) L-istudent irid jirreċta n-nom astratt li jingħata quddiem sħabu tal-klassi mingħajr ma jlissen kelma.
3) L-istudenti l-oħra jridu jippruvaw jaqtgħu n-nom astratt li qed jirreċta l-istudent.
4) Min jaqta' n-nom astratt l-ewwel joħroġ quddiem l-udjenza u jingħata nom astratt ieħor u l-logħba terġa' tibda mill-bidu.

28

Kap 3. In-Nom Astratt eż.3 (Rotta 1) p.28



3 Ikteb sentenza bin-nom astratt li jitnissel mill-verbi li hemm fil-parentesi.

a) Spjegazzjoni (mill-verb 'spjega')
L-ispjegazzjoni li tat l-għalliema Vella kienet waħda professjonali.
b) ________ (mill-verb 'iddiskuta')
ċ) ________ (mill-verb 'immaġina')
d) ________ (mill-verb 'ikkoreġa')
e) ________ (mill-verb 'ġie')
f) ________ (mill-verb 'qorob')

4 Segwi l-istruzzjonijiet sabiex tilgħab il-logħba Charades fuq in-nomi astratti.

ISTRUZZJONIJIET GĦAL-LOGĦBA CHARADES BIN-NOMI ASTRATTI!

1) L-għalliema tagħżel student u titolbu joħroġ b'nom astratt minn moħħu.
2) L-istudent jintalab jirreċta n-nom astratt li ħareġ bih quddiem sħabu tal-klassi mingħajr ma jlissen kelma.
3) L-istudenti l-oħra jridu jippruvaw jaqtgħu n-nom astratt li qed jirreċta l-istudent.
4) Min jaqta' n-nom astratt l-ewwel joħroġ quddiem l-udjenza u jingħata nom astratt ieħor u l-logħba terġa' tibda mill-bidu.

29

Kap 3. In-Nom Astratt eż.3 (Rotta 2) p.29



2 Oħroġ in-nomi astratti mill-aġġettivi t'hawn taħt u wara agħżel erbgħa u ikteb sentenza bihom.

a) isfar b) aħdar ċ) ikraħ d) sabiħ
e) kbir f) aħmar ġ) ikħal g) abjad

ii Is-sentenzi b'nom astratt fihom:
a) ________
b) ________
ċ) ________
d) ________

3 Aqra s-silta li ġejja, identifika l-verbi u oħroġ in-nomi astratti minnhom. Wara ikteb sentenza bihom fil-paġna li ġejja.

L-istudenti raw lill-għalliem joqrob lejn il-klassi tagħhom. Kif wasal skuża ruħu talli ġie ħames minuti tard għal-lezzjoni. Imbagħad qalilhom biex joħorġu x-xogħol pendenti li kellhom sabiex jikkoreġuh flimkien. Kif lestew, talabhom jiddiskutu bejniethom fuq l-importanza tal-midja soċjali u talabhom jimmaġinaw ħajja mingħajr teknoloġija.

30

Kap 3. In-Nom Astratt eż.3 (Rotta 3) p.30

Mod ieħor kif il-kontenut ġie differenzjat huwa billi fil-ktieb tat-taħriġ ta' Rotta 3 għażilt kliem li għal ta' Rotta 1 u possibilment anka Rotta 2 jista' jinħass diffiċli, pereżempju, il-kliem 'bżulija' u 'ċkunija f'kapitlu 3 tan-nom astratt fl-eżerċizzju teknoloġiku u 'megalomarti' f'kapitlu 1b tal-akkrexxittiv f'eżerċizzju 2 p.12.

*Ir-Rispons tal-istudenti*

Kriterju ieħor li fuqu bbażajt il-ħolqien tal-eżerċizzji huwa l-mod li bih iwieġbu l-istudenti. F'ċertu eżerċizzji tradizzjonali u teknoloġiċi li ħloqt l-istudenti jistgħu jwieġbu bil-miktub jew b'mod orali. L-istudenti għandhom jikkonsultaw mal-għalliema u jistaqsuha b'liema mod tixtieqhom iwieġbu. Madankollu, nemmen bis-sħiħ li m'għandux ikun hemm mod wieħed ta' rispons u li l-istudenti għandhom iħossuhom liberi jagħżlu l-mod ippreferut tagħhom, b'hekk jippratikaw l-awtonomija fit-tagħlim. Eżempju ta' eżerċizzju fejn l-istudenti jistgħu jwieġbu kemm bil-miktub kif ukoll b'mod orali huwa eżerċizzju 6 li jinsab f'kapitlu 3 tan-nomi astratt kif ukoll il-logħba 'Sriep u Slielem' f'kapitlu 2 fuq in-nomi mimmati. Ara dawn bħala eżempji:



Kap 3. In-Nom Astratt eż.6 (Rotta 1) p.30



Kap 3. In-Nom Astratt eż.6 (Rotta 1) p.31



Kap 3. In-Nom Astratt eż.6 (Rotta 3) p.33

Eżempju ieħor ta' kif ir-rispons tal-istudenti jkun differenzjat huma eżerċizzji li jkollhom possibilitajiet differenti ta' tweġibiet. Lill-istudenti ta' Rotta 1 iddeċidejt li nagħtihom inqas tweġibiet biex ma jitħawdux meta jaraw bosta tweġibiet differenti, filwaqt li lill-istudenti ta' Rotta 2 tajthom aktar possibilitajiet sabiex intaqqal aktar il-kontenut.

Madankollu, lill-istudenti ta’ Rotta 3 ma tajthom l-ebda tweġiba biex jagħżlu minnha iżda tlabthom biex joħorġu bit-tweġiba huma stess. Eżempju ta’ dan narawh f’kapitlu 3 fl-eżerċizzju diġitali fuq in-nomi astratti fejn ikkreajt kwiżż interattiv permezz tas-sit ‘Wordwall’.



Kap 3. In-Nom Astratt eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 1) p.31



Kap 3. In-Nom Astratt eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 2) p.32



Kap 3. In-Nom Astratt eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 3) p.34

Fil-ktieb tat-taħriġ ta’ Rotta 3 inkorporajt il-ħila tal-kitba aktar, pereżempju, f’kapitlu 1a eżerċizzju 4 fuq id-diminuttiv tlabthom biex wara li jimlew vojt fil-menù bil-kliem fid-diminuttiv, joħolqu menù mill-ġdid b’sitt diminuttivi tal-għażla tagħhom u jippreżentawh lill-klassi. Għaldaqstant, fil-ktieb tat-taħriġ ta’ Rotta 2 tlabthom biex jimlew il-vojt bid-diminuttiv bl-għajnuna tal-kliem fil-parentesi u fil-ktieb tat-taħriġ ta’ Rotta 1 tlabthom biex jimmarkaw in-nomi li qegħdin fid-diminuttiv billi jixgħeluhom. Ara l-eżempji li ġejjin:




Kap 1a. Id-Diminuttiv eż. 4 (Rotta 1) p.8




Kap 1a. Id-Diminuttiv eż. 4 (Rotta 2) p.8




Kap 1a. Id-Diminuttiv eż. 4 (Rotta 3) p.8

Eżerċizzju ieħor fejn tlabt lill-istudenti biex jelaboraw fit-tweġibiet li jagħtu permezz tal-kitba huwa eżerċizzju 5 f'kapitlu 1b fuq l-akkrexxittiv. Lill-istudenti ta' Rotta 3 tlabthom biex wara li jsibu l-kliem kollha fil-fittiexa, ikunu kreattivi u jiktbu storja tad-daħk bihom. Għall-kuntrarju fil-ktieb ta' Rotta 1 tajthom il-kliem li għandhom ifittxu fil-fittiexa bħala għajnuna.




Kap 1b. L-Akkrexxittiv eż. 4 (Rotta 1) p.13




Kap 1b. L-Akkrexxittiv eż. 4 (Rotta 2) p.13




Kap 1b. L-Akkrexxittiv eż. 4 (Rotta 3) p.13

F’eżerċizzju numru sitta ta’ kapitlu 1b ta’ Rotta 3 tlabt lill-istudenti biex jiktbu qawl jew idjoma b’akkrexxittiv tal-għażla tagħhom fih. Fil-kotba tat-taħriġ immirati għall-istudenti ta’ Rotta 1 u 2 din tħalliet barra.


QWIEL U IDJOMI

6 Aqra l-qwiel u l-idjomi li ġejjin u oħroġ l-akkrexxittiv mill-kliem sottolineat.

a) L-Idjoma: Dan l-aħħar Liam sar jilgħabha ta' sinjur.
It-Tifsira: Iġib ruħu daqslikieku kien sinjur.
sinjurun

b) Il-Qawl: Sewa ta' xemgħa biex qala' xebgħa.
It-Tifsira: Ipprova jindaħal bejniethom biex jagħmilhom paċi u minflok qalagħha fuq rasu hu.

ċ) Il-Qawl: Lill-pastaż agħtih biċċa minn dejlek u erħilu jmur.
It-Tifsira: Qis li ma jkollok qatt x'taqsam mal-ħażin jew ma' min jieħu gost ifittex l-inkwiet.

KONT TAF ?
'Raġel mustaċċun' ngħiduha għal bniedem ta' esperjenza kbira. Il-kelma 'mustaċċun' hi eżempju ta' akkrexxittiv.

14

Kap 1b. L-Akkrexxittiv eż. 6 (Rotta 1) p.14


QWIEL U IDJOMI

6 Kompli l-qwiel u l-idjomi li ġejjin billi timla l-vojt permezz tal-kliem mis-senduq. Wara oħroġ l-akkrexxittiv minn dan il-kliem u iktbu fiċ-ċirku provdut.

a) L-Idjoma: Dan l-aħħar Liam sar jilgħabha ta' sinjur.
It-Tifsira: Iġib ruħu daqslikieku kien sinjur.
sinjurun

b) Il-Qawl: Sewa ta' xemgħa biex qala' ________.
It-Tifsira: Ipprova jindaħal bejniethom biex jagħmilhom paċi u minflok qalagħha fuq rasu hu.

ċ) Il-Qawl: Lill-________ agħtih biċċa minn dejlek u erħilu jmur.
It-Tifsira: Qis li ma jkollok qatt x'taqsam mal-ħażin jew ma' min jieħu gost ifittex l-inkwiet.

pastaż
xebgħa
sinjur

d) Qed tara xi ħaġa komuni bejn il-kliem fl-akkrexxittiv? Jekk iva, elabora.

14

Kap 1b. L-Akkrexxittiv eż. 6 (Rotta 2) p.14


QWIEL U IDJOMI

6 Kompli l-qwiel u l-idjomi bil-kliem li hemm fit-teżor b'mod li jagħmlu sens u wara oħroġ l-akkrexxittiv minnhom u iktbu fiċ-ċirku pprovdut.

a) L-Idjoma: Dan l-aħħar Liam sar ________.
It-Tifsira: Iġib ruħu daqslikieku kien sinjur.

b) Il-Qawl: Sewa ta' xemgħa ________.
It-Tifsira: Ipprova jindaħal bejniethom biex jagħmilhom paċi u minflok qalagħha fuq rasu hu.

ċ) Il-Qawl: Lill-________ u erħilu jmur.
It-Tifsira: Qis li ma jkollok qatt x'taqsam mal-ħażin jew ma' min jieħu gost ifittex l-inkwiet.

pastaż
xebgħa
sinjur

d) Qed tara xi ħaġa komuni bejn il-kliem fl-akkrexxittiv? Jekk iva, elabora.

e) Ikteb qawl jew idjoma b'akkrexxittiv fih/a.

14

Kap 1b. L-Akkrexxittiv eż. 6 (Rotta 2) p.14

Fit-tieni kapitlu tan-nom mimmat eżerċizzju 6 tlabt lill-istudenti ta’ Rotta 3 biex jiktbu ċajta b’nom mimmat tal-għażla tagħhom fiha. Fil-kotba tat-taħriġ immirati għall-istudenti ta’ Rotta 1 u 2 din tħalliet barra. Madankollu, jekk l-għalliema tara li l-istudenti f’dawn ir-rotot jixtiequ jippruvaw jiktbu ċajta b’nom mimmat fiha din għandha tiġi kkunsidrata mill-għalliema tagħhom.  Skont Benjamin (2002),

> “Differentiated instruction is not about having bright students do “more” or “harder” work just because they “can handle it”. It works best when students who find depth and complexity in a topic or text are given the freedom to do so, while students on a less sophisticated level can work accordingly.” (p.20).



Kap 2. In-Nom Mimmat eż. 6 (Rotta 1) p.22



Kap 2. In-Nom Mimmat eż. 6 (Rotta 2) p.22



Kap 2. In-Nom Mimmat eż. 6 (Rotta 3) p. 24

*Il-Ħidma fi Grupp*

Bosta ezerċizzji u logħob tradizzjonali kif ukoll diġitali jistgħu jinħadmu jew jintlagħbu b'mod individwali jew fi grupp. Il-logħba 'Sriep u Slielem' f'kapitlu 2 eżerċizzju 5 tan-nom mimmat kif ukoll il-logħba fuq in-nomi astratti f'eżerċizzju 6 huma eżempji ta' logħob li wieħed jista' jilgħab individwalment jew fi grupp. Logħba li tista' tintlagħab bħala klassi hija l-logħba 'Charades' li tinsab f'kapitlu 3 tan-nomi astratti eżerċizzju 4. Ara l-istampi li ġejjin bħala eżempju:



Kap 2. In-Nom Mimmat eż. 5 (Rotta 1) p.21



Kap 2. In-Nom Mimmat eż. 5 (Rotta 2) p.21



Kap 2. In-Nom Mimmat eż. 5 (Rotta 3) p.21

*Il-Ħin*

Il-ħin huwa element ieħor li kkontribwixxa għall-implimentazzjoni tad-differenzjar fil-kotba tat-taħriġ. Fl-eżerċizzji teknoloġiċi fuq in-nomi astratti ta' Rotta 2 u 3 ddeċidejt li nagħtihom ħin li fih iridu jlestu l-eżerċizzju kollu. Madankollu, fil-ktieb ta' Rotta 1 m'allokajtx ħin partikolari li fih irid jitlesta l-eżerċizzju sabiex ma nitfgħalhomx pressjoni żejda fuqhom. Fl-eżerċizzju ta' Rotta 1 jidher biss il-ħin ta' kemm l-istudenti ħadu biex lestew l-eżerċizzju, iżda mhux qiegħed b'limitu bħalma hu l-ħin fl-eżerċizzju ta' Rotta 2 u 3. Ara dawn l-eżempji li ġejjin, fuq in-naħa tax-xellug jidher il-ħin allokat:




Kap 3. In-Nom Astratt eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 1) p.32




Kap 3. In-Nom Astratt eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 2) p.33




Kap 3. In-Nom Astratt eżerċizzju teknoloġiku (Rotta 3) p.35

Naturalment, l-eżerċizzji ppreżentati f'din is-sezzjoni huma biss kampjun mill-eżerċizzji kollha kkreati fil-kotba tat-taħriġ li jinsabu wara l-lista ta' referenzi.

**4.6. L-għeluq**

L-għalliema għandhom jisfruttaw metodi ġodda bħall-istruzzjoni differenzjata sabiex jgħinu lill-istudenti jilħqu l-abbilitajiet differenti tagħhom b'mezzi li joffru varjetà. Għalhekk għandu jkun hemm aktar kuxjentizzazzjoni fuq it-tagħlim differenzjat billi jiġu offruti korsijiet differenti u għajnuna fejn tkun meħtieġa. Finalment, jekk l-għalliema jimxu ma' dawn il-prinċipji u strateġiji differenti jkunu jistgħu jiksbu għan ewlieni fl-edukazzjoni li huwa li jilħqu l-potenzjal ta' kull student u fl-istess waqt ikunu qed jippromwovu l-inklużjoni u jmorru lil hinn mis-segregazzjoni.

# 5. Il-Ktieb tat-Taħriġ bħala Għodda għat-Tagħlim

## 5.1. Il-ħtieġa tal-ktieb tat-taħriġ fis-sistema edukattiva

Is-seklu wieħed u għoxrin ġab miegħu bidliet kbar partikolarment fil-qasam teknoloġiku. Aktar ma jgħaddi żmien aktar qed naraw il-kreazzjoni ta' għodod diġitali. Fost oqsma oħra, l-użu tat-teknoloġija ħalla impatt pożittiv fuq is-sistema edukattiva speċjalment fejn jidħlu l-għalliema u l-istudenti. Dan għaliex l-għalliema saru aktar flessibli fil-mod kif iwasslu l-lezzjoni tagħhom u kif l-istudenti jaħdmu eżerċizzji mogħtija lilhom.

Fl-iskejjel jinħass il-bżonn li jiġu kkreati kotba tat-taħriġ diġitali li jistgħu jiġu aċċessati kemm mill-klassi kif ukoll mid-dar tal-istudenti. Mithans u Grmek (2020) jirreferu għall-artiklu 2 fuq ir-regoli għall-approvazzjoni tal-kotba tat-taħriġ (2015) u jiddefinixxu l-ktieb tat-taħriġ bħala, "basic teaching material to achieve the educational objectives and standards of knowledge defined in the curriculum and the catalogue of knowledge." (p.202). Il-ktieb tat-taħriġ jista' jieħu żewġ forom ewlenin: il-ktieb tat-taħriġ tradizzjonali u dak elettroniku. Il-kotba tat-taħriġ żviluppati permezz tal-proġett ta' din id-dissertazzjoni huma diġitali iżda fihom se nsibu taħlita ta' eżerċizzji li nsibu kemm f'kotba tradizzjonali kif ukoll f'kotba elettroniċi u li huma mmirati għall-istudenti u għall-għalliema tal-livell sekondarju. Dawn it-tip ta' kotba barra l-flessibilità li joffru lill-għalliema u lill-istudenti tagħhom minħabba li jistgħu jiġu aċċessati prattikament minn kullimkien, joffru wkoll karatteristiċi inklusivi fejn jiġi indirizzat kull tip ta' livell li l-istudenti jeħtieġu. Fil-ħolqien ta' dan il-proġett iddeċidejt li nieħu l-approċċ ta' istruzzjoni differenzjata sabiex il-ħtieġa ta' kull student u studenta tiġi indirizzata b'mod uniku għalih jew għaliha. Element ieħor importanti li jkollhom il-kotba tat-taħriġ użati fl-iskejjel hu li jkunu jirriflettu l-kurrikulu li permezz tiegħu nsibu l-linji gwida u l-

għanijiet akkademiċi li jrid jimxi magħhom kull għalliem fil-kontenut li jippreżenta (Khan et. al, 2020). Graham Down jistqarr ħsibijietu fuq il-kotba tat-taħriġ fil-ktieb ta' Apple u Christian-Smith (1991), hu jgħid li barra li jirriflettu l-kurrikulu, il-kotba tat-taħriġ jiddominaw dak li jitgħallmu l-istudenti fl-iskola. Down ikompli li għal bosta studenti, il-kotba tat-taħriġ huma l-ewwel u xi kultant l-unika esperjenza bikrija tagħhom għall-kotba u l-qari. Il-pubbliku jqis dawn il-kotba bħala awtorevoli, b'informazzjoni preċiża u meħtieġa u l-għalliema jiddependu fuqhom sabiex jorganizzaw il-lezzjonijiet tagħhom u jistrutturaw is-suġġett.

Il-kotba tat-taħriġ għandhom irwol ċentrali fil-klassijiet li fihom jiġu mgħallma l-ewwel u t-tieni lingwa kif ukoll fit-tipi differenti ta' istituzzjonijiet edukattivi bħalma huma l-iskejjel tal-istat, l-sikejjel tal-knisja u l-iskejjel indipendenti. Il-kotba tat-taħriġ diġitali jistgħu jservu bħala alternattiv għall-użu tal-karta. B'hekk dawn it-tip ta' kotba huma ta' benefiċċju għall-ambjent għaliex bis-saħħa tagħhom jiġi evitat il-qtugħ tas-siġar għall-produzzjoni tal-karta. Barra minn hekk, irridu nkunu sensittivi għall-fatt li mhux kull familja taffordja li tikkonsma kotba tat-taħriġ għal uliedha. Ir-riċerka turi li hawn sezzjonijiet kbar mill-popolazzjoni tad-dinja li qed jgħixu fil-faqar (Giddens u Sutton, 2009). Għalhekk il-ktieb tat-taħriġ diġitali huwa l-orħos mod ta' kif jiġi pprovdut materjal ta' tagħlim għal kull student irrelevanti ma' liema klassi soċjali jifforma parti minnha. Benefiċċju ieħor li jħaddnu il-kotba tat-taħriġ hu li normalment ikunu viżwalment attraenti kemm għall-għalliema li jridu jagħmlu użu minnhom minn sena għall-oħra kif ukoll għall-istudenti li jridu jippratikaw fuqhom u jistudjaw minnhom. Dan jiġri biss jekk min jipproduċihom ikollu standards għoljin fid-disinn ta' dawn il-kotba u jkun hemm kwalità għolja ta' produzzjoni. Il-kotba tat-taħriġ jgħinu wkoll fl-istandardizzazzjoni tal-istruzzjoni (Ranjan n.d.). L-użu tal-ktieb tat-taħriġ jiżgura li l-istudenti tal-istess rotta jirċievu kontenut simili u għalhekk jistgħu jiġu assessjati

bl-istess mod. Inizjalment, il-ktieb tat-taħriġ jista' jservi ta' manwal prattiku għal dawk l-għalliema l-ġodda li jkunu għadhom kemm daħlu sieqhom fid-dinja edukattiva u jkunu qed jipproduċu materjal ieħor relatat mas-suġġett tagħhom (Ranjan n.d.).

Minkejja dan kollu, hemm l-idea li l-kotba tat-taħriġ jipproduċu tip ta' kultura fejn l-għalliema u l-istudenti jiddependu biss fuq dawn it-tip ta' kotba (Hutchinson u Torres, 1994). Waqt it-tħejjija għax-xogħol tal-futur tagħhom, l-istudenti-għalliema jitgħallmu li għandhom iħaddmu l-multimodalità fil-klassijiet rispettivi tagħhom u mhux jagħmlu użu biss mill-kotba tat-taħriġ. Kif jistqarr Gardner (1991) "students possess different kinds of minds and therefore learn, remember, perform, and understand in different ways" (p. 11). Għalhekk importanti li jiġi enfasizzat il-fatt li l-għalliema m'għandhomx jużaw mod wieħed biss ta' kif iwasslu t-tagħlim lill-istudenti tagħhom iżda għandhom jużaw taħlita ta' modi bħall-viżwal, l-awditorju, il-qari jew il-kitba u jinkorporaw ukoll l-element kinestetiku sabiex jilħqu lil kull tip ta' student u studenta li għandhom fil-klassi.

### 5.2. Il-ktieb tat-taħriġ kif jgħin lill-għalliema, lill-istudenti u lill-ġenituri jew lill-kustodji tagħhom?

Il-ktieb tat-taħriġ huwa għodda essenzjali għas-sistema edukattiva. Sfortunatament, xi nies jargumentaw li hu ħela ta' flus u li mhuwiex importanti fil-proċess tat-tagħlim (Omololu, 2021). Madankollu, dan mhux minnu għaliex dawn it-tip ta' kotba għandhom numru ta' benefiċċji kemm għall-għalliema, għall-istudenti kif ukoll għall-ġenituri jew għall-kustodji tagħhom (Gyamfi, 2021). Bis-saħħa tagħhom il-proċess tat-tagħlim ikun aktar faċli, lineari u l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu aħjar u b'mod aktar estensiv. Għalhekk, il-kotba tat-taħriġ għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli għall-istudenti u għall-għalliema kollha.

L-effettività tal-użu tal-kotba tat-taħriġ jiddependi mill-użu li jagħmlu minnhom l-għalliema (Sepulveda-Stuardo u Farrell, 1983). Mir-riċerka li għamlu Sepulveda-Stuardo u Farrell (1983) ħareġ li, "most teachers anticipated to either rely heavily on textbooks or not use them at all." (Moulton, 1997, p.5). Skont Moulton (1997) dawk l-għalliema li jagħmlu użu mill-kotba tat-taħriġ jużawhom bħala għajnuna fit-tħejjija tal-ippjanar tal-materjal għal-lezzjonijiet tagħhom. Moulton (1997) sabet li bejn ħamsa u tmenin fil-mija u disgħin fil-mija tal-għalliema jistrieħu fuq il-kotba tat-taħriġ bħala s-sors ewlieni li permezz tiegħu jippjanaw l-attivitajiet f'suġġetti bħal Matematika u l-qari. Il-kotba tat-taħriġ iservu ta' gwida meta l-għalliema jieħdu ċertu deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-kontenut, ngħidu aħna: deċiżjonijiet fuq liema topiks għandhom jinkludu fil-lezzjonijiet, il-ħin dovut għal kull topik u f'liema sekwenza għandhom jiġu mgħallma dawn it-topiks (Moulton, 1997). Punt interessanti li ħareġ mir-riċerka ta' Moulton (1997) hu li, "the textbook appeared to be acting as a mediating agent that helped teachers deal successfully with unacceptable student behavior." (p.12). Gyamfi (2021) fl-artiklu tagħha wkoll issemmi numru ta' benefiċċji għall-għalliema relatati mal-użu tal-ktieb tat-taħriġ fil-klassi tagħhom. Hi tistqarr li meta jkunu qed jikkoreġu l-eżerċizzji mogħtija lill-istudenti tagħhom ikunu jistgħu jiġbru informazzjoni dwar l-oqsma li l-istudenti jsibu diffikultà fihom fis-suġġett. Dan se jiżgura li jiffokaw fuq oqsma bħal dawn u jżidu l-kapaċità tal-istudenti tagħhom. L-għalliema jistgħu jużaw il-kotba tat-taħriġ sabiex jippromwovu tagħlim divertenti, tal-livell tagħhom u avventuruż. Barra minn hekk, Gyamfi (2021) tkompli targumenta li meta l-għalliem tal-klassi ma jkunx preżenti għal-lezzjoni u minfloku jiġi l-għalliem sostitut dan ikun jista' jinvolvi lill-istudenti f'attivitajiet mill-ktieb tat-taħriġ sabiex ix-xogħol jitkompla u l-istudenti jinżammu involuti fit-tagħlim b'mod attiv.

Barra li għandhom numru ta’ vantaġġi għall-għalliema, il-kotba tat-taħriġ jibbenifikaw ukoll lill-istudenti (Moulton, 1997). Fir-riċerka tagħha Moulton (1997) stħarrġet l-opinjoni tal-istudenti fuq l-użu tal-kotba tat-taħriġ fil-klassi. Din sabet li ġeneralment l-istudenti kellhom perċezzjoni pożittiva tal-kotba, saħansitra aktar mill-għalliema tagħhom u madwar nofshom għamlu użu minn dawn il-kotba meta ma fehmux dak li ġie ppreżentat lilhom mill-għalliem. Madankollu, Moulton (1997) tistqarr li madwar terz tal-istudenti ma rrikorrewx għall-ktieb tat-taħriġ meta kellhom bżonn l-assistenza. Il-kotba tat-taħriġ huma kredibbli għaliex huma bbażati fuq ir-riċerka filwaqt li ċertu sorsi tal-internet mhumiex. Il-kotba tat-taħriġ jipprovdu diversi eżempji, attivitajiet u esperimenti relatati mas-suġġett inkwistjoni sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar. Permezz tal-kotba tat-taħriġ multimodali l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu skont l-interessi u l-bżonnijiet tagħhom (Ajayi, 2012). Karatteristika oħra li nsibu fil-kotba tat-taħriġ hija li jipprovdu informazzjoni dettaljata u referenzi f’każ li wieħed ikun jeħtieġ aktar informazzjoni. Ċerti kotba tat-taħriġ lejn it-tmiem issibilhom it-tweġibiet għall-eżerċizzji li jinsabu fil-ktieb. Dawn jgħinu lill-istudenti u anka lill-ġenituri jew kustodji tagħhom biex jivverifikaw jekk it-tweġiba li jkunu għamlu hix korretta jew le. Barra minn hekk, il-ġenituri jistgħu faċilment jużaw il-kotba tat-taħriġ bħala sessjoni ta’ reviżjoni ma’ uliedhom qabel l-assessjar formattiv u l-evalwar summattiv. Vantaġġ ieħor marbut mal-użu tal-kotba tat-taħriġ hu li jippromwovu tagħlim awtonomu fejn l-istudenti huma kapaċi jitgħallmu waħidhom b’pass raġunevoli skont il-kompetenzi u l-abbilitajiet tagħhom (Gymanfi, 2021). Permezz tal-kotba tat-taħriġ l-istudenti jistgħu jiksbu fehim aktar profond tas-suġġetti mgħallma hekk kif jipprattikaw u jwieġbu l-mistoqsijiet li jinsabu f'dawn il-kotba (Gymanfi, 2021). Vantaġġ ieħor huwa li l-istudenti jkunu kapaċi jesploraw u jibnu l-kunfidenza tagħhom f'qasam partikolari. Dan għaliex, ikunu kapaċi juru l-għarfien tagħhom hekk kif jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fil-kotba tat-taħriġ (Gyamfi,

2021). Il-kotba tat-taħriġ jistgħu jkunu għodda utli għat-tagħlim tal-ħiliet lil studenti żgħażagħ, fost dawn il-ħiliet insibu: il-ħila tal-ħsieb kritiku, il-ħila li jiktbu b'tipa pulita, il-ħila tal-attenzjoni u l-konċentrazzjoni (Gyamfi, 2021). Dawn il-ħiliet se jservuhom ta' benefiċċju hekk kif jikbru u jaffaċjaw id-dinja ta' barra speċjalment meta jmorru jaħdmu. Finalment, f'dinja fejn l-ansjetajiet tal-ħajja aktar ma jmur aktar qed jiżdiedu, l-aktar ħaġa fundamentali hija li l-kotba tat-taħriġ inaqqsu l-ansjetà li l-istudenti jaffaċjaw ta' kuljum fil-ħajja skolastika tagħhom. Dan għaliex l-eżerċizzji fil-kotba tat-taħriġ huma ppreżentati b'mod realistiku u b'hekk l-istudenti ma jisfawx mgħobbija b'numru esaġerat ta' xogħol matul il-ħin tal-lezzjoni jew xogħol għad-dar (Gyamfi, 2021).

Ir-riċerka li għamlu Walker et. al (2004) tixhed li l-istudenti jibbenfikaw meta l-ġenituri jew il-kustodji joffru reazzjonijiet pożittivi għax-xogħol għad-dar li jkunu għamlu. Sabu wkoll li aktar kemm il-ġenituri jew il-kustodji jkunu speċifiċi u infurmati sabiex joffru rispons u rinfurzar, aktar ikun qawwi l-impatt tagħhom fuq it-tagħlim u fuq il-kunfidenza tal-istudenti. Xi kotba tat-taħriġ jeħtieġu l-firma tal-ġenituri jew tal-kustodji taħt l-eżerċizzji kompluti tat-tfal tagħhom (Gyamfi, 2021). Walker et. al (2004) jissuġerixxu li permezz tal-firma tagħhom il-ġenituri jew il-kustodji jkunu qed jiżguraw l-effettività tal-involviment fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom. Barra minn hekk, il-ktieb tat-taħriġ jista' jservi ta' reviżjoni u fl-istess waqt bħala mezz li bih l-istudenti u l-ġenituri jew il-kustodji tagħhom iqattgħu naqra ħin flimkien waqt li jirrevedu xi kunċetti jew jaħdmu xi eżerċizzji (Gyamfi, 2021). F'dan il-każ il-ġenituri jew il-kustodji għandhom jieħdu l-irwol tal-għalliema billi jistaqsu lil uliedhom mistoqsijiet skont l-abbilità tal-istudenti. Il-kotba tat-taħriġ li se jiġu maħluqa permezz ta' din ir-riċerka se jkunu utli għal traġit bħal dan fejn il-ġenituri jew il-kustodji jkunu jistgħu saħansitra jaraw it-tweġibiet fuq wara tal-ktieb. Madankollu, ma nistgħux nassumu li kull

student huwa l-istess. Hawn studenti li jippreferu monitoraġġ aktar laxk mingħand il-ġenituri jew il-kustodji tagħhom sabiex ikollhom aktar awtonomija f'dak li jagħmlu. F'dan il-każ l-istudenti għandhom jitħallew aktar liberi waqt il-ħidma ta' eżerċizzji mogħtija lilhom mill-għalliema jew waqt ir-reviżjoni tagħhom qabel l-assessjar formattiv jew l-evalwar summattiv.

Il-kotba tat-tagħrig joffru diversi vantaġġi kemm għall-istudenti, għall-għalliema kif ukoll għall-ġenituri u għall-kustodji. Għalhekk, jeħtieġ li nagħmlu użu minn din l-għodda b'mod għaqli.

**5.3. Tipi differenti ta' kotba tat-taħriġ**

F'din is-sezzjoni se jiġu elenkati tliet tipi ta' kotba tat-taħriġ. Bħala edukaturi jeħtieġ li nkunu konxji li jeżistu tipi differenti ta' kotba tat-taħriġ, kollha bil-karatteristiċi distinti tagħhom.

L-ewwel u l-aktar tip komuni huma l-kotba tat-taħriġ tradizzjonali. Dawn huma l-kotba tat-taħriġ li jiġu stampati u li jinbiegħu fil-ħwienet tal-kotba. Dawn it-tip ta' kotba jistgħu jinkludu komponenti multimodali bl-għan li jtejbu l-kwalità tal-ktieb tat-taħriġ (Engbrecht, 2018).

It-tieni tip ta' ktieb tat-taħriġ huwa dak elettroniku magħruf ukoll bħala 'e-textbook' u li skont Engbrecht (2018) hu forma diġitali ta' ktieb stampat u li jista' jkollu xi karatteristiċi addizzjonali bħall-abbilità li wieħed jenfasizza xi sentenza, iżid xi noti u jimmarka xi ittra.

Engrecht (2018) isemmi tip ieħor ta' ktieb tat-taħriġ li jeżisti, dan hu il-ktieb tat-taħriġ elettroniku avvanzat jew kif isejaħlu r-riċerkatur stess 'Enhanced e-textbook'. Xi karatteristiċi ta' dan il-ktieb jinkludu ħoloq differenti għal diversi filmati, podcasts, hyperlinks u riżorsi oħra. Il-kotba tat-taħriġ elettroniċi jistgħu jiġu aċċessati mill-kompjuters, laptops, tablets u saħansitra anka fuq ċerti mowbajls.

Il-kotba li se jiġu żviluppati permezz ta' din ir-riċerka se jkunu qed jimxu fuq it-tielet tip li jsemmi Engrecht (2018). Barra li se jinkludu eżeriċizzji li wieħed isib fil-kotba tradizzjonali se jinkludu wkoll ħoloq u QR codes differenti sabiex min ikun jeħtieġ aktar prattika relatat mal-punt grammatikali li jkun qed jaħdem fuqu jagħfas fuq il-ħolqa jew jiscannja l-QR code u jinfetaħ eżerċizzju interattiv.

Il-kotba tat-taħriġ irrispettivament f'liema forma jiġu jservu bħala għodda primarja għat-tagħlim sabiex jgħinu lill-istudenti fil-vjaġġ edukattiv tagħhom (Engbrecht, 2018).

**5.4. Karatteristiċi li għandu jkollu l-ktieb tat-taħriġ**

Meta nitkellmu fuq il-ħolqien ta' ktieb tat-taħriġ qed nitkellmu fuq bosta karatteristiċi li sippost ikun mgħammar bihom dan it-tip ta' ktieb. Għalhekk f'din is-sezzjoni se jiġu diskussi l-elementi marbuta mal-kontenut, l-elementi stilistiċi u l-elementi strutturali li jkun imżewwaq bihom ktieb tat-taħriġ professjonali.

*Il-Kontenut*

Element importanti li għandu jkollu l-ktieb tat-taħriġ hu li jimxi mal-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012). Barra minn

hekk, l-eżerċizzji li jkun fih iridu jilħqu skaluna li nsibu fil-ktieb *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja* (2001) ta' Camilleri Grima. Trid tintgħażel ukoll kisba mit-tagħlim partikolari li nsibu fis-*Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025) u fil-Programm tal-Metalingwa tad-9, l-10 u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024). Wara li jitlesta kull punt tal-grammatika li jitratta l-ktieb tat-taħriġ l-għalliema trid tikkonferma jekk l-għanijiet u l-oġġettivi li ġew indirizzati ntlaħqux jew le. Jekk il-ktieb tat-taħriġ se jimxi bis-sistema ta' rotot li jħaddmu l-iskejjel tal-istat wieħed irid jikkunsidra wkoll it-tip ta' kontenut immirat għal dik ir-rotta partikolari. Għalhekk, il-materjal li jiġi kkreat fil-ktieb tat-taħriġ irid ikun immirat għall-abbilitajiet tal-istudenti fil-mira.

Barra li ktieb tat-taħriġ għandu jkollu kontenut marbut mas-sillabu jeħtieġ li jkollu wkoll titlu konċiż li jinftiehem mal-ewwel darba li l-qarrejja jitfgħu għajnejhom fuqu. Fir-riċerka li għamlet Camilleri Grima (2019) ħareġ li l-kuntest li fih ikun ippreżentat il-materjal fil-ktieb tat-taħriġ importanti li jkun jaqbel mal-esperjenzi tal-istudenti fil-mira. Karatteristika oħra li għandu jkollu l-ktieb tat-taħriġ huwa li jipprovdi kontenut u riżorsi rilevanti sabiex jiffaċilità t-tagħlim ta' suġġett partikolari (Sun et. al., 2012). B'dan il-mod il-ktieb tat-taħriġ elettroniku huwa pperċepit utli għall-istudenti (Sun et. al., 2012).

Finalment, tajjeb li jiġi determinat il-materjal l-aktar importanti li għandu jinkludi l-ktieb, minħabba li ma jistax jiġi inkluż il-materjal kollu relatat mal-punt tal-grammatika partikolari. Hawnhekk importanti li wieħed ikun jaf jippjoritizza dak il-kontenut li hu meqjus kruċjali u l-kontenut li wieħed jista' jgħaddi mingħajru.

*L-Elementi Stilistiċi*

Il-ktieb tat-taħriġ hu magħmul minn bosta karatteristiċi stilistiċi li mingħajrhom ikun monotonu. Minħabba f'hekk jitnaqqas iċ-ċans li jiġi użat b'mod effettiv mill-istudenti u mill-għalliema.

Fost dawn l-elementi nsibu l-illustrazzjonijiet li jikklassifikaw ruħhom skont tliet tipi: fotografi, tpinġijiet u dijagrammi. L-illustrazzjonijiet jistgħu jkunu bil-kulur jew mingħajr, sempliċi jew kumplessi, realistiċi jew konvenzjonali (Aquilina, 1995). Aquilina (1995) tisħaq li, "A colour photograph is more closely related to reality, and therefore it may be more effective than a drawing since it awakens the interest of the young reader." (p.29). Richaudeau (1980) jikkonkludi li t-tpinġija li tintuża għal skop edukattiv tagħti informazzjoni aktar minn ritratt. Barra minn hekk, hu jgħid li d-dijagrammi li jiġu magħmula bil-kulur huma aktar ċari u jinqraw aktar mid-dijagrammi li jkunu bl-iswed u bl-abjad biss (Richaudeau, 1980). Aquilina (1995) issostni li l-kulur fl-illustrazzjonijiet hu parti kruċjali sabiex jenfasizza aspetti importanti li jkunu jridu jiġu enfasizzati. Skont Hartley (1978) meta l-kulur jiġi użat f'materjal istruttiv importanti li jiġi użat l-istess kulur b'mod konsistenti sabiex tiġi evitata l-konfużjoni fil-fehim tal-kodiċi. Għalhekk, parti mit-test li jirreferi għal tema speċifika se jkollu dejjem l-istess kulur abbinat miegħu. It-tip ta' kulur ukoll għandu jiġi kkunsidrat, jeżistu kuluri vivaċi u kuluri mudlami. F'kotba tat-taħriġ għall-istudenti importanti li jintużaw kuluri li jagħtu l-ħajja lit-tpinġija. Hartley (1978) jistqarr li tpinġijiet b'linji sempliċi f'testi istruttivi huma aħjar minn illustrazzjonijiet kumplessi speċjalment meta l-kotba huma indirizzati għall-istudenti ta' Rotta 1. Hu jissuġerixxi li t-tpinġijiet sempliċi huma utli meta jfissru kunċett ġenerali filwaqt li l-istampi kumplessi u dettaljati jistgħu jipperċepixxu kunċetti partikolari (Aquilina, 1995). Fi studju li għamlu Dwyer (1982-3) u l-kollegi tiegħu kkonkludew li meta l-

istudenti jkollhom ħin limitat għall-istudju, it-tpinġijiet huma aktar effettivi, filwaqt li meta l-istudenti ma jkollhomx ħin limitat għall-istudju l-illustrazzjonijiet realistiċi jaħdmu aktar magħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, l-illustrazzjonijiet iridu jkunu addattati għall-kuntest kif ukoll għall-etàjiet tal-istudenti li l-ktieb tat-taħriġ hu mmirat għalihom.

Pettersson (1989) jgħidilna li jeżistu tliet tipi ta' ritratti: l-ewwel tip huma r-ritratti realistiċi bħal ritratti bis-satellita, ritratti ta' nies, annimali jew oġġetti u ritratti ta' films. It-tieni tip huma r-ritratti suġġettivi li jesprimu ċirkostanzi partikolari li jgħaddi minnhom l-artist u li permezz tagħhom iwassal messaġġi dwar ir-realtà interna jew esterna tiegħu. It-tielet tip huma r-ritratti skematici bħal mapep, charts u graffs. Meta jiġu magħżula r-ritratti wieħed irid joqgħod attent x'ritratt se jagħżel u x'messaġġ iwassal dak ir-ritratt. Pettersson (1989) jargumenta li, "Both words and pictures may possess an emotive force which is not easily foreseen. A number of different value judgement could slip into a text when the purpose of the text was merely to supply information." (p. 205). Stewig (1986) jgħid li meta jutilizzaw il-kotba, l-għalliema għandhom ikunu konxji għall-elementi bħall-età, is-sessiżmu u r-razziżmu. Il-midja popolari, inkluż il-kotba tat-taħriġ li jintużaw fl-iskejjel għandhom irwol kruċjali fl-isterjotipi sesswali fit-tfal (Aquilina, 1995). Saunders (1975) stqarr li l-kotba tat-taħriġ spiss isaħħu l-isterjotipi diskriminatorji b'modi sottili permezz tar-ritratti tal-irġiel u n-nisa. Minħabba l-fini ta' plaġjariżmu meta jittieħed xi ritratt minn fuq xi sit elettroniku, ktieb jew kull tip ta' sors ieħor, importanti li jinġieb permess sabiex ir-ritratt ikun jista' jiġi inkluż fil-ktieb tat-taħriġ li jkun qed jiġi magħmul. Taħt ir-ritratt li jiġi magħżul tista' titqiegħed didaskalija għaliex kif sab Hartley (1978) dan jgħin fil-klassifikazzjoni u f'dik il-memorja li tibqa' fina għal tul ta' żmien.

It-tipografija hija l-arti li permezz tagħha l-ittri u t-test jitranġaw b'tali mod li jidhru attraenti u ċari f'għajnejn il-qarrejja. Għalhekk it-tip ta' tipa li se tintuża fil-ktieb tat-taħriġ hija element kruċjali. Jekk it-tipa ma tkunx addattata għall-bżonnijiet tal-istudenti li għalihom hu mmirat il-ktieb, it-tagħlim mhux se jkun wieħed effettiv. It-tipa tat-titlu u t-tipa tat-test tal-ktieb iridu jkunu differenti minn xulxin kemm mid-daqs kif ukoll mill-istil. Għall-istudenti ta' Rotta 1 għandha tintuża tipa aktar ċara bħalma hi s-Sans Serif għaliex hija relattivament aktar faċli biex tinqara (Bernard et. al., 2001). Għal dawk l-istudenti f'livell aktar avvanzat tista' tiġi użata t-tipa Serif. Mill-istudju li għamlu Bernard et. al. (2001) ħareġ li d-daqs tat-tipa li għandha tintuża fit-test tal-kotba tal-iskola hija 14. Madankollu d-daqs li se jintuża għat-titlu u għas-sottotitli għandu jiddistingwihom mill-bqija tat-test, b'hekk għandha tintuża tipa ikbar.

Xi elementi stilistiċi oħra jinkludu t-tip ta' qoxra tal-ktieb u l-kwalità tal-karta. Fil-kotba jistgħu jiddaħħlu wkoll xi disinji speċifiċi, pereżempju, l-użu tal-borduri. Jistgħu jintużaw il-komiks, QR codes u tip ta' logħob invoga fis-seklu wieħed u għoxrin. Wieħed irid iżomm f'moħħu li dan kollu jiddependi mill-gosti personali, mill-immaġinazzjoni u l-kreattività tal-persuna li se tikkrea l-ktieb tat-taħriġ.

*L-Elementi Strutturali*

Fil-ħolqien tal-ktieb tat-taħriġ trid tiġi mħarsa wkoll it-tip ta' struttura li se tiġi adotta. Dawn li ġejjin huma xi wħud mill-kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati fil-ħolqien ta' dan il-materjal: Il-kapitli differenti li l-ktieb se jinkludi fih, l-ordni li fiha se jinqassmu l-kapitli, jekk il-kapitli hux se jkunu indipendenti minn xulxin jew jekk l-istudenti jridux jaqraw kapitlu wara l-ieħor sabiex jifhmuhom u jekk l-kapitli hux se jiġu rranġati b'tali mod li mit-topiks il-ħfief

jimxu għal topiks aktar ta' sfida sabiex sakemm l-istudent jasal fi tmiem il-ktieb ikun ippreparat biex jgħaddi għal-livell ieħor tas-suġġett. Tajjeb ukoll li fil-kotba tat-taħriġ jiġi inkorporat l-użu tal-viżwal sabiex jgħin fid-disinn tat-tqassim. Min jikkrea l-ktieb tat-taħriġ jagħmlu sabiex primarjament jiġbed l-attenzjoni tal-istudenti, għalhekk blokok kbar ta' informazzjoni jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu pproċessati mill-istudenti. Hawn jidħol il-bżonn li titkisser il-paġna b'mod viżwali, ngħidu aħna bl-istampi, tabelli jew tip ta' grafika oħra. Il-paġna b'informazzjoni fuq il-ktieb, il-werrej, it-tweġibiet u l-ħarsetta lkoll huma elementi differenti li għandhom jiddaħħlu għaliex mingħajrhom il-qarrejja jħossuhom mitlufin. It-tqegħid ta' dawn is-sezzjonijiet huwa element strutturali ieħor li għandu jiġi kkunsidrat.

**5.5. L-għeluq**

Il-ktieb tat-taħriġ elettroniku għandu jkun relattivament faċli biex jintuża mill-istudenti. Jekk ma jkunx hekk l-istudenti jiffrustraw ruħhom fil-proċess tat-tagħlim. Barra minn hekk, Sun et. al ikomplu jinsistu li meta ktieb tat-taħriġ ikun interessanti u jqanqal l-interess fl-istudenti, dawn jieħdu pjaċir jużawh u l-esperjenzi tagħhom x'aktarx ikunu pożittivi. Jekk il-ktieb tat-taħriġ jitqies ta' għajnuna mill-istudenti dawn se jkunu aktar lesti biex jaqraw u jaħdmu l-eżerċizzji. B'riżultat għal dan l-istudenti jtejbu l-kunfidenza tagħhom fl-applikazzjoni tal-għarfien u jtejbu wkoll il-marki tagħhom (Sun et. al., 2012). Minn dan kollu ħareġ li d-dehra tal-ktieb tikkumplimenta l-użu tiegħu. Għalhekk mingħajr l-inkorporazzjoni tal-elementi differenti msemmija hawn fuq il-ktieb tat-taħriġ ma jkunx ta' suċċess. Madankollu, sabiex il-kiteb tat-taħriġ ikun ta' suċċess jeħtieġ li d-deċiżjonijiet kollha msemmija f'din is-sessjoni jittieħdu b'għaqal u bi ħsieb analitiku.

# 6. Il-Metodoloġija u d-Disinn tal-Proġett

Dan il-kapitlu jispjega l-proċess sħiħ li segwejt fil-ħolqien tal-kotba tat-taħriġ ta' dan il-proġett. Nibda billi nikkjarifika li b'punt grammatikali tan-nom irrid infisser il-kapitli differenti li jħaddnu l-kotba tat-taħriġ. F'dan il-kapitlu jingħataw numru ta' raġunijiet fuq l-għażla tal-livell edukattiv, jiġi diskuss il-ħsieb wara l-għażliet tal-punti grammatikali tan-nom magħżula, nidħol aktar fid-dettall għaliex nitkellem ukoll dwar dak li kull punt grammatikali tan-nom jikkonsisti minnu, l-ordni li fiha tqiegħdu l-punti grammatikali li wkoll hija element li m'għandux jiġi injorat, nitkellem fuq id-dokumenti tas-Sistema Edukattiva Maltija li ntużaw b'rabta mal-ħolqien tar-riżorsi ta' dan il-proġett u fih nistħarreġ numru ta' limitazzjonijiet li jippreżentaw dawn id-dokumenti. Nidħol aktar fil-fond billi nispjega x'deċiżjonijiet ittieħdu fil-konfront tal-ħolqien tar-riżorsi, il-kriterji differenti li fuqhom inbnew ir-rizorsi, kif il-metodu differenzjat ġie applikat fil-ħolqien tan-noti u tat-taħriġiet, nitkellem ukoll fuq it-tħejjija għall-produzzjoni tal-kotba tat-taħriġ u hawn jiġu diskussi numru ta' elementi li mingħajrhom il-kotba tat-taħriġ ma kinux jieħdu xeħta professjonali. Fil-kapitlu konklussiv jissemmew xi karatteristiċi uniċi li joffru l-kotba tat-taħriġ li ġew ikkreati permezz ta' dan l-istudju, karatteristiċi li ma nsibux f'kotba oħra tal-grammatika li diġà hawn fis-suq lokali.

### 6.1. L-għażla tal-punti grammatikali tan-nom fil-kotba tat-taħriġ

F'din is-sezzjoni nelabora fuq il-ħsieb wara l-għażla tal-punti grammatikali tan-nom. Iddeċidejt li naħdem fuq in-nom għaliex inħoss li fl-iskejjel tingħata aktar importanza lill-kategorija grammatikali tal-verb u n-nom jingħata l-ġenb. Permezz tal-proġett xtaqt nagħti l-kontribut tiegħi billi nippreżenta materjal differenzjat għal dawk l-istudenti li qed jippreparaw għall-eżamijiet taċ-ĊES u li jistgħu jħossuhom mitlufin meta l-għalliema tal-Malti

tagħhom tippreżenta materjal li hu komuni għall-istudenti kollha rrispettivament mill-abbilità u mill-preferenzi tat-tagħlim tagħhom. Barra minn hekk, ix-xewqa tiegħi hija li nnaqqas il-mumenti ta' ansjetà li l-istudenti tas-sekondarja jaffaċjaw kuljum, sabiex l-istudenti jieħdu gost jagħmlu użu minnhom u saħansitra jistudjaw minnhom (Tomlinson, 2012). Żammejt f'moħħi li bil-punti grammatikali tan-nom li se nagħżel inkun nista' noħloq riżorsi multimodali u nesprimi l-kreattività fihom. Ikkonfermajt li bil-punti grammatikali li se naħdem bihom fil-ħolqien tal-materjal pedagoġiku nkun nista' noħroġ bi kliem li hu kontemporanju u mhux arkajku. Din hija waħda mil-linji gwida għall-għalliema li tinsab imniżżla fis-Sillabu taċ-ĊES (2022) (p.4).

### *6.1.1. Fiex jikkonsisti kull punt grammatikali tan-nom?*

Kull punt grammatikali li ppreżentat fil-kotba tat-taħriġ jikkonsisti minn nota u numru ta' eżerċizzji ta' għamla differenti. Is-sistema multimodali hija inkorporata fil-ħolqien tar-riżorsi sabiex isservi ta' motivazzjoni għal dawk l-istudenti li m'għandhomx preferenza waħda għat-tagħlim. Fil-każ tal-ewwel kapitlu nitratta d-diminuttiv u l-akkrexxittiv iżda tal-ewwel se jkun miġbur f'sezzjoni li tifirdu mill-ieħor permezz tat-titlu. Iddeċidejt li ngħaqqadhom għaliex fil-Programm tal-Metalingwa tad-9, l-10 u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024) qegħdin magħqudin taħt l-istess kisba (p.7). Għalhekk, fl-ewwel kapitlu, wieħed se jsib total ta' żewġ noti; waħda fuq id-diminuttiv u l-oħra fuq l-akkrexxittiv u numru ta' taħriġiet differenti kemm bil-miktub kif ukoll diġitali. It-tieni kapitlu jitratta n-nom mimmat li jinqasam f'erba' tipi differenti; 1) in-nomi li juru post, in-nomi li juru żmien, in-nomi li juru għodda u n-nomi li juru ġemgħa. B'hekk iddeċidejt li tkun għażla għaqlija li n-nota f'dan il-punt grammatikali tinqasam f'erba' partijiet li jirriflettu dawn it-tipi ta' nomi mimmati differenti. Għamilt hekk sabiex lill-istudenti ma nħawwadhomx u ngħinhom jikklassifikaw it-

tipi ta' nomi mimmati b'mod viżwali. It-tielet u l-aħħar kapitlu se jitratta n-nomi astratti u se jikkonsisti minn nota waħda u numru ta' eżerċizzji bil-kitba kif ukoll diġitali.

### 6.2. Ir-riżorsi f'rabta mad-dokumenti relevanti għat-tagħlim tal-Malti

Id-dokumenti ewlenin li se jiġu użati fil-kreazzjoni tar-riżorsi huma s-*Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025), *Il-Programm tal-Metalingwa tad-9, l-10 u l-11-il sena tal-Malti ĊES 2020-2024* u minħabba r-relevanza storika li joffri se nirreferi wkoll għall-ktieb *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja* (2001) ta' Camilleri Grima. Dawn id-dokumenti se jservu ta' linji gwida sabiex fuqhom jinbnew r-riżorsi differenti. Barra minn hekk, wara l-lezzjoni permezz tagħhom l-għalliema tkun tista' faċilment tivverifika jekk il-kisba ntlaħqitx b'mod sħiħ, jekk intlaħqitx b'mod parzjali jew jekk intlaħqitx kompletament. L-għalliema għandha tissimplifika l-lingwaġġ użat fil-kisbiet fi kliemha sabiex meta taqra l-kisbiet lill-istudenti jifhmu dak li qed tipproġetta l-kisba. Dan għandu jsir għaliex it-termini użati fil-kisbiet huma diffiċli biex jiġu mifhuma speċjalment mill-istudenti ta' Rotta 1.

#### ***6.2.1. Il-passi li għandhom jittieħdu sabiex il-kisbiet jiġu magħżula b'mod għaqli***

Il-ħames passi li ttieħdu sabiex il-kisbiet ġew magħżula b'mod għaqli huma: 1) L-ewwel fhimt sew il-kisbiet u dak li jridu jwasslu, 2) Imbagħad niżżilt xi ideat li ġew f'moħħi għall-ħolqien tar-riżorsi, 3) Għat-tielet pass rajt li r-riżorsi li ġew ikkreati huma realisitiċi sabiex il-kisba inwkistjoni tiġi milħuqa, 4) F'dan il-pass ħloqt l-prodott, 5) Wara li ġie kkreat il-prodott ivverifikajt jekk il-kisba hix possibbli li tintlaħaq jew le, u 6) Meta ndunajt li l-kisba ma kinitx possibbli li tintlaħaq saru amendamenti sabiex tintlaħaq b'mod sħiħ.

### *6.2.2. Limitazzjonijiet li joffru d-dokumenti b'rabta mat-tagħlim tal-Malti*

Limitazzjoni ewlenija li nsibu fis-*Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025) hija t-termini użati fis-sezzjoni tal-grammatika (p.18). Dan għaliex biex jirreferu għall-qasam tas-suġġett qed jintuża t-terminu "Metalingwa" minflok it-terminu "Grammatika" li hu aktar addattat f'dan il-kuntest. Jekk wieħed iħares lejn l-appendiċi ta' dan id-dokument insibu referenza oħra għat-terminu "Metalingwa" minflok għat-terminu "Grammatika" (p.189). Dan l-aspett narawh ukoll f'*Il-Programm tal-Metalingw tad-9, l-10 u l-11-il sena tal-Malti ĊES 2020-2024* fejn saħansitra jidher fuq il-faċċata tad-dokument (Malti ĊES 2021-2024). Skont Camilleri Grima (2020) "It-terminu metalingwa jirreferi għall-użu ta' lingwa teknika u termini speċifiċi biex nitkellmu dwar il-lingwa nfisha." (p.29). Camilleri Grima (2020) tenfasizza li "il-metalingwa mhix l-unika ħaġa li għandu jkopri s-sillabu tal-grammatika, għax il-metalingwa hija biss għodda lingwistika, jew għodda teknika, biex inkunu nistgħu niftehmu fuqiex qed nitkellmu eżatt meta nanalizzaw l-istrutturi lingwistiċi." (p.30). Għalhekk, tajjeb li ssir distinzjoni bejn il-qasam tal-grammatika u tal-metalingwa. Barra minn hekk, inħoss li t-terminoloġiji ppreżentata fil-kriterji hija impenjattiva wisq għall-istudenti tas-sekondarja, b'hekk jeħtieġ li tiġi ssimplifikata għal-livell tal-istudenti. L-istudenti, speċjalment dawk ta' Rotta 1, mhumiex se jifhmu xi jfissru il-frażijiet: 10.1a "Nidentifika aspetti morfoloġiċi tal-Malti", jew 10.1b "Insawwar strutturi sintattiċi sempliċi". Camilleri Grima u Portelli (2017) jisħqu li l-lingwaġġ użat fir-riżorsi jeħtieġ li jkun addattat għal-livell tal-istudenti jiġifieri ċar u sempliċi mingħajr ma jkun wisq tekniku. F'dan il-każ il-lingwaġġ użat fil-kisbiet li l-għalliem jista' jaqra lill-istudenti tiegħu għandu jkun simplifikat. Barra l-kriterji morfoloġiċi u sintattiċi ma' dawn il-kriterji tal-assessjar insibu wkoll il-livell semantiku li ma jidħolx mat-tagħlim tal-grammatika iżda jirreferi għal qasam lingwistiku ieħor. Ir-riżorsi fuq it-tipi ta' nomi li huma kkreati fil-proġett mhux se jkollhom rabta semantika għaliex mhux se jkun hemm relazzjoni

tas-semantika mal-grammatika. Għalhekk, ħadt id-deċiżjoni li dan il-livell ma jiġix integrat fil-ħolqien tar-riżorsi.

## 6.3. It-tħejjija għall-ħolqien tar-riżorsi

Parti kruċjali f'din id-dissertazzjoni hija l-ħolqien tar-riżorsi edukattivi għat-tagħlim tan-nom fil-livell sekondarju. Din is-sezzjoni hi importanti ferm għaliex fuqha nbena l-proġett li jinkludi tliet kotba tat-taħriġ. Dan is-sottokapitlu jitratta l-kriterji differenti li mxejt magħhom fil-produzzjoni tar-riżorsi, l-elementi differenti li jsawru n-noti u t-taħriġiet, fosthom, il-metodi li ntużaw, it-temi differenti li jitrattaw in-noti u t-taħriġiet u xi programmi, siti jew applikazzjonijiet li jgħinu fid-disinn tagħhom. Fit-taqsima 6.3.4 nitkellem dwar kif il-metodu differenzjat ġie integrat fin-noti u fit-taħriġiet.

### *6.3.1. Il-kriterji għall-ħolqien tar-riżorsi*

F'din is-sezzjoni jiġu diskussi numru ta' deċiżjonijiet li ttieħdu sabiex jiġu mħarsa l-kriterji differenti li fuqhom ġew imsejsa l-kotba tat-taħriġ.

*Il-kontenut*

L-ewwel ħaġa li ġiet imħarsa fil-kreazzjoni tar-riżorsi hi li l-kontenut ippreżentat ikun marbut mal-Kisbiet mit-Tagħlim tal-Malti. Għalhekk, qabel ma ħejjejt ir-riżorsi ridt inkun ċerta li jkun possibbli li l-kisba partikolari tintlaħaq permezz tar-riżorsa inwkistjoni. Żammejt f'moħħi wkoll l-addattament tal-kontenut għall-interessi varji tal-istudenti, l-età tal-istudenti, ir-rieda akkademika tal-istudenti kif ukoll il-livell ta' profiċjenza fil-lingwa.

Il-kontenut ippreżentat fit-tliet kotba jitratta temi li għadhom relevanti sal-lum fis-soċjetà tagħna, għalhekk huma xi ħaġa li qegħdin ngħixu. Fejn kien possibbli trattajt suġġetti li jirriflettu l-identità u l-kultura Maltija. It-temi ppreżentati huma addattati għall-etàjiet tal-istudenti tal-livell sekondarju. Fl-istudju tagħha Schembri (2019) tistqarr li, "Huwa vantaġġ li l-istudenti jiltaqgħu ma' kontenut b'kuntest personali, familjari jew kulturali aktar milli jiltaqgħu ma' affarijiet li qatt ma jkunu ġew esposti għalihom." (p.64). Żewġ eżempji ta' riżorsi li se jħaddnu din il-karatteristika huma riżorsa fejn wieħed isib Menù b'ikel tipiku Malti u riżorsa oħra b'ismijiet tad-djar Maltin f'kapitlu 1a fuq id-diminuttiv. It-temi magħżula se jinżammu l-istess għat-tliet kotba. Dan għamiltu bi ħsieb sabiex dawk l-għalliema li jgħallmu fl-iskejjel statali u jimxu bis-sistema tar-rotot, kif ukoll dawk l-edukaturi li jgħallmu fl-iskejjel tal-knisja u fi skejjel indipendenti u jaħdmu b'sistema ta' klassijiet bi studenti ta' abbilitajiet imħallta jkunu jistgħu jlaħħqu ma' kull student. Dan se jkun possibbli għax it-temi tal-eżerċizzji huma l-istess għal kulħadd irrelevanti mill-abbilità differenti li għandhom l-istudenti. L-uniċi differenzi li se jkun hemm minn ktieb għall-ieħor huwa l-livell differenti ta' diffikultà, it-tipi ta' taħriġiet ippreżentati kif ukoll il-qafas ta' xi wħud mill-eżerċizzji li wkoll kellu jinbidel. Karatteristika kruċjali li żammejt f'moħħi hija li l-kliem li ġie magħżul fit-taħriġiet huwa kliem li l-istudenti xi darba jew oħra semgħu u evitajt l-użu ta' kliem arkajku pereżempju, kliem bħal "brajma" li skont Spiteri (2011) hija borma żgħira li tesa platt wieħed. Madankollu, jekk ikun hemm xi kliem li l-istudenti qatt ma jkunu semgħu imma li għadu jintuża mill-Maltin sal-lum nislet kelma minnhom bl-għan li jwessgħu l-vokabularju tagħhom.

*Id-disinn istruzzjonali*

Barra l-kontenut, id-disinn istruzzjonali wkoll għandu rwol kruċjali fil-mod kif il-materjal jiġi ppreżentat fil-kotba tat-taħriġ. Sabiex dan l-element jiġi mħares b'mod xieraq ittieħdu ċertu deċiżjonijiet li permezz tagħhom l-istudenti se jitgħallmu b'mod effettiv. Dan sar billi ġie magħżul tip ta' materjal li jolqot l-etajiet tal-istudenti fil-mira. Barra minn hekk, il-metodi differenti li ġew użati f'dan il-ktieb se jgħinu lill-istudenti jilħqu l-għanijiet akkademiċi tagħhom.

Fil-ħolqien tar-riżorsi żammejt f'moħħi l-erba' stili ta' tagħlim enfasizzati fit-teorija ta' Neil Fleming fl-1987: 1) It-tagħlim kinestetiku, 2) It-tagħlim viżwali, 3) It-tagħlim permezz tal-kitba u l-qari u 4) It-tagħlim awditorju (Fleming & Baume, 2006). B'dawn l-istili f'moħħi ddeċidejt li ninkorpora materjal li jappella għall-istili differenti ta' tagħlim tal-istudenti bħalma għamilt f'wieħed mill-eżerċizzji tan-nom astratt fejn tlabt lill-istudenti sabiex jipparteċipaw f'logħba f'pari billi jiktbu t-tweġibiet, jaqtgħu ċ-ċirku u jdaħħlu lapes fin-nofs sabiex b'hekk ikunu kkreaw kraft. Din il-logħba hija mmirata għal dawk l-istudenti li jħobbu jitgħallmu b'mod kinestetiku. F'eżerċizzju ieħor marbut ma' kapitlu 1b fuq l-akkrexxittiv daħħalt silta fuq iċ-ċajt u numru ta' mistoqsijiet li jridu jitwieġbu permezz tal-kitba għal dawk l-istudenti li jitgħallmu permezz tal-qari u l-kitba.

*L-element grafiku*

L-element grafiku wkoll għandu rwol kruċjali fil-ħolqien ta' ktieb tat-taħriġ. Viżwal antik ġie evitat għaliex jekk il-viżwal ikun barra minn żmienhom l-istudenti se jsibuha diffiċli biex jirreletaw mal-użu tiegħu. Għalhekk, ġie deċiż li jintużaw kuluri vivaċi fit-tliet kotba. Fil-ktieb ta' Rotta 1 intużaw il-kuluri blu ċar, oranġjo u isfar ċar. Fit-tieni ktieb intużaw il-kuluri

isfar ċar, aħdar ċar u blu ċar, filwaqt li fil-ktieb immirat għall-istudenti ta' Rotta 3 ntużaw il-kuluri roża ċar, blu ċar u vjola ċar. Il-kuluri kollha li ntgħażlu għall-kapitli differenti ġew magħżula bi ħsieb u lkoll jaqblu mal-kuluri tal-faċċata tat-tliet kotba. Għalhekk ġie aċċertat li viżwalment il-kuluri ma jdejqux lil dak li jkun. Barra minn hekk, ntgħażlu tip ta' kuluri minn kull spetru, għaliex nemmen bis-sħiħ li l-kuluri ma jidentifikawx is-sess ta' dak li jkun. Xi ħaġa oħra li ġiet ikkunsidrata hija l-ispazzju li tħalla bejn it-titli, is-sottotitli u t-test. Ġie żgurat li jkun hemm biżżejjed spazzju bejn dawn l-elementi sabiex viżwalment ikunu ta' kumdità għal kull min se jiġi f'idu dan il-ktieb tat-taħriġ.

*Il-kunsiderazzjonijiet soċjali*

Qabel ma tħejja l-materjal ġew ikkunsidrati diversi fatturi sabiex tiġi aċċertata l-professjonalità ta' dawn il-kotba, fosthom insibu, l-età li għaliha huma mmirati l-kotba, l-etniċità, is-sessi u d-drittijiet umani. Sabiex inżomm ma' dawn il-prinċipji rajt li bil-materjal li jiġi ppreżentat ma jħossu skomdu ħadd. Daħħalt ritratti ta' studenti ta' karnaġġjon abjad u skur sabiex kulħadd iħossu aċċettat. Skont Schembri (2019), "dawn il-kwistjonijiet soċjali jinkludu l-bilanċ bejn l-irwoli tan-nisa u tal-irġiel u kemm jista' jkun jiġu evitati l-promozzjoni tal-isterjotipi bejn is-sessi. Ir-riżorsi għandhom jirriflettu għarfien pożittiv u sensittiv biex juru orjentazzjoni sesswali diversa u kull riżorsa għandha taċċetta kull twemmin."(p.68) Għalhekk, varjajt il-kuluri fit-tliet kotba u m'użajtx biss kuluri li għandhom tendenza li jħobbu l-bniet jew li jħobbu s-subien, iżda kuluri mill-ispettru kollu. Kunsiderazzjoni oħra li ġiet imħarsa fil-kreazzjoni tar-riżorsi hija li ma jkunx hemm preġudizzji politiċi jew reliġjużi. Il-materjal li ġie ppreżentat huwa addattat għall-firxa tal-etajiet tal-udjenza li għaliha huma mmirati l-kotba. Gatt f'Camilleri Grima u Portelli (2017) jistqarr li, kriterju kruċjali li l-għalliema għandhom iżommu f'moħħhom meta jiġu biex jevalwaw riżorsa huwa l-

kunsiderazzjoni tal-messaġġi soċjali inkorporati fir-riżorsi. Gatt ikompli jgħid li riżorsa m'għandux ikollha "messaġġi razzjali, ma tippromwovix rwoli sterjotipati, tkun tolleranti għall-kulturi differenti u tippromwovi l-għaqda u l-ġustizzja soċjali" (p.62). Bezzina (2021) fl-istudju tagħha rreferiet għall-*Qafas Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (2012) u sabet li "Dan huwa essenzjali f'kull età iżda b'mod speċjali meta l-istudenti jkunu fil-livell tal-medja u tas-sekondarja għax ikunu qegħdin jiskopru lilhom infushom u lid-dinja ta' madwarhom u b'hekk tajjeb li l-messaġġi soċjali wara r-riżorsi juruhom informazzjoni valida u oġġettiva." (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, p.31). Użajt tip ta' logħob li jolqot liż-żgħażagħ u li persważa li se jgħinhom jinteragixxu u jitgħallmu mill-materjal ppreżentat lilhom. Skont id-Dipartiment tal-Edukazzjoni (2008) il-lingwa hija kunsiderazzjoni soċjali oħra li għandha tirrifletti l-kuntest, il-maturità u l-livell intellettwali tal-udjenza.

### *6.3.2. It-tħejjija tan-nota u l-eżerċizzji li ntużaw għall-proċess tat-tinqija*

In-nota fuq kull punt grammatikali differenti ġiet ikkreata fi ftit sentenzi. Ippruvajt inżomm f'moħħi l-abbilità tal-istudenti, b'hekk fil-ktieb ta' Rotta 1 issimplifikajt in-nota kemm stajt sabiex l-istudenti ma jsibux it-termini diffiċli u żammejt mal-prinċipju tal-konċiżjoni. Barra minn hekk, użajt is-sottolineat u l-grassett sabiex permezz tagħhom nenfasizza l-kliem li hu importanti. F'xi waqtiet saħansitra biddilt il-kulur tal-kliem u f'xi drabi anka frażijiet sħaħ sabiex niġbed l-attenzjoni tal-istudenti. Skont Folker, S u Ritter, H. (2005),

> "The use of color-codes as a means of achieving contiguity effects and reducing search processes can also be recommended; color-codes increase the efficiency of processing for subjects with low prior knowledge and can easily be used in standard textbook material. Most importantly, they seem to lead to a more integrated processing, thus maximizing the benefit of multimodal material." (p.695)

Ikun aħjar jekk l-għalliema ma jibdewx billi jaqraw in-nota iżda billi l-ewwel jitolbu lill-istudenti biex jaħdmu l-eżerċizzji li jsegwuha. B'hekk ikunu qed jipparteċipaw fil-proċess tat-tinqija li tenfasizza Camilleri Grima (2020) u li jitħaddem permezz ta' eżerċizzji differenti li l-istudenti huma mitluba jaħdmu waħedhom jew fi gruppi skont l-istruzzjoni tal-għalliema tagħhom. Hekk kif l-istudenti jaħdmu l-eżerċizzji l-għalliema għandha tħaddem il-metodu tat-tinqija. L-istudenti bil-gwida tal-għalliema jintalbu biex jagħtuha t-tweġibiet u hi titfa' t-tweġibiet tagħhom taħt kolonni differenti. L-għalliema mbagħad tista' titlobhom jgħidulha x'inhuma s-similaritajiet jew id-differenzi li qed jaraw bejn il-kliem f'kull kolonna. It-tip ta' eżerċizzji għall-proċess tat-tinqija li ġew ikkreati jvarjaw, fosthom insibu, eżerċizzji ta' imla l-vojt, oħroġ it-tweġiba mill-parentesi, agħmel ċirku madwar, agħti l-kulur lit-tweġiba t-tajba, qabbel l-istampa mal-kelma l-korretta, kompli t-tabella u ħafna aktar. Is-sit li ntuża fil-kreazzjoni tan-nota u tal-eżerċizzji tat-tinqija huwa 'Canva'. Permezz ta' dan is-sit stajt nikkrea riżorsi li huma attraenti viżwalment għall-istudenti.

### *6.3.3. It-tħejjija tat-taħriġiet*

L-ewwel nett, għandu jiġi elenkat li nħolqu żewġ tipi ta' taħriġiet, dawk it-taħriġiet li jistgħu jinħadmu fuq il-ktieb tat-taħriġ stess jew inkella fuq karta u dawk it-taħriġiet li jridu jinħadmu fuq apparat teknoloġiku bħal tablet, mowbajl, kompjuter jew laptop.

Se nibda billi nitkellem fuq l-eżerċizzji li jridu jinħadmu fuq il-ktieb jew fuq karta. Sa fejn kien possibbli ppruvajt nalloka tema għal kull taħriġ, pereżempju, fejn trattajt id-diminuttiv użajt it-tema tal-ikel tipiku Malti billi kkreajt menù, kif ukoll sibt stampi ta' ismijiet ta' djar Maltin li huma fid-diminuttiv. Fejn trattajt l-akkrexxittiv ħloqt fittiexa u f'eżerċizzju ieħor daħħalt qwiel u idjomi li minnhom l-istudenti kellhom joħorġu l-akkrexxittiv. Għat-tieni kapitlu fejn trattajt in-nom mimmat użajt il-logħba famuża 'Sriep u Slielem' u daħħalt numru ta' ċajt addattat għall-istudenti tas-sekondarja. Għat-tielet kapitlu fejn trattajt in-nomi astratti kkreajt kraft u daħħalt riċetta ta' ħbiberija leali fejn l-istudenti kellhom jimlew il-vojt bin-nom astratt. It-toqol tal-eżerċizzji se jkun iddeterminat mir-rotta li għaliha huma mmirati l-istudenti. Il-qafas ta' kull eżerċizzju ħadtu mis-sit tal-Canva, madankollu editjajt u biddilt il-kuluri sabiex kollox ikun kodifikat skont il-lewn tiegħu. Dawn l-eżerċizzji joffru varjazzjoni sabiex l-istudenti ma jiddejqux jaħdmuhom, b'hekk jibdew jipperċepixxu l-grammatika bħala qasam ta' gost u jieqfu jaraw dan il-qasam minn lenti negattiv.

Bħala prattika addizzjonali ddeċidejt li noħloq numru ta' taħriġiet diġitali li jistgħu jinħadmu biss permezz ta' apparat elettroniku. Il-qafas tal-eżerċizzji teknoloġiċi ħadthom mis-siti differenti li fuqhom ikkreajt l-eżerċizzji. B'eċċezzjoni għall-ewwel kapitlu, għall-punti grammatikali l-oħra ġew ikkreati żewġ taħriġiet diġitali. It-taħriġiet jinkludu, kwiżż interattiv, bosta logħob ta' għamla differenti, tisliba u filmat bil-mistoqsijiet. Is-siti differenti li ntużaw biex ġew ikkreati l-eżerċizzji teknoloġiċi huma: 'Learningapps', 'Wordwall', 'Educaplay' u 'Powtoon'. Sabiex jaħdmu dawn it-taħriġiet diġitali l-istudenti jingħataw il-ħoloq għalihom kif ukoll il-QR codes. Dawn jinsabu f'kull kapitlu tal-kotba tat-taħriġ taħt is-sezzjoni 'eżerċizzju diġitali'. It-taħriġiet interattivi barra li huma ta' gost għall-istudenti jservu ta' reviżjoni ta' dak li jkun sar fil-klassi.

Primarjament l-għan ewlieni ta' dawn t-taħriġiet kollha huwa li jgħinu lil dawk l-istudenti li jħobbu jitgħallmu bi stili differenti fosthom, viżwali, awditorji, kinestetiċi u dawk li jħobbu jaqraw u jiktbu. Għalhekk permezz tagħhom se nkun qed nolqot il-gosti tal-istudenti kollha.

### *6.3.4. Il-metodu differenzjat fil-ħolqien tar-riżorsi*

L-istruzzjoni differenzjata titlob li l-istess kontenut jiġi mgħallem lill-istudenti kollha rrispettivament mill-abbilità edukattiva tagħhom. Dan jista' jseħħ permezz ta' varjetà ta' strateġiji istruzzjonali u jista' jirrikjedi li l-għalliem iwassal il-lezzjonijiet tiegħu skont il-livelli differenti ta' diffikultà abbażi tal-abbilità ta' kull student li għandu quddiemu. Waqt il-kreazzjoni tar-riżorsi żammejt f'moħħi xi wħud mit-tipi ta' istruzzjonijiet ta' differenzjar li ssemmew fir-raba' kapitlu, fosthom insibu: 1) Id-differenzjar fil-kontenut, 2) Id-differenzjar skont il-livell u l-pass 3) Id-differenzjar skont l-interess tal-istudenti, 4) Id-differenzjar skont l-aċċess, 5) Id-differenzjar skont ir-rispons tal-istudenti u 5) Id-differenzjar skont il-ħidma fi gruppi.

Fil-ktieb ta' Rotta 1 evitajt l-użu ta' termini tekniċi, bl-għan li l-istudenti f'dawn ir-rotot ma jħossuhomx konfużi kif jaqraw terminoloġija li tista' tiġi pperċepita diffiċli minnhom. Mhux hekk biss, iżda l-materjal ġie ppreżentat b'modi differenti sabiex b'hekk nolqot lill-istudenti kollha. L-għalliema li jagħmlu użu minn dawn il-kotba jistgħu jħossuhom liberi u jitolbu lill-istudenti biex jaħdmu fi gruppi differenti li tkun ippreparat hi minn qabel. B'hekk, nippromwovu t-tagħlim kollaborattiv li jingħata importanza assolota fit-teorija tat-tagħlim ta' Vygotsky. Minħabba l-varjazzjoni li joffru t-taħriġiet, ir-risposti tal-istudenti jistgħu jiġu rrekordjati b'modi differenti. Dan ifisser li f'xi wħud mill-eżerċizzji l-istudenti jiġu

mitluba biex ipinġu, f'oħrajn jintalbu biex jiktbu, f'oħrajn huma mitluba biex iqabblu l-istampi mat-tweġibiet il-korretti u fl-eżerċizzji diġitali l-istudenti jintalbu biex jittajpjaw it-tweġibiet, biex jagħfsu fuqhom jew inkella biex jidragjaw il-mouse. Il-fatt li l-eżerċizzji kollha huma viżwalment attraenti u interattivi jfisser li se jservu bħala sors ta' motivazzjoni għall-istudenti waqt il-lezzjoni tal-grammatika.

It-temi magħżula bejn ktieb u ieħor sa fejn kien possibbli nżammu l-istess sabiex l-għalliema jkunu jistgħu jużaw il-kotba anka fi klassijiet ta' studenti b'abbilitajiet mħallta u mhux fl-iskejjel tal-istat biss fejn l-istudenti huma mqassma fi klassijiet differenti skont ir-rotta li qegħdin fiha. Għalhekk, il-kotba tat-taħriġ se jolqtu żewġ sistemi differenti u jagħmlu ħajjet l-għalliema aktar faċli. Fil-klassijiet imħallta l-għalliema se tqassam il-kotba tat-taħriġ skont l-abbilità tal-istudenti, jiġifieri xi wħud mill-istudenti se tqassmilhom il-kotba ta' Rotta 1, oħrajn ta' Rotta 2 u oħrajn ta' Rotta 3. B'dan il-mod kull individwu jkun jista' jaħdem fuq xogħlu skont il-livell edukattiv tiegħu mingħajr il-biża' li jaqa' lura fil-kontenut.

**6.4. It-tħejjija għall-produzzjoni tal-kotba tat-taħriġ**

Ktieb tat-taħriġ li hu ta' livell professjonali jeħtieġ li jkollu ċertu kwalitajiet li jiddistingwuh mill-bqija. F'din is-sezzjoni se nitkellem fuq il-kwalitajiet li jħaddnu l-kotba tat-taħriġ maħluqa u li mingħajrhom il-proġett ma setax jiġi finalizzat.

L-ewwel għażla marbuta mal-produzzjoni tal-kotba tat-taħriġ li ttieħdet kienet fuq il-faċċata tal-kotba. Minħabba li permezz ta' dan il-proġett ridt nolqot studenti b'abbilitajiet differenti xtaqt li t-tpinġija tal-faċċata tal-kotba twassal messaġġ sinifikanti fuq id-diversità kemm fl-abbilitajiet tal-istudenti kif ukoll fil-preferenzi tat-tagħlim li jħaddnu fihom il-

klassijiet. Ippruvajt inpinġi xi skeċis sabiex nara x'nista' noħroġ mill-immaġinazzjoni tiegħi. Ġietni l-idea li nikkrea ambjent ta' klassi bl-istudenti fuq quddiem tal-klassi sabiex nenfasizza l-importanza li l-istudenti jkunu fiċ-ċentru tat-tagħlim. Lill-istudenti tajthom forma partikolari bħall-biċċiet li jintużaw fil-jigsaw puzzles u għamilt hekk bl-għan li nwassal il-messaġġ li għalkemm l-istudenti huma lkoll differenti kemm fl-abbilitajiet edukattivi tagħhom kif ukoll fi ħsibijiethom, fl-isfond soċjali u fid-dehra tagħhom, fl-ambjent ta' klassi dawn jingħaqdu u jaħdmu flimkien. Sabiex nenfasizza l-aspett tad-differenzjar lill-istudenti tajthom kulur differenti. Fuq wara tfajt il-whiteboard bit-titlu tal-ktieb tat-taħriġ fiha u daħħalt ukoll xi mwejjed. Iddeċidejt li l-istudenti ta' fuq it-tliet faċċati differenti tal-kotba jaħdmu fi gruppi sabiex nippromwovi t-tagħlim kollaborattiv. Kull qoxra tal-ktieb se jkollha kulur differenti abbinat magħha. Iddeċidejt li jintużaw kuluri tal-għamla pastel li kontemporanjament huma kuluri popolari maż-żgħażagħ. Il-kuluri li ntużaw għall-faċċata tal-kotba huma: blu ċar, isfar ċar u vjola ċar. Raġuni oħra għala ġew magħżula dawn il-kuluri partikolari hi minħabba li preżentament qegħdin jintużaw fis-*Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025) fil-parti li għandhom x'jaqsmu mal-Grammatika. Dan se jgħin lill-għalliema sabiex ikunu jistgħu jifhmu li hemm tliet livelli differenti (QMK 1, QMK 2 u QMK 3) u tliet rotot differenti fl-iskejjel tal-istat.

Għall-ktieb ta' Rotta 1 iddeċidejt li nuża l-kulur blu għall-qoxra. Barra minn hekk, qassamt l-imwejjed f'pari għaliex mill-esperjenza li ħadt waqt it-taħriġ prattiku rrealizzajt li dawk l-istudenti ta' abbilità bażika jaħdmu aħjar meta jkunu mqassma f'pari u għandhom tendenza li jagħmlu kuraġġ b'xulxin. Jista' jkun li meta jkunu mqassmin f'pari l-istudenti jkollhom aktar ċans jitgħallmu mill-par tagħhom waqt attivitajiet parikolari. Barra minn hekk, l-istudenti jħossuhom aktar kunfidenti biex iwieġbu għal ċertu domandi li tagħmlilhom

l-għalliema, u l-istudenti li ssoltu joqogħdu lura għax jibżgħu li jiżbaljaw tant kemm ikollhom stima baxxa tagħhom infushom jagħmlu kuraġġ bil-par tagħhom u jsemmgħu leħinhom aktar waqt il-lezzjoni.

Għall-ktieb ta' Rotta 2 żammejt mal-kulur li hemm fuq *Is-sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025) u għalhekk għażilt il-kulur isfar ċar. Din id-darba ddeċidejt li nqassam lill-istudenti fi gruppi ta' tlieta u għamilt hekk sabiex noħloq aktar opportunitajiet li fihom l-istudenti jaħsbu b'mod kritiku billi jiddiskutu mal-grupp tagħhom. It-teorija tat-tagħlim kollaborattiv hi proċess li bih grupp ta' individwi jitgħallmu minn xulxin billi jaħdmu flimkien biex isolvu problema, itemmu biċċa xogħol, joħolqu prodott, jew jaqsmu ħsibijiethom. Dawk l-istudenti li jitqiesu bħala 'more knowledgeable others' (MKO) jistgħu jipprovdu s-sapport jew dak li Vygotsky isejjaħlu 'scaffolding' lil sħabhom sabiex dawn javvanzaw fit-tagħlim (Chaiklin, 2003).

Għall-ktieb ta' Rotta 3 għażilt il-kulur vjola u minħabba li dawn l-istudenti huma tal-ogħla livell iddeċidejt li npoġġi l-imwejjed ħdejn xulxin iżda minflok f'fillieri kif aħna mdorrijin naraw fil-klassi tradizzjonali poġġejthom f'ċirku sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għad-domandi flimkien bħala klassi. Woolfolk (2016) tistqarr li, "Circles are especially useful for discussions but still allow for independent seatwork." (p.524). Din it-tip ta' struttura hija tajba ħafna biex permezz tagħha l-għalliema tħeġġeġ id-diskussjonijiet. Riċerka li ħarġet mill-Università ta' Maryland turi li, "Whole-class discussions can encourage students to learn from one another and to articulate course content in their own words." (Teaching and Learning Transformation Center).

Bil-mod kif qassamt lill-istudenti fuq il-faċċata tat-tliet kotba nixtieq nippromwovi l-importanza tal-ħidma fi gruppi u l-bżonn li ninqatgħu mill-klassi tradizzjonali fejn l-għalliema hija fiċ-ċentru tat-tagħlim u allura ħafna drabi tkun fuq quddiem tal-klassi, filwaqt li l-istudenti b'mod passiv jisimgħu dak li għandha tgħid hi biss. Għalhekk, minflok għandna npoġġu lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim fejn b'mod liberu jkunu jistgħu jesprimu ħsibijiethom apertament.

It-tipa li ntgħażlet għall-faċċata tal-kotba hija differenti għat-tlieta li huma. Għall-ktieb ta' Rotta 1 użajt it-tipa 'Caveat Brush' li ġejja mill-familja ta' SANS Serif. Filwaqt li għall-ktieb ta' Rotta 2 użajt it-tipa 'Bree Serif' li ġejja mill-familja ta' Serif. Għall-ktieb ta' Rotta 3 ddeċidejt li nuża t-tipa 'Baskerville' li wkoll ġejja mill-familja Serif. Ir-raġuni wara dawn l-għażliet hija li t-tipi li jaqgħu taħt il-familja SANS Serif jintużaw l-aktar ma' dawk l-istudenti li jbatu daqsxejn fil-qasam edukattiv għaliex huma aktar sottili f'għajnejhom, filwaqt li s-Serif jintużaw ma' dawk l-istudenti li jibbrillaw aktar. Skont is-sit tal-Università ta' Kalifornja, "Sans-serif fonts are recommended because they have a slightly higher readability than serif fonts. Their appearance is more block-like and less decorative than serif fonts." It-tipa 'Canva Sans' li ntużat fil-kitba tal-ħarsetta hija l-istess għat-tliet kotba. It-tipa li ntagħżlet għal ġewwa tal-ktieb tat-taħriġ hija differenti minn tal-faċċata. Għat-titlu ta' kull kapitlu użajt it-tipa 'Bernoru', għall-istruzzjonijiet iddeċidejt li nuża t-tipa 'Canva Sans' filwaqt li għat-test użajt it-tipa 'Open Sans'.

### 6.5. Sezzjonijiet importanti oħra fil-kotba tat-taħriġ

Il-kotba tat-taħriġ ma setgħux ikunu kompluti mingħajr dawn is-sezzjonijiet meqjusa kruċjali u li mingħajrhom il-qarrej jibqa' bla indikazzjoni ċara jekk il-ktieb tat-taħriġ ta' quddiemu huwiex dak li qed ifittex jew le.

L-ewwel sezzjoni li se nitkellem dwarha u li mingħajrha l-ktieb tat-taħriġ jibqa' bla direzzjoni huwa l-werrej. Primarjament il-werrej għandu żewġ skopijiet, l-ewwel skop huwa li jagħti ħarsa ġenerali lill-qarrejja tal-kontenut u l-organizzazzjoni tal-ktieb. It-tieni skop huwa li jippermetti li l-qarrejja jmorru direttament fuq sezzjoni speċifika li tinteressahom jew tiġbdilhom għajnejhom. Fil-kuntest ta' klassi l-werrej se jagħti indikazzjoni ċara lill-għalliema fuq liema paġni se jaħdmu fuqhom f'dik il-lezzjoni partikolari. Intant, l-għalliema se tidderiġi lill-istudenti tagħha permezz ta' istruzzjonijiet ċari fuq liema paġna jew paġni jridu jfittxu.

It-tieni sezzjoni li ddeċidejt li ninkorpora fil-kotba tat-taħriġ ikkreati hija l-informazzjoni fuq il-ktieb tat-taħriġ. Din is-sezzjoni hija importanti ferm u mingħajrha kemm l-għalliema, kif ukoll l-istudenti u l-ġenituri tagħhom iħossuhom mitlufin. F'din is-sezzjoni daħħalt infromazzjoni ġenerali dwar il-ktieb tat-taħriġ bħal: għal min hu mmirat il-ktieb tat-taħriġ, x'għandek issib fil-ktieb tat-taħriġ, il-punti grammatikali differenti li jħaddan fih, ma' liema sillabu jimxi, x'ssib f'kull kapitlu, it-tip ta' taħriġiet li wieħed għandu jsib, indikazzjonijiet ta' fejn dak li jkun jista' jikteb it-tweġibiet tiegħu u aktar informazzjoni li permezz tagħha l-qarrej iħossu aktar konvint minn dak li se jixtri u fuq kollox iħossu komdu jużah.

Wara kull kapitlu ddeċidejt li nagħmel ċekkjatura ta' dak li jkunu tgħallmu l-istudenti matul il-lezzjonijiet. Din iċ-ċekkjatura se sservi ta' reviżjoni ta' dak li jkun sar waqt il-lezzjonijiet, kif ukoll gwida għall-għalliema sabiex jaċċertaw ruħhom li missew il-punti kollha li kellhom isemmu.

Wara ħafna ħsieb ġejt għall-konklużjoni li jkun għaqli li nagħmel sezzjoni lejn l-aħħar tal-kotba tat-taħriġ bit-tweġibiet tal-eżerċizzji kollha fiha. Meta nħares lura lejn tfuliti xi ħaġa li kienet iddejjaqni ħafna fil-kotba tat-taħriġ li kelli hija li ħafna minnhom ma kellhomx sezzjoni tat-tweġibiet fuq wara u meta kont niġi biex nirrevedi dak li għamilt matul is-sena skolastika ma kontx inkun ċerta għalkollox fuq xi tweġibiet li nkun għamilt. Barra minn hekk, waqt it-taħriġ prattiku smajt lil bosta studenti jilmentaw fuq il-fatt li anka l-kotba tat-taħriġ li jużaw huma m'għandhomx it-tweġibiet fuq wara. Għalhekk, naħseb li din kienet deċiżjoni għaqlija għaliex permezz ta' din is-sezzjoni l-istudenti jistgħu jirrevedu xogħolhom fil-vaganzi u l-ġenituri tagħhom jistgħu jgħinuhom fir-reviżjoni u ma jkunx hemm ħsus ta' biża' min-naħa tal-ġenituri għax ma jkunux jafu xi tweġibiet, huma u jirrevedu mat-tfal tagħhom.

Sezzjoni oħra kruċjali f'kull tip ta' ktieb hija l-ħarsetta. Il-ħarsetta hija dik li tikkonvinċi lil dak li jkun biex jixtri l-ktieb. Mingħajr il-ħarsetta l-konsumatur iħossu mitluf u ma jkunx jaf eżattament x'sustanza għandu l-ktieb li ġie f'idejh. Fil-ħarsetta ddeċidejt li ninkludi l-livell li għalih huma mmirati dawn il-kotba tat-taħriġ kif ukoll ir-rotta. Indikajt ukoll il-punti grammatikali differenti li huma trattati fil-kotba tat-taħriġ u tajt indikazzjoni ċara ta' dak li wieħed għandu jsib f'kull kapitlu u t-tip ta' eżerċizzji ppreżentati. F'din is-sezzjoni indikajt li l-

kontenut ippreżentat huwa msejjes fuq *Is-Sillabu tal-Malti taċ-ĊES 22* (2025), kif ukoll l-udjenza fil-mira ta' dawn il-kotba.

### 6.6. L-għeluq

Fil-preżent jinħass bżonn kbir li jiġu kkreati kotba tat-taħriġ ta' dan it-tip. Kotba li jitrattaw il-punti grammatikali tan-nom b'mod differenzjat għad m'hawnx, għalhekk dan il-proġett jista' jservi ta' bażi sabiex fuqu jiġu kkreati kotba tat-taħriġ ta' natura simili. Vantaġġ li joffru il-kotba tat-taħriġ ikkreati għall-proġett ta' din id-dissertazzjoni hi l-aċċessibilità bla ħlas onlajn, filwaqt li kotba tat-taħriġ oħrajn huma mitbugħa, bħal ngħidu aħna, *.mt* ta' Sharon Micallef Cann u *MaltiMedja* ta' Reno Saliba. Vantaġġ ieħor li joffru l-kotba tat-taħriġ ta' dan il-proġett huma l-eżerċizzji u l-logħob teknoloġiku differenti li wieħed jista' jaċċessa faċilment. Fl-era diġitali li qegħdin ngħixu fiha kotba tat-taħriġ ta' dan it-tip huma essenzjali għaliex mingħajrhom it-tagħlim tal-ilsien Malti jista' jbati. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet li wieħed isib fl-aħħar ftit paġni tal-kotba tat-taħriġ huwa benefiċċju ieħor li joffru dawn il-kotba.

# 7. Il-Konklużjoni

L-għan primarju ta' dan l-istudju hu li permezz tal-kotba tat-taħriġ li ġew ikkreati nolqot studenti b'abbilitajiet u bi preferenzi varji fit-tagħlim. Għan ieħor huwa li permezz tal-proġett niffaċilità x-xogħol tal-edukaturi. Nittama li permezz ta' dan ix-xogħol l-għalliema jsibu l-implimentazzjoni tad-differenzjar fil-klassijiet tagħhom aktar faċli, speċjalment dawk l-għalliema li jgħallmu klassijiet li fihom studenti ta' abbilitajiet imħallta bħalma għandhom l-iskejjel tal-knisja u l-iskejjel indipendenti. Il-kotba tat-taħriġ joffru sensiela ta' attivitajiet varji u jistgħu jintużaw kemm fl-iskejjel statli, fl-iskejjel tal-knisja kif ukoll fl-iskejjel indipendenti.

## 7.1. Limitazzjonijiet ta' din ir-riċerka

Bejn ktieb tat-taħriġ u ieħor fl-eżerċizzji u fil-logħob ippruvajt inżomm l-istess qafas sabiex ikun konvenjenti għal dawk l-edukaturi li jgħallmu studenti b'abbilitajiet imħallta fl-istess klassi. Madankollu, dan mhux dejjem kien possibbli għaliex meta l-qafas inżamm l-istess illimitani fejn jidħol id-differenzjar. Għalhekk, xi eżerċizzji kellhom jitbiddlu minħabba li kienu se jkunu wisq faċli għall-istudenti ta' Rotta 3. Limitazzjoni oħra hija li l-proċess tat-tinqija mhux dejjem huwa evidenti fl-attivitajiet. Minkejja dan, l-attivitajiet jistgħu jiġu manipulati mill-għalliema u jistgħu faċilment joħolqu l-proċess tat-tinqija huma stess waqt il-lezzjoni. Il-perjodu li fih kellu jitlesta l-proġett kien limitat, minħabba f'hekk ma kellix l-opportunità li nipprova dawn il-kotba tat-taħriġ fil-klassi sabiex jiġi osservat ir-rispons tal-istudenti lejhom.

## 7.2. Suġġerimenti għal riċerka fil-ġejjieni

Din ir-riċerka wasslet għall-ħolqien ta' kotba tat-taħriġ b'eżerċizzji u attivitajiet differenzjati fuq numru ta' punti grammatikali li jagħmlu parti mit-tagħlim tan-nom fil-livell sekondarju. Tajjeb li jsiru proġetti oħra fuq kategoriji grammatikali differenti, bħal ngħidu aħna, il-kategorija grammatikali tal-verb jew tal-aġġettiv. Barra minn hekk, jistgħu jinħolqu proġetti fuq oqsma jew ħiliet oħra bħall-qasam tal-letteratura u tal-ortografija u ħiliet bħas-smigħ, qari, kitba u taħdit. Jista' jsir proġett simili iżda mmirat għal-livelli oħra, bħal-livell primarju u medju. Nissuġerixxi li ssir ukoll riċerka dwar modi effettivi ta' kif nistgħu niddifferenzjaw il-karti tal-eżamijiet sabiex jikkorispondu għall-abbilità differenti tal-istudenti. Bħala l-aħħar spunt, tajjeb li ssir riċerka fejn dawn il-kotba tat-taħriġ jiġu ppruvati fi klassijiet differenti sabiex wara ssir evalwazzjoni u jekk ikun hemm bżonn li jsiru xi bidliet ikunu jistgħu jsiru l-emendi neċessarji.

## 7.3. L-għeluq

Matul dan l-istudju sirt aktar konxja ta' kemm id-differenzjar jirrikjedi ħin u ħsieb, kif ukoll tal-bosta strateġiji differenti li jeżistu sabiex wieħed jiddifferenzja l-materjal. Nispera li dan il-proġett se jservi ta' għajnuna għal dawk l-għalliema li jixtiequ jiddifferenzjaw il-materjal iżda jsibuha diffiċli u li jservi ta' mudell sabiex fuqu jinbnew riżorsi oħra. L-għan aħħari ta' dan il-proġett hu li nimmotiva lill-istudenti u li permezz tal-kotba tat-taħriġ ikkreati jħarsu lejn it-tagħlim tal-grammatika minn lenti pożittiva. Finalment, nistqarr li lesta li npoġġi l-kotba tat-taħriġ ta' dan il-proġett għad-dispożizzjoni tal-istudenti u tal-għalliema tal-Malti fuq siti edukattivi uffiċjali u li permezz tal-logħob ikkreati f'dan il-proġett, fosthom, il-logħba 'Sriep u Slielem' jistgħu jiġu żviluppati boardgames interattivi.

# Lista ta' Referenzi


Abdukarimova, N. A., u Zubaydova N.N. (2021). Deductive and inductive approaches to teaching grammar. *Ġurnal NX*, 372–376.

Ajayi, L. (2012). How Teachers Deploy Multimodal Textbooks to Enhance English Language Learning. *Ġurnal Tesol*, *16*(6), 16-35.

Aldossari, A. T. (2018). The Challenges of Using the Differentiated Instruction Strategy: A Case Study in the General Education Stages in Saudi Arabia. *International Education Studies*, *11*(4), 74-83.

Amaira, M. (2014). *Il-Kategoriji Grammatikali tal-Malti: Il-Verbi, in-Nomi u l-Aġġettivi*. Teżi għall-Grad ta' M.A. L-Università ta' Malta.

Apple, M. W u Christian-Smith, L. K. (1991). *The Politics of the Textbook*. New York: Routledge.

Aquilina, A, M. (1995). *Illustrations in School Textbooks.* Teżi għall-grad ta' B.A. L-Università ta' Malta.

Aquilina, J. (1998). *It-Tfassil ta' Grammatika Pedagoġika għall-ħames klassi fil-livell Primarju.* Teżi għall-Grad ta' B.ED. L-Università ta' Malta.

Babbage, R., Byers, R. & Redding, H. (1999). *Approaches to Teaching and Learning – Including Pupils with Learning Difficulties*. London: David Fulton.

Bailey, J. P., & Williams-Black, T. H. (2008). Differentiated instruction: Three teachers' perspectives. *College reading association yearbook*, *29*, 133-151.

Benjamin, A. (2002). *Differentiated Instruction: A Guide for Middle and High School Teachers*. Eye on Education.

Bernard, M., et. al. (2001). Which Fonts Do Children Prefer to Read Online? *Usability News*, 3(1). edware.ie/wp-content/uploads/2017/08/Which_Fonts_Do_Children_Prefer_to_Read_Online.pdf

Bezzina, M. (2021). *Il-Ħolqien ta' Pakkett ta' Riżorsi għas-Sillabu l-Ġdid tal-Livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja: Il-Poeżiji ta' Dun Karm u r-Rumanzi*. Teżi għall-grad ta' M.A. L-Università ta' Malta.

Bilowski, D., et. al. (2018). Interactive digital textbooks and engagement: A learning strategies framework. *Language learning and technology*, *22*(1), 119-136. scholarspace.manoa.hawaii.edu/server/api/core/bitstreams/d3181026-a86e-41a1-b707-86d0a902a09b/content

Calleja, C. & Johnston, C. (eds) (2015). *A Learning Paradigm Informed by Knowledge of the Learning Self*. Malta: Horizons.

Camilleri Grima, A. (2020). *Bil-Kelma t-Tajba: Prinċipji u Kreattività fil-Pedagoġija tal-Lingwa.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Camilleri Grima, A. (2019). Implementing a pluralistic approach by means of a textbook. F'I. Lorincz (Ed.), Pour une éducation langagière plurilingue, inclusive et éthique: résumés = Towards an inclusive, ethical and plurilingual language education (pp. 67-76). Győr : Université Széchenyi István. www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/86977

Camilleri, Grima, A. (2001). *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja*. Malta: L-Università ta' Malta.

Camilleri, Grima, A. (1988). *Towards a Pedagogical Grammar of Maltese as a First Language*. Teżi tal-M.S.c. fil-Lingwistika Applikata. L-Università ta' Edinburgh.

Carolan, J., & Guinn, A. (2007). Differentiation: Lessons from Master Teachers. *Educational leadership*, *64*(5), 44-47. eric.ed.gov/?id=EJ766352

Chaiklin, S. (2003). The Zone of Proximal Development in Vygotsky's Analysis of Learning and Instruction. F'Vygotsky's Educational Theory in Cultural Context. New York: Cambridge University Press. Kapitlu 2 (pp. 65-82).

Cornerstone University. (2018, Frar 6). *What are multiple intelligences and how they affect learning? Lifelong Learning Matters. Cornerstone*. www.cornerstone.edu/blog-post/what-are-multiple-intelligences-and-how-do-they-affect-learning/

Cutajar, F. (2019). Id-diminuttiv u l-akkrexxittiv fil-Malti. Riċerkaturi, 1, 8-21. www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/56412

Dunne, E. & Bennett, N. (1994). Managing groups. F'Bob Moon & Ann Shelton Mayes (Eds.) *Teaching and Learning in Secondary Schools* (pp. 166–72). London: Routledge.

Dwyer, F. M. (1982-3). The program of systematic evaluation, a brief review. *Ġurnal Internazzjonali tal-Midja Istruzzjonali*, *10.,* 23-29. F'R. Pettersson (1989). *Visuals for Information: Research and Practice*. New Jersey, USA: Educational Technology Publications.

Dykes, B. (2007). *Grammar for Everyone: Practical Tools for Learning and Teaching*. ACER Press.

Ellul, L. (2015). *In-Nomi Verbali fil-Malti*. Teżi għall-grad ta' M.A. L-Università ta' Malta.

Engbrecht, J., R. (2018). Digital Textbooks Versus Print Textbooks. Culminating Projects in Teacher Development. *St. Cloud State University*. https://repository.stcloudstate.edu/ed_etds/35

Erlam, R. (2003). The Effects of Deductive and Inductive Instruction on the Acquisition of Direct Object Pronouns in French as a Second Language'. *Ġurnal tal-Lingwa Moderna*, 87(2) pp. 242-260.

Fawthrop, J. (1996). Differentiation through small group learning. F'Susan Hart (Eds.) *Differentiation and the Secondary Curriculum: Debates and Dilemmas*. (pp. 63-76). London: Routledge.

Fenech, A. A. (2004). Enhancing students' learning through differentiated approaches to teaching and learning: a Maltese perspective. *Ġurnal fuq l-Edukazzjoni Speċjali*, *4*(2), 91-97.

Fleming, N., and Baume, D. (2006) L*earning Styles Again: VARKing up the right tree!.* (No 7.4), *Educational Developments*, SEDA Ltd, (p.4-7).

Folker, S., et. al. (2005). Processing and integrating multimodal material - The Influence of color-coding. *Proceedings of the annual meeting of the Cognitive Science Society, 27*.

Gardner, H. (1991). *The Unschooled Mind: How children think and how schools should teach*. New York: Basic Books.

Gardner, H. (1993). *Multiple Intelligences: The Theory in Practice*. Basic Books.

Giddens, A., & Sutton, P. (2009). *Sociology*. Cambridge: Polity Press.

Gyamfi, A. (2021). Effectiveness of Workbooks in the Teaching and Learning Process. *KP Kwadwoan Publishing*. kwadwoanpublishing.com/2021/12/24/effectiveness-of-workbooks-in-the-teaching-and-learning-process/.

Hall, T. (2002). Differentiated instruction. www.drhatfield.com/educ342/Differentiated_Instruction.pdf

Hartley, J. (1978). Designing instructional text. F'Aquilina (1995). *Illustrations in School Textbooks.* Teżi għall-grad ta' B.A. L-Università ta' Malta.

Hileman, A. N. (2009). The impact of differentiation strategies on student achievement. University of Northern Iowa.

Hootstein, E. (1998). *Differentiation of instructional methodologies in subject-based curricula at the secondary level* (No. 38). *VCU Scholars Compass*. scholarscompass.vcu.edu/merc_pubs/67/

Hopkins, D. & Harris, A. (2000). Creating the Conditions for Teaching and Learning: A Handbook for Staff Development Activities. London: David Fulton.

Hutchinson, T., & Torres, E. (1994). The textbook as agent of change. *Ġurnal ELT*, *48*(4), 315–328.

Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, Prince Edward Island. (2008). *Evaluation and Selection of Learning Resources: A Guide.*

Jakupcak, A. J. (1998). School programs for successful inclusion of all students. F' Joanne W. Putman (Eds.) *Cooperative Learning and Strategies for Inclusion: Celebrating Diversity in the Classroom*. Baltimore: Paul H. Brookes Publishing Co.

Johnson, D. W., Johnson, R. T., & Holubec, E. J. (1994). *The new circles of learning: Cooperation in the classroom and school*. ASCD.

Khan, M. R., et. al (2020). Do the Textbooks Reflect the Curriculum? A Comparative Analysis of Social Studies Textbooks Taught in Public and Private Sector in Pakistan. Preprints 2020.

Lewis, A. (1992). From planning to practice. *Ġurnal Ingliż tal-Edukazzjoni Speċjali, 19*(1), 24–7.

Marshall, D. (1971). *History of the Maltese Language in Local Education*. Malta University Press.

MATSEC Bord tal-Eżaminaturi. (2022). *Il-Malti: Sillabu taċ-ĊES*.

MATSEC Bord tal-Eżaminaturi. (2021-2024). *Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10 u l-11-il sena.* L-Università ta' Malta.

MATSEC Bord tal-Eżaminaturi. (2025). *ĊES 22 Sillabu tal-Malti*. L-Università ta' Malta.

Micallef, R. A. (1995*). Grammatika Pedagoġika forma ta' sillabu spirall: Studju Sinkroniku tal-Verb*. Teżi għall-Grad ta' B.ED. L-Università ta' Malta.

Mills, M., et al. (2014). Differentiated learning: from policy to classroom. *Oxford Review of Education*, *40*(3), 331-348.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. (1999). *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali Miniminu: Nikkreaw il-Futur Flimkien*. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2012). *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Mithans, M., & Grmek, M, I. (2020). The Use of Textbooks in the Teaching-Learning Process. New Horizons in Subject-Specific Education: Research Aspects of Subject-Specific Didactics, 201-228.

Morgan, H. (2014). Maximizing Student Success with Differentiated Learning. *The Clearing House, 87*(1), 34-38.

Moulton, J. (1997). How Do Teachers Use Textbooks? A Review of the Research Literature. Human Resources and Democracy Division, Office of Sustainable Development, Bureau of Africa, US Agency for International Development.

Omololu, M. (2021). Why Textbooks are Important. *Rashmed Publications Limited*. rasmedpublications.com/why-textbooks-are-important/

Pettersson, R. (1989). *Visuals* for *information.* New Jersey: Technology Publications.

Portelli, T. (2020). *L-Esperjenza tat-Tagħlim*. Malta: Horizons.

Portelli, T. & Camilleri Grima, A. (2002). *Stedina għat-Tagħlim fis-Sekondarja.* Dyad Publications.

Portelli, T. & Camilleri Grima, A. (2017). *Fuq l-Għatba tal-Professjoni.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Ranjan, R. (n.d.). Role of Textbook in Language Teaching and Learning. School Education: *Students, Teachers, Teacher Trainers and Parents*. www.rajeevelt.com/role-of-textbook-language-teaching-learning-educationist/rajeev-ranjan/

Richards, J. C., u Renandya, W. A. (2002). *Methodology in language teaching: An Anthology of Current Practice.* Cambridge University Press.

Richaudeau, F.(1980). *The design and production of textbooks: A practical guide.* UK: Gower Publishing Company.

Rossiter, A. (2021). The Importance of Grammar. *ERIC Online Submission*. files.eric.ed.gov/fulltext/ED613321.pdf

Sammut, D., u Ellul C. (2015). *It-Tagħlim tal-Grammatika tal-Lingwa Nattiva b'mod Differenzjat*. Teżi għall-Grad ta' M.A. L-Università ta' Malta.

Saunders, F. E. (1975). Sex roles and the school. F'*Prospects*. (*5)*3, 362-371.

Schembri, M. (2019). *Verbi bl-h: Riżorsi għat-tagħlim tal-ortografija u l-grammatika għall-istudenti tal-Malti fl-iskola medja u sekondarja*. Teżi għall-Grad ta' M.A. L-Università ta' Malta.

Scicluna, K. et. al (2018). *Inħaddem il-Malti Tajjeb: Manwal Prattiku tal-Grammatika*. Malta: Book Distributors Limited.

Spagnol, M. (2021). Il-Morfoloġija Inflettiva u Derivattiva. *Aċċent*, 20, 12-14.

Spillman, J. (1991) Decoding differentiation. *Special Children*, 44, 7–10.

Spiteri, B. C. (2011). *Tifkiriet u Xogħol tal-Imgħoddi*. Malta: PIN Publications.

Stewig, J., W. (1980). *Children and Literature.* U.S.A: Rand McNally College.

Sun, J., et. al. (2012). E-Textbooks and Students' Learning Experiences. *Ġurnal tal-Edukazzjoni Innovattiva*, *10*(1), 63-77.

Tapper, N., & Horsley, J. (2017). Differentiation in the Secondary School Classroom. *Kairaranga*, *18*(2), 40-46.

Taylor & Francis Group. (2013). Language Awareness. F'*Encyclopedia of Language Teaching and Learning (*2ni ed., pp.383-385). Routledge.

Teaching & Learning Transformation Center. Discussions. *Teaching & Learning Transformation Center.* tltc.umd.edu/instructors/teaching-resources/discussions.

Tickle, L. (2014, May 14). *How important is differentiation in language teaching?* The Guardian. www.theguardian.com/teacher-network/teacher-blog/2014/may/14/differentiation-language-teaching-primary-secondary-students

Tomlinson, A. C. (1999). *The Differentiated Classroom: Responding to the Needs of all Learners*. Association for Supervision and Curriculum Development.

Tomlinson, A. C. (2001). *How to Differentiate Instruction in Mixed-Ability Classrooms.* Association for Supervision and Curriculum Development.

Tomlinson, B. (2012). *Materials Development in Language Teaching*. Cambridge: Cambridge University Press.

UNCG (2019). Making design accessible: Fonts, Color Contrast, and ALT Text. *UNCG*. accessibility.uncg.edu/getting-started-with-accessibility/accessible-design/

Ungaro, M. (2007). *It-Tfassil ta' Grammatika Pedagoġika tal-Malti bħala Ilsien Nattiv għas-Sekondarja: Studju tan-Nom u l-Verb*. Teżi għall-Grad ta' M.A. L-Università ta' Malta.

Ungaro, M. (2015). The construction of a Maltese pedagogical grammar: a study of the noun. *Malta Review for Educational Research*, *9*(1), 39-56.

Walker, J. M., et. al (2004). Parental involvement in homework: A review of current research and its implications for teachers, after school program staff, and parent leaders. *Harvard Family Research Project: Cambridge*. archive.globalfrp.org/publications-resources/browse-our-publications/parental-involvement-in-homework-a-review-of-current-research-and-its-implications-for-teachers-after-school-program-staff-and-parent-leaders

Weaver, C. (1996). *Teaching grammar in context*. Portsmouth: Boynton/Cook.

Weston, P. (1992). A decade for differentiation? *Ġurnal tal-Edukazzjoni Speċjali*, *19*(1), 6–9.

Westwood, P. (2009). Differentiation as a strategy for inclusive classroom practice: Some difficulties identified. *Ġurnal tat-Tagħlim tad-Diżabilitajiet*, *6*(1), 5-11.

Woolfolk, A. (2016). *Educational Psychology 13th Edition*. Pearson.

Żammit, E. (2012). *In-Nom Mimmat fil-Malti: Struttura u Tifsir*. Teżi mhux ippubblikata fil-B.A. L-Università ta' Malta.

Żammit, F. (2022). *In-Nom tal-Aġent u n-Nom tal-Għodda fil-Malti*. Teżi għall-Grad ta' B.A. L-Università ta' Malta.

# Il-Ktieb tat-Taħriġ ta’ Rotta 1

# It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju

## Noti u Taħriġiet



Rotta 1

Minn Shana Tabone

# It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju

## Noti u Taħriġiet



Rotta 1

Minn Shana Tabone

Proġett ippreżentat lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta

għall-Grad ta' Masters in Teaching and Learning fil-Malti

Ġunju 2023

minn Shana Tabone

Illustrazzjoni tal-faċċata tal-ktieb:
Lynn Cassar

# Ftit informazzjoni fuq il-ktieb...

It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet huwa ktejjeb tat-taħriġ prattiku u sempliċi mmirat għall-istudenti fil-livell sekondarju li jinsabu fl-ewwel rotta. Fih insibu noti u taħriġiet ta' għamla differenti maħdumin b'tali mod li jkopru l-kisbiet mit-tagħlim tal-grammatika kif inhu meħtieġ fis-sillabu tal-Malti ĊES 22 (2025) u fil-Programm tal-Metalingwa ĊES 22 (2025). L-eżerċizzji huma gradati b'tali mod li mill-eżerċizzji l-ħfief jimxu għal eżerċizzji aktar impenjattivi. B'kollox jitratta erba' punti grammatikali differenti fosthom: id-diminuttiv, l-akkrexxittiv, in-nom mimmat u n-nom astratt.

F'kull kapitlu tista' ssib notamenti kif ukoll eżerċizzji relatati man-nota li l-istudenti huma mħeġġin jaħdmu. Barra minn hekk, kull kapitlu se jkollu numru ta' taħriġiet interattivi abbinati ma' tema partikolari, kif ukoll taħriġiet diġitali. Dan il-ktieb għandu jkun ta' għajnuna fit-taħriġ grammatikali li huwa komponent kruċjali f'kull lingwa.

Fost it-taħriġiet li se ssib f'dan il-ktejjeb hemm:

- Agħmel ċirku madwar
- Imla l-vojt
- Fittex u mmarka
- Aqta' linja taħt
- Fittiexa
- Tisliba
- Qabbel il-kelma mal-istampa
- Kompli t-tabella
- Logħob interattiv fuq punti grammatikali differenti

Sakemm dan il-ktejjeb ma jiġix ippublikat it-tweġibiet jistgħu jinkitbu fuq il-karti tal-fajl. L-eżerċizzji diġitali jistgħu jiġu aċċessati u jinħaddmu permezz ta' apparat teknoloġiku bħall-mowbajl, tablet, laptop jew kompjuter. Hemm taħriġiet li jistgħu jinħaddmu b'mod individwali, f'pari jew fi grupp. Fuq wara tal-ktejjeb għandek issib it-tweġibiet sabiex wara li tkun lestejt xogħlok tiċċekjah. Il-ġenituri huma mħeġġa jużaw din l-għodda bħala mezz ta' reviżjoni ma' uliedhom. Dan il-ktejjeb huwa mimli b'attivitajiet maħluqin skont l-abbilitajiet differenti tal-istudenti. Il-ktejjeb iħaddem il-multimodalità, għalhekk l-istudenti mhux se jiddejqu jaħdmu l-eżerċizzji għaliex jolqtu l-preferenzi ta' tagħlim ta' kull student.

*Shana Tabone*

# Werrej


1a In-Nom Diminuttiv.................7

1b In-Nom Akkrexxittiv............11

2 In-Nom Mimmat...................18

3 In-Nom Astratt.......................27

4 It-Tweġibiet..........................35



# KAPITLU 1

## In-Nom Diminuttiv u n-Nom Akkrexxittiv

"Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja" ta' Camilleri Grima (2001)
Skaluna: 5.3.3) Janalizzaw il-forom tan-nom.

"Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10, u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024)"
Kisba: Naf kif innissel nomi diminuttivi jew akkrexxittivi minn oħrajn ġejjin kemm mis-Semitiċi kif ukoll mir-Rumanz.

# 1a Id-Diminuttiv

Jitnissel min-nom jew mill-aġġettiv u juri ċokon, ħlewwa jew rispett.

## 1 Agħmel ċirku madwar in-nomi diminuttivi li juru ċokon.

gallettina Toni ktejjeb

televixin satla għasfur

kuċċarina twejqa

Toninu ħalib ġbejna

trejqa kelb kmajra

## 2 Oħroġ in-nom diminuttiv li juri rispett mill-parentesi.



a) Xwejjaħ (xiħ)

b) ______________ (xiħa)



## 3 Imla l-vojt b'nomi diminuttivi li juru sens ta' ħlewwa.

a) Meta kont għadni xbejba (xebba) kont immur Paceville kull nhar ta' Sibt.



b) Dik it-______ (tifla) l-akbar ħabiba tiegħi.

ċ) Kemm hu _______ (sabiħ) dak il-kelb.

# Ta' Karmelina Kċejna Maltija

## Bar u Ristorant

**4** **Ixgħel in-nomi fid-diminuttiv li jirnexxilek issib fil-menù t'hawn taħt.**

a)



Ħbejża tal-Malti biż-żejt

★★★★★ €5.00

b)



Ftajra bil-ġobon, bajd, zalzett u plattina ċips

★★★★★ €5.00

ċ)



Spagetti tal-fenek

★★★★★ €12.00

d)



Pastizzotti biċ-ċikkulata, ġelat u te

★★★★★ €3.00

e)



Pastini tal-lewż u te

★★★★★ €3.00

f)



Figollini u kokkodina biċ-ċikkulata maħlula

★★★★★ €4.00

Menù

27578163

www.takarmelina.com

Ta' Karmelina Kċejna Malta

Ta' Karmelina Kċejna Maltija

**5** **Sib  l-ismijiet tad-djar Maltin li huma nomi diminuttivi u agħmel sinjal (✓) fuqhom.**

































# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 1:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**Diminuttiv**

Is-sit:
learningapps.org

It-tip ta' taħriġ:
Logħba interattiva ta' tqabbil bejn kelma u stampa

Il-ħolqa:
https://learningapps.org/view27999693

Il-QR Code:

# 1b L-Akkrexxittiv



Jitnissel min-nom ieħor biż-żieda ta' **-un** u jintuża biex ifisser kobor, pereżempju, **kartun**. Hemm każijiet fejn in-nom akkrexxittiv jintuża wkoll fl-aġġettiv. Dan xorta waħda jifforma biż-żieda ta' **-un**, pereżmpju, xarba **xarbun**. Jeżistu wkoll xi prefissi li juru sens ta' kobor jew grad ogħla bħalma huma: **bu-**, **arċi-**, **sopra-** u **mega-**.

## 1 Pinġi n-nomi akkrexxittivi li qed juru sens ta' kobor. Attent/a għax hemm xi nomi li mhumiex akkrexxittivi!

iljunfant 

trumbun 

blandun 

 ġibjun

 kurdun

 maskarun

## 2 Qabbel l-istampi man-nomi akkrexxittivi li jagħmlu użu mill-prefissi.

a) 

b) 

ċ) 

d) 

**mega**liti **bu**ras **arċi**priet **bu**mnieħer

## 3 Oħroġ l-aġġettiv akkrexxittiv li jitnissel min-nomi t'hawn taħt u iktbu fiċ-ċirku.

a) paga  pagun

b) safra 

ċ) xarba 

d) bikja 

## 4 Aqta' linja taħt l-aġġettivi akkrexxittivi li jintużaw mingħajr in-nom li jkunu mnissla minnu.

a) Il-laqgħa li organizzat l-Għaqda tal-Malti kienet suċċessun.

b) L-akbar sinjurun huwa dak li jinsab fil-paċi miegħu nnifsu u mal-kumplament tad-dinja.



# Fittiexa tal-Akkrexxittiv

**5** **Sib u mmarka t-tmien akkrexxittivi moħbijin fil-kaxxa t'hawn taħt.**

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| y | q | n | v | v | r | y | b | e | z | z | u | n | t |
| u | m | a | s | k | a | r | u | n | l | w | e | k | o |
| o | t | j | m | l | l | e | s | t | w | d | h | z | r |
| q | w | k | u | a | r | ċ | i | s | q | o | f | w | f |
| r | d | f | a | l | k | u | n | v | e | j | j | l | g |
| k | u | ċ | ċ | a | r | u | n | c | j | l | k | r | x |
| g | s | o | p | r | a | n | a | t | u | r | a | l | i |
| x | j | e | p | v | f | o | h | e | z | i | r | d | i |
| q | d | g | b | y | w | q | y | e | u | j | t | l | n |
| w | e | j | x | d | p | n | k | l | c | m | u | l | f |
| h | q | e | s | s | o | t | j | f | c | z | n | a | n |

- maskarun ☐
- sopranaturali ☐
- kuċċarun ☐
- falkun ☐
- businna ☐
- kartun ☐
- arċisqof ☐
- bezzun ☐

# QWIEL U IDJOMI

**6** **Aqra l-qwiel u l-idjomi li ġejjin u oħroġ l-akkrexxittiv mill-kliem sottolineat.**

a)

**L-Idjoma:** Dan l-aħħar Liam sar jilgħabha ta' sinjur.

**It-Tifsira:** Iġib ruħu daqslikieku kien sinjur.

**sinjurun**

b)

**Il-Qawl:** Sewa ta' xemgħa biex qala' xebgħa.

I**t-Tifsira:** Ipprova jindaħal bejniethom biex jagħmilhom paċi u minflok qalagħha fuq rasu hu.

ċ)

**Il-Qawl:** Lill-pastaż agħtih biċċa minn dejlek u erħilu jmur.

**It-Tifsira:** Qis li ma jkollok qatt x'taqsam mal-ħażin jew ma' min jieħu gost ifittex l-inkwiet.

## KONT TAF ?

'Raġel **mustaċċun**' ngħiduha għal bniedem ta' esperjenza kbira. Il-kelma 'mustaċċun' hi eżempju ta' akkrexxittiv.

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 2:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**Akkrexxittiv**

Is-sit:
wordwall.net

It-tip ta' taħriġ:
Kwiżż interattiv

Il-ħolqa:
https://wordwall.net/resource/39205279

Il-QR Code:

# ĊEKKJATURA TA' DAK LI TGĦALLIMT

**Id-Diminuttiv**

- X'inhu diminuttiv
- Il-funzjoni tad-diminuttiv
- Kif jissawwar id-diminuttiv
- It-tipi differenti ta' diminuttiv

**L-Akkrexxittiv**

- X'inhu akkrexxittiv
- Il-funzjoni tal-akkrexxittiv
- Kif jissawwar l-akkrexxittiv
- It-tipi differenti ta' diminuttiv



# KAPITLU 2

## In-Nom Mimmat

"Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja" ta' Camilleri Grima (2001)
Skaluna: 5.3.3) Janalizzaw il-forom tan-nom.

"Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10, u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024)"
Kisba: Naf kif jitnisslu nomi li juru post, żmien, għodda u ġemgħa meta dawn isiru minn verbi Semitiċi bil-preformattiva 'm' (in-nom mimmat) kif ukoll oħrajn minn kliem barrani, speċjalment mir-Rumanz.

# 2 IN-NOM MIMMAT

In-Nom Mimmat huwa nom **Semitiku** li jissawwar biż-żieda tal-konsonanti **'m'** quddiem xi verb jew nom bħal mixtla. Hemm erba' tipi ta' Nomi Mimmati: **in-nom tal-post**, **in-nom taż-żmien**, **in-nom tal-għodda** u **n-nom tal-ġemgħa**.

## 1 Ikteb in-nom tal-post taħt kull stampa. Il-kliem fil-parentesi se jgħinek.

a) 

(minn tar)

mitjar

b) 

(minn ħażen )

m

ċ) 

(minn qaddes )

m

d) 

(minn żibel)

m

## 2 Ipprova aqta' n-nom taż-żmien mill-istampi mogħtija hawn taħt.








M

## 3 Kompli t-tabella billi tikteb in-nom tal-għodda fit-tielet kolonna.

| L-Użu tal-għodda | L-Għodda | In-Nom tal-Għodda |
|---|---|---|
| a) Għodda li biha taqta' xi ħaġa. |  | M <u>q</u> <u>a</u> <u>s</u> <u>s</u> |
| b) Għodda li biha tiftaħ bieb. |  | M _ _ _ _ <u>ħ</u> |
| ċ) Għodda li biha tħokk il-ġobon jew ikel ieħor. |  | M _ _ _ _ <u>a</u> |
| d) Għodda li biha taħrat l-għelieqi. |  | M _ _ _ _ <u>t</u> |

# 4 Qabbel in-nom tal-ġemgħa mal-istampi t'hawn taħt.

a) Miklem (minn kelma)

b) Mixtla (minn xitla)

ċ) Masġar (minn siġra)

i)



ii)




iii)





Mhux kull nom li jibda bl-**'m'** huwa nom mimmat. Nomi bħal **'mantell'** u **'midalja'** **mhumiex Semitiċi** u **mhumiex ġejjin minn l-ebda kelma oħra**. Għalhekk, <u>mhumiex Nomi Mimmati</u>.

In-nom mimmat kien produttiv fl-imgħoddi imma llum **m'għadniex noħolqu nomi mimmati**, imma tajjeb li dawk li għadna nużaw nibqgħu nużawhom biex ma jintilfux.



# SRIEP U SLIELEM



**5** **Aqra l-istruzzjonijiet ta' taħt sabiex tifhem kif tintlagħab il-logħba Sriep u Slielem fuq in-nomi mimmati.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TMIEM** | 13 Il-kelma **'maħżen'** taħseb li hija nom mimmat? Iva/le | 12 Oġġett li **ssammar** fuqu: m_s_a_ | 11 Għodda li **taqdef** biha. m_q_ _f | 10 Ġemgħa ta' annimali li jirgħaw: m _ r _ l _ |
| 5 Oġġett li torqod u tistrieħ fuqu. M _ t r _ħ | 6 F'dan iż-żmien niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù. M_l_d | 7 Ipprova aqta' n-**nom tal-post**: M _ a _ r (lokalità f'Malta) | 8 Ħafna nies jużaw din l-għodda biex irewħu biha fis-Sajf. m _ e_ħ_ | 9 Għodda li permezz tagħha **tintiżen**. m_ż_n |
| 4 Il-kelma **'magna'** taħseb li hija nom mimmat? Iva/le | 3 Post fejn ikun hemm ħafna żibel (Min-nom 'żibel'). m_ż_l_ | 2 Il-bidwi juża din l-għodda biex **jaħrat** l-għelieqi. M _ ħ _ ie _ | 1 Il-kelma **'maqdes'** x'tip ta' nom mimmat hi? Nom tal-post | **BIDU** |

## ISTRUZZJONIJIET GĦAL-LOGĦBA SRIEP U SLIELEM:

**1)** Din il-logħba tista' tintlagħab b'mod individwali jew f'pari.

**2)** Kull student jew par għandu jingħata dada.

**3)** Jekk se tintlagħab f'pari, min iġib in-numru 6 jibda jilgħab l-ewwel.

# MHUX BIĊ-ĊAJT!



**6** **Aqra ċ-ċajt li ġej u wieġeb il-mistoqsija ta' kull ċajta fl-ispazzju pprovdut.**

a)

**Agħmel ċirku madwar n-nom taż-żmien.**

Liema għanja tal-Milied hija favorita tal-ġenituri?

**Lejl ta' skiet**

(Sors: Facebook)



b)

**Agħti kelma oħra li toqgħod flok il-kelma 'ċavetta' li qiegħda fil-grassett.**

Missier nervuż wara li ta xebgħa lit-tifel qallu: "Itlaq lejn kamartek u nqafel hemm u ġibli ċ-**ċavetta** lura."



**Tweġiba: M __ f t __ ħ**

(Sors: GHIO: 9)

ċ)

**Ikteb kelma oħra flok 'pjazza'.**

Ġużi lil Toni: Skużani domt għax kien hemm wieħed il-**pjazza** waqqgħatlu ħamsin Ewro.

Toni: Kont qed tgħinu jfittixha Ġuż?

Ġużi: Le, kont tfajt saqajja fuqha.

**Tweġiba: M __ s __ a __**



(Sors: Facebook)

d)

**Sib u ixgħel in-nom tal-post.**

Ġanni kien l-Imsida u ltaqa' ma' ħabib tiegħu li kien ilu ma jara.

"Kif int ħabib, għadek għarus lil Ċetta?" staqsieh Ġanni.

L-ieħor wieġbu, "Le, m'għadniex għarajjes..."

Ġanni wieġbu: "Sewwa għamilt tlaqtha ma kinitx tgħodd għalik."

Sieħbu qatgħalu kliemu u qallu: "...issa miżżewġin!"

(Sors: Facebook)

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 1:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Mimmat**

Is-sit:
learningapps.org

It-tip ta' taħriġ:
Logħba interattiva ta' tqassim tan-nomi mimmati f'gruppi

Il-ħolqa:
https://learningapps.org/view28002290

Il-QR Code:

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 2:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Mimmat**

Is-sit:
educaplay.com

It-tip ta' taħriġ:
Filmat u kwiżż

Il-ħolqa:
https://www.educaplay.com/learning-resources/13644101-in_nom_mimmat.html

Il-QR Code:

# ĊEKKJATURA TA' DAK LI TGĦALLIMT

**In-Nom Mimmat**

- X'inhu n-nom mimmat
- Il-funzjoni tan-nom mimmat
- Kif jissawwar in-nom mimmat
- It-tipi differenti ta' nomi mimmati



# KAPITLU 3

## In-Nom Astratt

"Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja" ta' Camilleri Grima (2001)
5.3.3) Janalizzaw il-forom tan-nom.

"Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10, u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024)"
Kisba: Naf kif jitnisslu nomi astratti minn nomi, verbi jew aġġettivi li ġejjin kemm mis-Semitiċi kif ukoll minn lingwi barranin.

# 3 IN-NOM ASTRATT

In-nom astratt huwa dak in-nom li jirreferi għal affarijiet li ma tistax tarahom, tmisshom, tħosshom jew ittegħmhom.

In-nomi astratti jitnisslu minn:

a) **nomi** li jfissru stat eż: **tfulija** (minn tifel),

b) **aġġettivi** li jfissru kwalità jew diffett eż: **sbuħija** (minn sabiħ) u **bluha** (minn iblah) u

ċ) **verbi** li jfissru l-għemil infinit eż: **ferħ** (minn feraħ).

## 1 Imla l-vojt bin-nomi astratti li jinsabu fil-kaxxa u li jitnisslu min-nom.

a) Iż-żmien tat-_________ huwa ż-żmien tal-innoċenza.

b) Iż-żgħażagħ għandhom jużaw l-enerġija taż-_________ tagħhom sabiex iġibu l-bidla.

ċ) M'għandniex inqisu ż-żmien tax-_________ bħala xi ħaġa negattiva iżda għandna nkunu grati li wasalna s'hemm.





**żgħożija** **xjuħija** **tfulija**

## 2 Agħżel il-blalen li qed juru nom astratt imnissel minn aġġettiv.

a)



b)



ċ)


## 3 Ikteb in-nom astratt li jitnissel mill-verbi li hemm fil-parentesi.

a)




**Spjegazzjoni**
(mill-verb spjega)

b)



____________________
(mill-verb iddiskuta)

ċ)



____________________
(mill-verb immaġina)

d)



____________________
(mill-verb ikkoreġa)

## 4 Segwi l-istruzzjonijiet sabiex tilgħab il-logħba Charades fuq in-nomi astratti.

**ISTRUZZJONIJIET GĦAL-LOGĦBA CHARADES BIN-NOMI ASTRATTI!**

**1)** L-għalliema tagħżel student u tagħtih nom astratt milli jissemma f'dan il-kapitlu.

**2)** L-istudent irid jirreċta n-nom astratt li jingħata quddiem sħabu tal-klassi mingħajr ma jlissen kelma.

**3)** L-istudenti l-oħra jridu jippruvaw jaqtgħu n-nom astratt li qed jirreċta l-istudent.

**4)** Min jaqta' n-nom astratt l-ewwel joħroġ quddiem l-udjenza u jingħata nom astratt ieħor u l-logħba terġa' tibda mill-bidu.



# Riċetta ta' Ħbiberija Leali

**5** **Imla l-vojt b'ħames nomi astratti differenti mill-ingredjenti. Il-kliem fil-parentesi se jgħinek.**

## Ingredjenti:

maħfra, simpatija, protezzjoni,

inklużjoni, kompassjoni, empatija,

onestà, sigurtà, responsabbilità,

ġenerożità, imħabba, umiltà,

ġentilezza, kompatibbilità, sensibbilità

## Metodu:

a) Itfa' 100 gr **maħfra** (minn ħafer).

b) Żid 60 ml _______________ (minn umli).

ċ) Itfa' 50 gr _________________ (minn ssimpatizza).

d) Saħħan il-forn għal madwar 180 grad, daħħal il-_________________ (minn kompatibbli) u ħallieha ssir għal siegħa.

e) Żejjen il-platt bil-________________ (minn ġeneruż) u servi!



# 6 Logħba f'Pari fuq in-Nomi Astratti

**Istruzzjonijiet għal-logħba:**

- L-istudenti għandhom jinqassmu f'pari u kull par għandu jingħata kopja ta' din ir-rota.
- L-istudenti jridu jiktbu n-nom astratt fil-linji pprovduti, jaqtgħu r-rota, jagħmlu toqba f'nofs ir-rota u jitfgħu lapes fit-toqba.
- L-ewwel waħda se sservi ta' eżempju.
- Wara li jiktbu t-tweġibiet kollha l-istudenti jistgħu jiddiżinjaw ir-rota b'kuluri differenti.



# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 1:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Astratt**

Is-sit:
wordwall.net

It-tip ta' taħriġ:
Logħba interattiva fejn wieħed jagħżel kaxxa u kif tinfetah iwieġeb il-mistoqsija

Il-ħolqa:
https://wordwall.net/resource/39206909

Il-QR Code:

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 2:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Astratt**

Is-sit:
educaplay.com

It-tip ta' taħriġ:
Tisliba interattiva

Il-ħolqa:
https://www.educaplay.com/learning-resources/13644335-tisliba_fuq_in_nomi_astratti.html

Il-QR Code:

# ĊEKKJATURA TA' DAK LI TGĦALLIMT

**In-Nom Astratt**

- X'inhu n-nom astratt ○
- Il-funzjoni tan-nom astratt ○
- Kif jissawwar in-nom astratt ○
- It-tipi differenti ta' nomi astratti ○



# KAPITLU 4

## It-Tweġibiet

F'din is-sezzjoni se ssib it-tweġibiet tal-eżerċizzji kollha minbarra dawk diġitali. L-eżerċizzji diġitali jagħtuk it-tweġibiet wara li taħdimhom. Tista' tuża din is-sezzjoni biex tirrevedi xogħlok.

# Tweġibiet: Kapitlu 1a

*It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju:*

*Noti u Taħriġiet*

Rotta 1

**Eżerċizzju 1:**

ktejjeb, satla, kuċċarina, twejqa, Toninu, ġbejna, trejqa u kmajra.

**Eżerċizzju 2:**

a) xwejjaħ

b) xwejħa



**Eżerċizzju 3:**

a) xbejba

b) tfajla

ċ) sbejjaħ

**Eżerċizzju 4:**

a) ħbejża

b) Ftajra, plattina

ċ) spagetti

d) Pastizzotti

e) Pastini

f) Figollini, kokkodina

**Eżerċizzju 5:**

Dwejra, Kampanella, Sardinella, Kmajra, Madonnina, Charlina u Ċelestina.

# Tweġibiet: Kapitlu 1b

*It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet*

Rotta 1

**Eżerċizzju 1:**
ġibjun, trumbun, kurdun, blandun u maskarun.

**Eżerċizzju 2:**
a) buras
b) arċipriet
ċ) bumnieħer
d) megaliti



**Eżerċizzju 3:**
a) paga pagun
b) safra safrun
ċ) xarba xarbun
d) bikja bikjun

**Eżerċizzju 4:**
a) suċċessun
b) sinjurun

**Eżerċizzju 5:**
maskarun, sopranaturali, kuċċarun, falkun, businna, kartun, arċisqof u bezzun.

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| y | q | n | v | v | r | y | b | e | z | z | u | n | t |
| u | m | a | s | k | a | r | u | n | l | w | e | k | o |
| o | t | j | m | l | l | e | s | t | w | d | h | z | r |
| q | w | k | u | a | r | ċ | i | s | q | o | f | w | f |
| r | d | f | a | l | k | u | n | v | e | j | j | l | g |
| k | u | ċ | ċ | a | r | u | n | c | j | l | k | r | x |
| g | s | o | p | r | a | n | a | t | u | r | a | l | i |
| x | j | e | p | v | f | o | h | e | z | i | r | d | i |
| q | d | g | b | y | w | q | y | e | u | j | t | l | n |
| w | e | j | x | d | p | n | k | l | c | m | u | l | f |
| h | q | e | s | s | o | t | j | f | c | z | n | a | n |

**Eżerċizzju 6:**

a) sinjurun

b) xebgħun

ċ) pastażun

# Tweġibiet: Kapitlu 2

*It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet*

Rotta 1

**Eżerċizzju 1:**
a) mitjar
b) maħżen
ċ) maqdes
d) miżbla

**Eżerċizzju 2:**
Milied



**Eżerċizzju 3:**
a) mqass
b) muftieħ
ċ) mħakka
d) moħriet

**Eżerċizzju 4:**
a) miklem -> ii
b) mixtla -> iii
ċ) masġar -> i

**Eżerċizzju 5:**
1) Nom tal-Post
2) moħriet
3) miżbla
4) le

5) mitraħ

6) Milied

7) Mġarr

8) mrewħa

9) miżien

10) merħla

11) moqdief

12) musmar

13) iva

**Eżerċizzju 6:**

a) Milied - Nom taż-Żmien

b) muftieħ

ċ) misraħ

d) Imsida

# Tweġibiet: Kapitlu 3

*It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju:*

*Noti u Taħriġiet*

Rotta 1

**Eżerċizzju 1:**

a) tfulija

b) żgħożija

ċ) xjuħija

**Eżerċizzju 2:**

a u b

**Eżerċizzju 3:**

a) spjegazzjoni

b) diskussjoni

ċ) immaġinazzjoni

d) korrezzjoni



**Eżerċizzju 5:**

a) maħfra

b) umiltà

ċ) simpatija

d) kompatibbilità

e) ġenerożità

**Eżerċizzju 6:**

1) qlubija

2) ħmura

3) sbejjaħ

4) ħdura

5) smura
6) kruha
7) ħxuna
8) swidija

## It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet

Hija sensiela maħsuba għall-istudenti tal-livell sekondarju li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija u jridu jsaħħu l-lingwa nattiva tagħhom. Dan il-ktejjeb fih noti u taħriġiet ta' tul u xeħta varjata mmirati għal rotta 1.

## It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet

Jitratta punti grammatikali differenti li huma dawn: in-Nomi Diminuttivi, in-Nomi Akkrexxittivi, in-Nomi Mimmati u n-Nomi Astratti. Kull taqsima għandha noti li se jinħaddmu mill-istudenti stess permezz tal-proċess tat- tinqija, kif ukoll żewġ taħriġiet varjati. Dan kollu abbażi tal-kisbiet mit- tagħlim tal-Grammatika tal-Malti kif inhu ppreżentat fis-sillabu tal-Malti ĊES 22 (2025) u fil-Programm tal-Metalingwa ĊES 22 (2025).

## It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet

Huwa għodda li tista' tiġi utilizzata mill-istudenti, mill-ġenituri, kif ukoll mill-għalliema tal-Malti sabiex jiġi koprut dak li hemm mitlub fis-sillabu tal-Malti. Bis-saħħa ta' dan il-ktejjeb it-tagħlim tan-nom se jiġi ffaċilitat u jilħaq il-miri għall-istudenti f'dawn ir-rotot. L-istudenti se jieħdu gost jaħdmu eżerċizzji interattivi ta' għamla differenti, fosthom insibu: fittiexa, il-logħba Sriep u Slielem, tisliba, riċetta ta' ħbiberija leali u ħafna aktar. Dan il-ktejjeb joffri wkoll eżerċizzji diġitali li wieħed jista' faċilment jaċċessa billi jidħol fuq il-ħoloq jew jiscanja l-QR codes ippreżentati wara kull taqsima. Fl-aħħar, wieħed isib it-tweġibiet għal kull taħriġ.

# Il-Ktieb tat-Taħriġ ta’ Rotta 2

# It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju

## Noti u Taħriġiet



## Rotta 2

Minn Shana Tabone

# It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju

## Noti u Taħriġiet



Rotta 2

Minn Shana Tabone

Proġett ippreżentat lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta

għall-Grad ta' Masters in Teaching and Learning fil-Malti

Ġunju 2023

minn Shana Tabone

Illustrazzjoni tal-faċċata tal-ktieb:
Lynn Cassar

# Ftit informazzjoni fuq il-ktieb...

It-Tagħlim tan-Nom fil-Livell Sekondarju: Noti u Taħriġiet huwa ktejjeb tat-taħriġ prattiku u sempliċi mmirat għall-istudenti fil-livell sekondarju li jinsabu fit-tieni rotta. Fih insibu noti u taħriġiet ta' għamla differenti maħdumin b'tali mod li jkopru l-kisbiet mit-tagħlim tal-grammatika kif inhu meħtieġ fis-sillabu tal-Malti ĊES 22 (2025) u fil-Programm tal-Metalingwa ĊES 22 (2025). L-eżerċizzji huma gradati b'tali mod li mill-eżerċizzji l-ħfief jimxu għal eżerċizzji aktar impenjattivi. B'kollox jitratta erba' punti grammatikali differenti fosthom: id-diminuttiv, l-akkrexxittiv, in-nom mimmat u n-nom astratt.

F'kull kapitlu tista' ssib notamenti kif ukoll eżerċizzji relatati man-nota li l-istudenti huma mħeġġin jaħdmu. Barra minn hekk, kull kapitlu se jkollu numru ta' taħriġiet interattivi abbinati ma' tema partikolari, kif ukoll taħriġiet diġitali. Dan il-ktieb għandu jkun ta' għajnuna fit-taħriġ grammatikali li huwa komponent kruċjali f'kull lingwa.

Fost it-taħriġiet li se ssib f'dan il-ktejjeb hemm:

- Agħmel ċirku madwar
- Imla l-vojt
- Fittex u mmarka
- Aqta' linja taħt
- Fittiexa
- Tisliba
- Qabbel il-kelma mal-istampa
- Kompli t-tabella
- Logħob interattiv fuq punti grammatikali differenti

Sakemm dan il-ktejjeb ma jiġix ippublikat it-tweġibiet jistgħu jinkitbu fuq il-karti tal-fajl. L-eżerċizzji diġitali jistgħu jiġu aċċessati u jinħaddmu permezz ta' apparat teknoloġiku bħall-mowbajl, tablet, laptop jew kompjuter. Hemm taħriġiet li jistgħu jinħaddmu b'mod individwali, f'pari jew fi grupp. Fuq wara tal-ktejjeb għandek issib it-tweġibiet sabiex wara li tkun lestejt xogħlok tiċċekjah. Il-ġenituri huma mħeġġa jużaw din l-għodda bħala mezz ta' reviżjoni ma' uliedhom. Dan il-ktejjeb huwa mimli b'attivitajiet maħluqin skont l-abbilitajiet differenti tal-istudenti. Il-ktejjeb iħaddem il-multimodalità, għalhekk l-istudenti mhux se jiddejqu jaħdmu l-eżerċizzji għaliex jolqtu l-preferenzi ta' tagħlim ta' kull student.

*Shana Tabone*

# Werrej

1a In-Nom Diminuttiv................7

1b In-Nom Akkrexxitiv...........11

2 In-Nom Mimmat...................18

3 In-Nom Astratt......................28

4 It-Tweġibiet..........................36



# KAPITLU 1

## In-Nom Diminuttiv u n-Nom Akkrexxittiv

"Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja" ta' Camilleri Grima (2001)
Skaluna: 5.3.3) Janalizzaw il-forom tan-nom.

"Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10, u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024)"
Kisba: Naf kif innissel nomi diminuttivi jew akkrexxittivi minn oħrajn ġejjin kemm mis-Semitiċi kif ukoll mir-Rumanz.

# 1a Id-Diminuttiv

Jitnissel min-nom jew mill-aġġettiv u juri **ċokon**, **ħlewwa** jew **rispett**.

## 1 Aqta' linja taħt in-nom diminuttiv li juri ċokon f'kull sett ta' kliem u wara mmarka karatteristika li tiddistingwih.

a) galletti**na**, ħalib, Toni

b) televixin, kelb, satla

ċ) għasfur, ġbejna, kmajra

d) twejqa, ktejjeb, kuċċarina

e) television, trejqa, Toninu







## 2 Oħroġ in-nom diminuttiv li juri rispett mill-parentesi u wara agħti spjegazzjoni ta' dan.

a) Xwejjaħ (xiħ) → Min-nom komuni 'xiħ' tnissel in-nom diminuttiv 'xwejjaħ'.

b) ______________ (xiħa) → 

## 3 Identifika l-kelma fil-parentesi sabiex wara tnissel nom diminuttiv li juri sens ta' ħlewwa minnha.

a) Meta kont għadni (bxbea -> xebba = **xbejba**) kont immur Paceville kull nhar ta' Sibt.
(n.k. = xebba; n.d. = xbejba)

b) Dik it-(ftila ->_______ =________) l-akbar ħabiba tiegħi.

ċ) Kemm hu (**asħib ->**______ = ________) dak il-kelb.



# Ta' Karmelina Kċejna Maltija

## Bar u Ristorant

**4** Imla l-vojt billi toħroġ id-diminuttiv mill-kliem fil-parentesi.

a)



________ (ħobża) tal-Malti biż-żejt

★★★★★ €5.00

b)



________ (ftira) bil-ġobon, bajd, zalzett u ________ (platt) ċips

★★★★★ €5.00

ċ)



__________(spagetti) tal-fenek

★★★★★ €12.00

d)



____________ (pastizzi) biċ-ċikkulata, ġelat u te

★★★★★ €3.00

e)



__________ (pasti) tal-lewż u te

★★★★★ €3.00

f)



____________ (figolli) u kokkodina biċ-ċikkulata maħlula

★★★★★ €4.00

27578163

www.takarmelina.com

Ta' Karmelina Kċejna Malta

Ta' Karmelina Kċejna Maltija

Menù

## 5 Nissel nom diminuttiv mill-kliem mogħti lilek sabiex ikollok lista ta' djar Maltin.



a) Sardin ⟶ **Sardinella**



b) Dar ⟶ ____________



ċ) Ġużeppa ⟶ ________________



d) Kamra ⟶ ____________



e) Ċelest ⟶ ______________

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 1:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Diminuttiv**

Is-sit:
learningapps.org

It-tip ta' taħriġ:
Logħba interattiva ta' tqabbil bejn kelma u stampa

Il-ħolqa:
https://learningapps.org/view30334463

Il-QR Code:

# 1b L-Akkrexxittiv



Jitnissel min-nom ieħor biż-żieda ta' **-un** u jintuża biex ifisser kobor, pereżempju, **kartun**. Hemm każijiet fejn in-nom akkrexxittiv jintuża wkoll fl-aġġettiv. Dan xorta waħda jifforma biż-żieda ta' **-un**, pereżmpju, xarba **xarbun**. Jeżistu wkoll xi prefissi li juru sens ta' kobor jew grad ogħla bħalma huma: **bu-**, **arċi-**, **sopra-** u **mega-**.

## 1 Identifika u pinġi l-akkrexxittivi li qed juru sens ta' kobor. Attent/a għax hemm nomi li mhumiex akkrexxittivi!



ġiraffa



trumbun



blandun



ġibjun



bankun



maskarun



kurdun



furkettun



iljunfant

**ii** X'hemm komuni bejniethom?

________________________________________________

## 2 Qabbel il-prefiss mal-kumplament tal-kelma sabiex tifforma nom akkrexxittiv li jagħmel użu mill-prefiss.

a) bu    b) mega    ċ) bu    d) arċi

priet    mnieħer    liti    ras

## 3 Oħroġ l-aġġettiv akkrexxittiv li jitnissel min-nomi t'hawn taħt u ikteb sentenza bih.

a) paga  **pagun**

L-imgħallem għadu kemm tani **paga pagun**.

b) safra 

______________________________________________

ċ) xarba 

______________________________________________

d) bikja 

______________________________________________

## 4 Oħroġ l-aġġettivi akkrexxittivi li jintużaw mingħajr in-nom li jkunu mnissla minnu mill-kliem fil-parentesi.

a) Il-laqgħa li organizzat l-Għaqda tal-Malti kienet ______________ (suċċess). 

b) L-akbar ___________ (sinjur) huwa dak li jinsab fil-paċi miegħu nnifsu u mal-kumplament tad-dinja. 

# Fittiexa tal-Akkrexxitiv

**5** **Sib u mmarka t-tmien akkrexxittivi moħbijin fil-kaxxa. Ibda billi l-ewwel tidentifika l-kliem t'hawn taħt.**

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| y | q | n | v | v | r | y | b | e | z | z | u | n | t |
| u | m | a | s | k | a | r | u | n | l | w | e | k | o |
| o | t | j | m | l | l | e | s | t | w | d | h | z | r |
| q | w | k | u | a | r | ċ | i | s | q | o | f | w | f |
| r | d | f | a | l | k | u | n | v | e | j | j | l | g |
| k | u | ċ | ċ | a | r | u | n | c | j | l | k | r | x |
| g | s | o | p | r | a | n | a | t | u | r | a | l | i |
| x | j | e | p | v | f | o | h | e | z | i | r | d | i |
| q | d | g | b | y | w | q | y | e | u | j | t | l | n |
| w | e | j | x | d | p | n | k | l | c | m | u | l | f |
| h | q | e | s | s | o | t | j | f | c | z | n | a | n |

a) karusman ____________ ☐

b) naturalisopra ________________ ☐

ċ) nurkuċċa ___________ ☐

d) nukfal ______ ☐

e) abunnis __________ ☐

f) narktu _________ ☐

ġ) ċisarqof _________ ☐

g) nuzzbe _________ ☐

# QWIEL U IDJOMI

**6** **Kompli l-qwiel u l-idjomi li ġejjin billi timla l-vojt permezz tal-kliem mis-senduq. Wara oħroġ l-akkrexxittiv minn dan il-kliem u iktbu fiċ-ċirku provdut.**

a) **L-Idjoma:** Dan l-aħħar Liam sar jilgħabha ta' sinjur.

**It-Tifsira:** Iġib ruħu daqslikieku kien sinjur.

sinjurun

b) **Il-Qawl:** Sewa ta' xemgħa biex qala' ________.

**It-Tifsira:** Ipprova jindaħal bejniethom biex jagħmilhom paċi u minflok qalagħha fuq rasu hu.

ċ) **Il-Qawl:** Lill-________ agħtih biċċa minn dejlek u erħilu jmur.

**It-Tifsira:** Qis li ma jkollok qatt x'taqsam mal-ħażin jew ma' min jieħu gost ifittex l-inkwiet.




d) Qed tara xi ħaġa komuni bejn il-kliem fl-akkrexxittiv? Jekk iva, elabora.

________________________________

________________________________

________________________________

________________________________

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 2:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Akkrexxittiv**
Is-sit:
wordwall.net

It-tip ta’ taħriġ:
Logħba interattiva fejn trid titfa' l-kliem taħt id-deskrizzjoni t-tajba.

Il-ħolqa:
https://wordwall.net/resource/55833393

Il-QR Code:

# ĊEKKJATURA TA' DAK LI TGĦALLIMT

## Id-Diminuttiv

- X'inhu diminuttiv
- Il-funzjoni tad-diminuttiv
- Kif jissawwar id-diminuttiv
- It-tipi differenti ta' diminuttiv

## L-Akkrexxittiv

- X'inhu akkrexxittiv
- Il-funzjoni tal-akkrexxittiv
- Kif jissawwar l-akkrexxittiv
- It-tipi differenti ta' diminuttiv



# KAPITLU 2

## In-Nom Mimmat

"Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja" ta' Camilleri Grima (2001)
Skaluna: 5.3.3) Janalizzaw il-forom tan-nom.

"Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10, u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024)"
Kisba: Naf kif jitnisslu nomi li juru post, żmien, għodda u ġemgħa meta dawn isiru minn verbi Semitiċi bil-preformattiva 'm' (in-nom mimmat) kif ukoll oħrajn minn kliem barrani, speċjalment mir-Rumanz.

# 2 IN-NOM MIMMAT

In-nom mimmat huwa nom **Semitiku** li jissawwar biż-żieda tal-konsonanti **'m'** quddiem xi verb jew nom bħal '**m**ixtla'. Dawn juru **post**, **żmien**, **għodda** u **ġemgħa**.

**1** **Ikteb in-nom tal-post taħt kull stampa u mmarka karatteristika f'kull kelma bħalma għandek fl-ewwel eżempju. Il-kliem fil-parentesi se jgħinek.**

a)



(minn tar)

**m**itjar

b)



(minn ħażen )

ċ)



(minn qaddes )

d)



(minn żibel)

**ii** **X'għandhom komuni dawn in-nomi? X'jissejħu?**

______________________________________________

______________________________________________

# 2 Ipprova aqta' n-nom taż-żmien mill-istampi mogħtija hawn taħt.








# 3 Kompli t-tabella billi tikteb il-verb fl-ewwel kolonna u n-nom tal-għodda li jitnissel minnu fit-tielet kolonna.

| L-Użu tal-għodda | L-Għodda | In-Nom tal-Għodda |
|---|---|---|
| a. Għodda li biha taqta' xi ħaġa. |  | M q a s s |
| b. Għodda li biha _______ bieb. |  | M _ _ _ _ _ |
| ċ. Għodda li biha ________ il-ġobon jew ikel ieħor. |  | M _ _ _ _ _ |
| d. Għodda li biha _______ l-għelieqi. |  | M _ _ _ _ _ |

## 4 Qabbel in-nom tal-ġemgħa mal-istampi t'hawn taħt. Attent/a għax hemm xi kliem li mhuwiex nom mimmat.

a) 


b) 

ċ) 

**Miklem**

**Misraħ**

**Mixtieqa**

**Minkeb**

**Mixtla**

**Masġar**

Mhux kull nom li jibda bl-**m** huwa nom mimmat. Nomi bħal **'mantell'** u **'midalja'** **mhumiex Semitiċi** u **mhumiex ġejjin minn l-ebda kelma oħra**. Għalhekk, <u>mhumiex Nomi Mimmati</u>.

In-nom mimmat kien produttiv fl-imgħoddi imma llum **m'għadniex noħolqu nomi mimmati.** Madankollu tajjeb li dawk li għadna nużaw nibqgħu nużawhom biex ma jintilfux.

N.B. Fil-Malti nsibu nomi oħra li juru **post** jew **għodda** u li <u>mhumiex mimmati</u> għax ġejjin minn **kliem barrani** u **ma jibdewx bil-konsonanti 'm'** bħal dawk Semitiċi.
eż: pizz**erija**, frisk**atur**, spann**er**.





# SRIEP U SLIELEM



**5** **Aqra l-istruzzjonijiet ta' taħt sabiex tifhem kif tintlagħab il-logħba Sriep u Slielem fuq in-nomi mimmati.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TMIEM** | **18**<br>Il-kelma **'maħżen'** taħseb li hija nom mimmat?<br>Iva/le | **17**<br>Oġġett li **ssammar** fuqu.<br>m _ _ _ _ _ | **16**<br>Għodda li taqdef biha.<br>m_ _ _ _ f | **15**<br>Ġemgħa ta' annimali li jirgħaw.<br>m _ _ _ _ _ |
| **14**<br>In-nom mimmat li qed tara fl-istampa.<br>m_ _ _ _a | **13**<br>**Għodda** li biha wieħed jiknes.<br>m _ _ _ _ _ _ | **12**<br>Għodda li biha wieħed **jagħżaq**.<br>m _ _ _ _ _ | **11**<br>**Nom tal-post** li jissejjaħ ukoll **'pjazza'**.<br>m_ _ _ _ _ | **10**<br>Il-post fejn wieħed **jonsob**.<br>m_ _ _ _ _ |
| **5**<br>Oġġett li torqod u tistrieħ fuqu.<br>m_ _ _ _ ħ | **6**<br>F'dan iż-żmien niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù. | **7**<br>Ipprova aqta' n-**nom tal-post**:<br>M _ _ _ _<br>(lokalità f'Malta) | **8**<br>Ħafna nies jużaw din l-għodda biex irewħu biha fis-Sajf.<br>m _ _ _ _ _ | **9**<br>Għodda li permezz tagħha tintiżen.<br>m _ _ _ _ |
| **4**<br>Il-kelma **'magna'** taħseb li hija nom mimmat? Iva/le | **3**<br>Post fejn ikun hemm ħafna żibel.<br>m_ _ _ _ _ | **2**<br>Il-bidwi juża din l-għodda biex jaħrat l-għelieqi.<br>m _ _ _ _ _ | **1**<br>Il-kelma **'maqdes'** x'tip ta' nom mimmat hi?<br>Nom tal-post | **BIDU** |

## ISTRUZZJONIJIET GĦAL-LOGĦBA SRIEP U SLIELEM:

**1)** Din il-logħba tista' tintlagħab b'mod individwali jew f'pari.
**2)** Kull student jew par għandu jingħata dada.
**3)** Jekk se tintlagħab f'pari, min iġib in-numru 6 jibda jilgħab l-ewwel.
**4)** L-għalliema tista' talloka ħin u l-istudenti jridu jżommu miegħu.

# MHUX BIĊ-ĊAJT!



## 6 Aqra ċ-ċajt li ġej u wieġeb il-mistoqsija ta' kull ċajta.

a)

**Agħmel ċirku madwar n-nom mimmat u ikteb x'tip hu.**

Liema għanja tal-Milied hija favorita tal-ġenituri?

**Lejl ta' skiet**



**Tweġiba:** ____________

(Sors: Facebook)

b)

**Agħti kelma oħra li toqgħod flok il-kelma 'ċavetta' u ikteb x'tip hi.**

Missier nervuż wara li ta xebgħa lit-tifel qallu: "Itlaq lejn kamartek u nqafel hemm u ġibli ċ-**ċavetta** lura."

(Sors: GHIO: 9)



**Tweġiba:** __ __ __ __ __ __

ċ)

**Ikteb kelma oħra flok 'pjazza' u għid ta' liema tip hi.**

Ġużi lil Toni: Skużani domt għax kien hemm wieħed il-**pjazza** waqqgħatlu ħamsin Ewro.

Toni: Kont qed tgħinu jfittixha Ġuż?

Ġużi: Le, kont tfajt saqajja fuqha.

(Sors: Facebook)

**Tweġiba:**______________________

______________________________

d)

**Sib u ixgħel in-nom mimmat u għid x'tip hu.**

Ġanni kien l-Imsida u ltaqa' ma' ħabib tiegħu li kien ilu ma jara.

"Kif int ħabib, għadek għarus lil Ċetta?" staqsieh Ġanni.

L-ieħor wieġbu, "Le, m'għadniex għarajjes..."

Ġanni wieġbu: "Sewwa għamilt tlaqtha ma kinitx tgħodd għalik."

Sieħbu qatgħalu kliemu u qallu: "...issa miżżewġin!"

(Sors: Facebook)






e)

**Oħroġ in-nom tal-post min-nom 'ġelat'. Wara ikteb huwiex nom mimmat jew le.**

Għaliex l-ewwel kilt il-**ġelat** imbagħad il-minestra?

Għaliex illum qiegħed inħoss l-istonku jaħdem bil-maqlub!

(Sors: Farrugia, 2022)

**Tweġiba:** ______________________

______________________________

f)

**Immarka n-nom mimmat u ikteb x'tip hu.**

It-tifel kien qed jara film tal-Indjani. Dawn kienu qed jinżebgħu għall-gwerra u t-tifel staqsa lil missieru: "Pa, dawk x'qed jagħmlu?"

"Dawk qed jippreparaw għall-gwerra," wieġbu.

L-għada filgħodu, it-tifel mar jiġri jgħid lil missieru: "Pa, jaqblilna nistaħbew għax il-mamà qiegħda quddiem il-mera tlesti għall-gwerra!"

(Adattament ta' ċajta meħuda minn Farrugia, 2022)

ġ)

**Taħseb li l-Bormla, il-Birgu u l-Isla jitqiesu bħala nomi tal-post? Agħti spjega għat-tweġiba tiegħek.**

Mistoqsija: Semmi tliet pajjiżi li jinsabu fl-Ewropa.

Tweġiba: **Bormla**, il-**Birgu** u l-**Isla**.

(Sors: Portelli, 2019)

**Tweġiba:**______________________

______________________________



Rokna taċ-ċajt



# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 1:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Mimmat**

Is-sit:
learningapps.org

It-tip ta' taħriġ:
Logħba interattiva ta' tqassim tan-nomi mimmati f'gruppi

Il-ħolqa:
https://learningapps.org/display?v=phs2er2t523

Il-QR Code:

# Eżerċizzju diġitali



**Eżerċizzju 2:** Aħdem dan l-eżerċizzju billi tidħol fuq il-ħolqa jew tuża l-QR code.

**In-Nom Mimmat**

Is-sit:
educaplay.com

It-tip ta' taħriġ:
Filmat u kwiżż

Il-ħolqa:
https://www.educaplay.com/learning-resources/14729107-in_nom_mimmat.html

Il-QR Code:

# ĊEKKJATURA TA' DAK LI TGĦALLIMT

**In-Nom Mimmat**

- X'inhu n-nom mimmat ◯
- Il-funzjoni tan-nom mimmat ◯
- Kif jissawwar in-nom mimmat ◯
- It-tipi differenti ta' nomi mimmati ◯



# KAPITLU 3

## In-Nom Astratt

"Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja" ta' Camilleri Grima (2001)
5.3.3) Janalizzaw il-forom tan-nom.

"Il-Programm tal-Metalingwa: Id-9, l-10, u l-11-il sena (Malti ĊES 2021-2024)"
Kisba: Naf kif jitnisslu nomi astratti minn nomi, verbi jew aġġettivi li ġejjin kemm mis-Semitiċi kif ukoll minn lingwi barranin.

# 3 IN-NOM ASTRATT

In-nom astratt huwa dak in-nom li jirreferi għal affarijiet li ma tistax tarahom, tmisshom, tħosshom jew ittegħmhom.

In-nomi astratti jitnisslu minn:

a) **nomi** li jfissru stat eż: **tfulija** (minn tifel),

b) **aġġettivi** li jfissru kwalità jew diffett eż: **sbuħija** (minn sabiħ) u **bluha** (minn iblah) u

ċ) **verbi** li jfissru l-għemil infinit eż: **ferħ** (minn feraħ).

## 1 Imla l-vojt bin-nomi astratti li jitnisslu min-nom u wieġeb domanda ii.

a) Iż-żmien tat-**tfulija** huwa ż-żmien tal-innoċenza.

b) Iż-żgħażagħ għandhom jużaw l-enerġija taż-____________ tagħhom sabiex iġibu l-bidla.

ċ) M'għandniex inqisu ż-żmien tax-_________ bħala xi ħaġa negattiva iżda għandna nkunu grati li wasalna s'hemm.



d) Iċ-ċurkett tal-____________ li Sheldon ta lil Hailey kien kollu djamanti.

e) Il-____________ ta' Daniel u Sarah hija leali.

**ii** Qed tara xi ħaġa komuni bejn dawn in-nomi astratti? Jekk iva, spjega t-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________________________

## 2 Oħroġ in-nomi astratti mill-aġġettivi t'hawn taħt.

a)



b)



ċ)



d)



e)



f)



ġ)



g)


## 3 Ikteb sentenza bin-nom astratt li jitnissel mill-verbi li hemm fil-parentesi.

a) **Spjegazzjoni** (mill-verb 'spjega')

L-ispjegazzjoni li tat l-għalliema Vella kienet waħda professjonali.



_______________________________________________________________________

b) _____________ (mill-verb 'iddiskuta')



_______________________________________________________________________

ċ) _____________ (mill-verb 'immaġina')



_______________________________________________________________________

d) _____________ (mill-verb 'ikkoreġa')



_______________________________________________________________________

e) _____________ (mill-verb 'ġie')



_______________________________________________________________________

f) _____________ (mill-verb 'qorob')



_______________________________________________________________________

## 4 Segwi l-istruzzjonijiet sabiex tilgħab il-logħba Charades fuq in-nomi astratti.

**ISTRUZZJONIJIET GĦAL-LOGĦBA CHARADES BIN-NOMI ASTRATTI!**

**1)** L-għalliema tagħżel student u titolbu joħroġ b'nom astratt minn moħħu.

**2)** L-istudent jintalab jirreċta n-nom astratt li ħareġ bih quddiem sħabu tal-klassi mingħajr ma jlissen kelma.

**3)** L-istudenti l-oħra jridu jippruvaw jaqtgħu n-nom astratt li qed jirreċta l-istudent.

**4)** Min jaqta' n-nom astratt l-ewwel joħroġ quddiem l-udjenza u jingħata nom astratt ieħor u l-logħba terġa' tibda mill-bidu.



# Riċetta ta' Ħbiberija Leali

**5** **Imla l-vojt b'ħames nomi astratti differenti. Il-kliem fil-parentesi se jgħinek.**

## Ingredjenti:

a) **maħfra**

b) ______________

ċ) ______________

d) ______________

e) ______________

f) ______________

## Metodu:

a) Itfa' 100 gr **maħfra** (minn ħafer).

b) Żid 60 ml ______________ (minn umli).

ċ) Itfa' 50 gr ______________ (minn ssimpatizza).

d) Żid 70 gr ________ (minn onest).

e) Saħħan il-forn għal madwar 180 grad, daħħal il-______________ (minn kompatibbli) u ħallieha ssir għal siegħa.

f) Żejjen il-platt bil-______________ (minn ġeneruż) u servi!



# 6 Logħba f'Pari fuq in-Nomi Astratti

**Istruzzjonijiet għal-logħba:**

- L-istudenti għandhom jinqassmu f'pari u kull par għandu jingħata kopja ta' din ir-rota.
- L-istudenti jridu jiktbu n-nom astratt fil-linji pprovduti u l-għerq tiegħu, jaqtgħu r-rota, jagħmlu toqba f'nofs ir-rota u jitfgħu lapes fit-toqba.
- L-ewwel waħda se sservi ta' eżempju.
